# IL-ĦAJT TA' MALTA

## U STEJJER OĦRA

BERNARD MICALLEF



# IL-ĦAJT TA' MALTA

## u stejjer oħra.

Bernard Micallef

UNIVERSITY OF MALTA - MAIN LIBRARY -
160867

*Stampat fil-Printwell Ltd.*
*Malta - 1988*
*© Drittijiet miżmuma mill-awtur.*

Lil Alla u lill-bniedem

*Kelmtejn Qabel*

Il-kelma. Għax verament, hija nieqsa imma timplika kollox.

Bernard Micallef

# WERREJ

Tmien Kantunieri.......................................................................7

Stejjer tat-Tfal.......................................................................17

Tifel.......................................................................21

Il-Kamra l-Vojta.......................................................................28

Pietru Pawl.......................................................................34

Meta Ftaħt it-Tieqa.......................................................................40

Jaħasra Ġanni.......................................................................47

Twil il-Pigmi.......................................................................50

Id-Djarju ta' Frank.......................................................................54

Nataljena.......................................................................65

Il-Ħajt ta' Malta.......................................................................71

## TMIEN KANTUNIERI

Dal-bniedem mar għax-xogħol bħas-soltu. Daħal fl-uffiċċju tiegħu u beda jaħdem, iqalleb karti u jniżżel noti li hu biss kien jifhem. Nies deħlin u ħerġin fl-uffiċċju qishom nemel, joħdulu rasu b'affarijiet żgħar u banali. U hu jkollu jissaportihom għax dak hu xogħlu. Imbagħad ikollu jniżżel l-isem ta' kulħadd biex ma jinsa lil ħadd għax jekk tinsa wieħed minnhom imur għand min għandu jmur u jdendlek. Imma min-naħa l-oħra ma setax jitlaq xogħlu, u n-nies jekk jevitahom fuq ix-xogħol se jarahom fit-triq. Id-dinja wara kollox hi nvażata bin-nies.

Ġieli ħaseb li jkun fuq dinja oħra għalih waħdu, mhux għax kien ta' waħdu, imma għax kien hemm wisq ma' min ma jparlax, ma jiftaħx qalbu, ma jidħakx u jibki. Fuq dinja oħra waħdu seta' jistrieħ minn din il-laqgħa vojta ma' razztu.

Għal minuta jew tnejn ma daħal ħadd fl-uffiċċju. Ħa nifs twil u pprova jlaħħaq dak ix-xogħol dejjem tiela' fuq il-mejda quddiemu. Minuta, tnejn, tlieta u taħbita oħra fuq il-bieb.

"Għaddi." Il-kelma kienet f'ħalqu tispara kważi eżatt ma' kull taħbita.

Il-bieb infetaħ u daħlet kaxxa. Il-kaxxa qagħdet quddiem il-mejda tistennieh igħolli għajnejh. Kienet kaxxa t-tul ta' bniedem, sewda u bħal kull kaxxa normali oħra.

Waqaf mix-xogħol li kellu u ħares 'il fuq. Għall-ewwel għajnejh ma tawx kas dak li kienu qegħdin jaraw, imbagħad infetħu beraħ bħal żewġ ċrieki kbar tondi, jibilgħu dak li ma setgħux jemmnu. Kaxxa sewda sempliċi ma kienx postha f'uffiċċju. Min kien daħħalha? Għalfejn? Qam f'salt mill-ħasda li ġiet fuqu, ressaq is-siġġu lura, intrefa' bilwieqfa u dar mal-mejda għal ma' ġenb il-kaxxa. Rigal? Jew forsi xi ċajta prattika minn sħabu tax-xogħol? X'setgħet kienet aktar?

Tbissem bla ma jaf għalfejn, u ressaq idu biex ifittex tweġiba mill-kaxxa stess. Il-kaxxa nħasdet u resqet lura f'dawra mgerrxa. Bdiet tgħajjat u twerżaq, tgħidlu minn kull xorta ta' kliem. Moħħu baqa' ċass lejn dak li kien qed jiġri. Kaxxa sewda, fl-uffiċċju tiegħu, tgħajjat li hu qed jieħu l-kunfidenza.

Għal sekonda jew tnejn il-kaxxa u hu baqgħu jħarsu lejn xulxin, jibżgħu minn xulxin. Quddiemu kellu kaxxa komuni, it-tul tiegħu, rettangulari, misterjuża fis-sempliċità tagħha, kaxxa li tparla, li tiċċaqlaq

kif għamlet meta messha. Il-kaxxa quddiemu rat bniedem li flok jagħmel xogħlu ġie japprofitta ruħu, biex jieħu l-kunfidenza, biex jittanta b'mod l-aktar baxx.

Il-ħin ta' l-iskantament għadda: marret tiġri 'l barra mill-uffiċċju waqt li hu bela' b'għajnejh id-dehra stramba ta' kaxxa tiġri.

Mar ħdejn il-magna tal-kafè u straħ magħha għax ħass sturdament riesaq. Jaf x'kien qed jiġrilu, kien storda u qed joħlom. Issa jqum u jsib ruħu bilqiegħda fuq siġġu bi sħabu tax-xogħol iduru bih u jgħidulu biex jistrieħ. Kemm se jidħku meta jgħidilhom x'ħolom. Minn ħdejn il-magna tal-kafè mar bilqiegħda mill-ġdid u niżżel rasu fuq idejh.

Barra l-bieb instema' storbju sħiħ ġej. Fl-aħħar il-bieb infetaħ beraħ u daħlu xi ħames kaxxi kbar kollha jgħajtu, jargumentaw u jsikktu lil xulxin.

Għolla wiċċu u qarras xofftejh: kien għadu m'għaddilux. Kaxxa sewda resqet mal-mejda.

"Int missejt lil binti ?"

"Jien?" Baqa' jħares lejn kaxxa sewda quddiemu li kienet qed tparla. Kellu aptit jidħak, kaxxa tistaqsih jekk messx lil bintha. Imma le, din hi xi ħolma, is-sħana telgħet għal rasu. Forsi tajjeb jieħu tazza kafè.

Qam minn postu u mar ħdejn il-magna tal-kafè, iħares il-ħin kollu lejn il-ħames kaxxi li daru miegħu fl-uffiċċju.

"Jekk ma jimpurtax ħa nieħu tazza kafè għax naħseb li qiegħed f'ħolma u aħjar niġi f'sensija. Taf int, mhux soltu niltaqa' ma' kaxxi jitkellmu."

"Int mingħalik trid tgħaddi ż-żmien bija hux? Mela ħudha la trid titkessaħ"

X'ġara eżatt wara ma fehemx. Ħass bħal daqqa qawwija fuq geddumu u sab ruħu ma' l-art. L-uffiċċju mtela agħjat, min igħajjat li jrid joqtlu, min igħajjat "Żommuh!"; beda jara kollox idur bih u ħames kaxxi jitgerbu fuq xulxin, jagħmlu għal xulxin, jiġru ma' l-uffiċċju. Ra affarijiet jaqgħu mill-mejda, karti jtiru qisu f'xi festa, u tgerbeb 'l hawn u 'l hemm ma' l-art biex jevita l-kaxxi li kienu ġġennu. Kaxxa minnhom imma resqet lejh u ħass daqqa oħra fuq ġenbu. Intlewa tnejn jokrob. Żewġ kaxxi oħra marru fuq dil-kaxxa jimbuttawha lura.

L-ilħna komplew jitħalltu: fosthom seta' jisma' l-vuċi ta' tnejn minn sħabu tax-xogħol. Ħares mibluh lejn il-kaxxi. Kellu aptit jaqbad ikisser rasu mal-ħajt biex forsi jifhem x'kien qed jiġri. Il-kaxxi komplew jargumentaw, jimbuttaw lil xulxin. Seta' jisma' l-ilħna ta' sħabu jaqbżu

għalih.

"Dak mhux ta' hekk. Dak miżżewweġ, għandu tifla. Qatt ma ħa kunfidenza ma' ħadd!"

"Dak mess lil binti. Xi ħsibtha 'l binti se tiġi tħarref? Dak noqtlu rrid."

Bilmod il-kaxxi bdew resqin lejh bla ma jafu. Sa fl-aħħar l-argument reġa' saħan. Kaxxa minnhom resqet għal fuqu, oħra bdiet tgħajjat: "Le, pa, le!" Malajr żewġ kaxxi resqu fuq ta' qabel u nqalbu t-tlieta. Ħass għadmu jitfarrak taħt it-toqol ta' tliet kaxxi. Kienu x'kienu dawk il-kaxxi żgur ma kinux vojta.

Tkaxkar kif seta' lejn il-bieb. Ma setax jibqa' hemm ġew jaqla' bla ħtija.

Ħareġ jiġri kemm jiflaħ. Uġigħ ħass kullimkien, imma ma setax jieqaf. Idu marret istintivament fuq ġenbu 'l fuq. Kif messet il-kustilji nġibdet lura. Kellu kustilja miksura. L-uġigħ kompla jikber. Beda jieħu nifs qawwi bil-ġiri u ma' kull nifs ġenbu ried jinqasam. Ma beża' minn xejn f'għomru kollu, imma l-uġigħ issa beda jwerwru. Fejn se jaqbad imur fl-istat li kien? Sptar? Moħħu riedu jaħrab. Jaħrab? Għalfejn kellu jaħrab jekk ma kien għamel xejn? Għalfejn kellu jaħrab mill-uffiċċju meta ma kellu ebda ħtija? Kien qed iġib ruħu ta' kriminal.

Imma bilfors kellu jaħrab: dawk il-kaxxi. Jew kien qed joħlom, jew moħħu m'għadux f'sensih. Forsi ġġennen! Miġnun? Le, dik qatt ma qalha fuqu nnifsu. Tassew, imma qatt qabel ma kien ġralu kif qed jiġrilu issa. Kif jista' jkun miġnun? Allaħares!

Kompla jiġri kif seta', idu tipproteġi l-kustilja miksura, idu l-oħra timxi 'l quddiem u lura mal-ġiri. Fejn sejjer? Wasal ħdejn il-bieb t'isfel wara li niżel it-taraġ kollu. Fittex lil Pawlu l-purtinar li jkun għassa mal-bieb, biex forsi jiftaħlu. Ma rahx.

Ħasda! Mal-bieb ra kaxxa sewda donnha tistennieh. Waqaf f'salt, jilheġ u jħares lejha mingħajr ma seta' jara espressjoni. X'espressjoni tista' tara f'kaxxa komuni sewda? Kellha erba' naħat, saqaf u qiegħ, u anqas biss kien jaf jekk kinetx qed tħares lejh jew le. X'ġenn! Moħħu żgur kien telaq. Hu żgur bniedem miġnun. Miġnun? Tista' tkun miġnun u tkun taf li int miġnun? L-uġigħ mill-kustilja reġa' beda ġej mill-ġdid. Ried kieku jintelaq għal tulu fl-art, u ma jimpurtah minn xejn iżjed. Imma minflok resaq lejn il-bieb.

"Ħaj! Diġà ħerġin mix-xogħol dalgħodu? X'taħdmu hemm fuq qiskom jien."

Baqa' jħares ċass, ħalqu miftuħ, lejn il-kaxxa mal-bieb. Il-leħen kien ta' Pawlu l-purtinar. Il-kaxxa baqgħet tħares lejh.

"Ġralek xi ħaġa jew? Donnok mhux f'siktek illum. Jaqaw ma tiflaħx?"

B'idu l-libera fetaħ il-bieb, waqt li l-uġigħ f'ġenbu kiber u ħareġ igħaġġel 'il barra.

Barra mill-bini fejn kien jaħdem għamel żewġ passi 'l fejn kellu l-karozza, imbagħad waqaf. Kullimkien, sa fejn setgħu jlaħħqu għajnejh, kien mimli kaxxi kbar suwed jagħmlu l-aktar ħwejjeġ strambi li wieħed jista' jimmaġina li kaxxa tagħmel.

Ra kaxxi jimxu, kaxxi jparlaw, kaxxi jħarsu lejn il-ħwienet, kaxxi jsuqu l-karozzi, kaxxi f'karozzi tal-linja, kaxxi jnaddfu t-triq, kaxxi jixtru l-gazzetta, kaxxi kullimkien. Dawwar bilmod rasu minn naħa għal oħra jifli t-triq b'ħarsa mibluha. Baqa' skantat f'ħajja mimlija kaxxi.

Bl-akbar kalmezza żewġ kaxxi għaddew minn ħdejh iparlaw fuq ix-xiri li għamlu. Għal mument nesa l-uġigħ li kellu f'ġenbu u telaq jiġri kemm jiflaħ. Wiċċu kien mimli biża'. Bla ma jaf fejn sejjer baqa' jiġri sakemm reġa' beda jħoss l-uġigħ f'ġenbu.

Waqa'.

Kif qam mill-ħass ħażin sab ruħu fl-art imdawwar b'ħafna kaxxi kollha jimbuttaw biex jaraw x'ġara.

"Jaqaw attakk f'qalbu?" seta' jisma' waħda mill-kaxxi tgħid fost it-tgeġwiġija ta' kliem.

"Le. Ħass ħażin biss. Aħjar insejħu tabib imma. Ma tafx x'jista' jiġrilu."

"Donnu qed iqum."

"Kif int sieħbi? Tak ħass ħażin? Tridx tistrieħ hawn fuq dal-bank?"

Wiċċu sfar bil-biża'. Kaxxa minnhom resqet lejh. Imbuttaha lura kif seta' u qam bilwieqfa. L-uġigħ beda jġennu. Il-kustilja ċċaqalqet u bdiet tmiss mal-laħam ġewwa. Ħass ġenb wieħed kollu, minn fuq s'isfel, bla saħħa, imma għamel ħiltu u b'pass mgħaġġel kompla miexi. Seta' jisma' ilħna jgħajtuh warajh.

"Li ma kienx bhima, minfuq li qed ngħinu. Aħjar tlaqnieh hemm ma' l-art. Dan x'bhima hu?!"

"Int messek m'għintu xejn!"

"Fejn kont naf jien? Rajtu ħassu ħażin ..."

Fil-mixi tiegħu beda daqqa jaħbat ma' xi kaxxa, daqqa se jerġa' jaqa' fl-art bl-uġigħ. Fejn sejjer ma jafx. Għalih bħal issa imbasta jimxi. Qed

jaħrab? Minn xiex kien qed jaħrab? Id-dinja saret tal-ġenn. Ġenn! Dik hi, hu kien qed jiġġennen u jaf li qed jiġġennen. Imma għalissa ħadd ħliefu ma jaf. Allaħares jindunaw, jitfgħuh f'xi sptar jew ħabs. Miġnun! Kien miġnun maħrub. Qed jaħrab minnu nnifsu.

Kellu aptit jibda jkisser kulma jara quddiemu. Għalfejn kien qed jiġġennen? Għalfejn issa, meta kien raġel miżżewweġ kuntent b'tifla waħda.

Id-dmugħ niżel minn għajnejh. Kien qed jibki? Raġel qed jibki? Kemm, kemm kien ilu ma jibki! Forsi kien qed jibki minħabba l-uġigħ, forsi minħabba li kien miġnun. Ma jafx.

Inħasad x'ħin kaxxa sewda waqfet quddiemu u ma ħallitux jimxi.

"Ara 'l min qed nara. X'sar minnek kemm ili ma narak? Il-mara tajba? Baqa' jħares ċass lejn il-kaxxa. Kienet kaxxa normali, twerwru bis-sempliċità tagħha. Moħħu mtela turmenti jaħarqu dwar jekk kienx miġnun hu, jew kinetx inbidlet għal kollox id-dinja. Għajnejh ġrew iddisprati ma' tul il-kaxxa jippruvaw isibu ħjiel ta' dan it-taħwid kollu. Is-sempliċità, il-kruha tal-kaxxa kompliet iġġennu. Kaxxa mhux suppost titkellem. Kaxxa mhux suppost timxi, għax kaxxa hi kaxxa. Beda riesaq ħass ħazin ieħor: fejn kien qiegħed, xi ġralu moħħu? Il-kaxxa għamlet pass lejh.

"Jaqaw ġralek xi ħaġa? Ma tiflaħx jew forsi m'għaraftnix?"

Imma x'ix-xjaten kien hemm x'tagħraf f'kaxxa? Erba' kantunieri isfel u fuq, erba' naħat, saqaf u qiegħ, iswed, x'kien hemm iżjed? Moħħu beda jbaqbaq. Jekk ma kienx miġnun issa żgur li beda jiġġennen. Għajnejh miksurin komplew jiflu minn fuq s'isfel il-kaxxa. Forsi kellu xi ħaġa ħażina f'għajnejh Le. Kif jista' jkun dal-kaxxi kollha!

F'disperazzjoni sħiħa mbutta l-kaxxa minn quddiemu u kompla jgħaġġel. Għajnejh ħallihom lejn l-art għax ma felaħx jara aktar taħwid. Snienu għażżiżhom flimkien biex forsi jtaffi l-infern t'uġigħ li kien ġej minn ġenbu. Kellu aptit jagħti fuq ġenbu biex ikompli jfarrak il-kustilja. Ir-rabja bdiet tieħu post il-biża'. Id-dehra tiegħu, iżda, kienet ta' bniedem imfarrak taħt tensjoni qawwija. Bilmod beda jħossu jitgħaffeġ mhux taħt l-uġigħ fiżiku tiegħu — dak ma kien xejn — imma bil-ħsieb kontinwu li hu miġnun, li d-dinja u hu ma baqgħux magħqudin f'ħajja li hi l-istess għalih u għal kulħadd.

Kulħadd! Fejn kien kulħadd? Ħlief kaxxi ma setax jara. Wasal f'tarf ta' bankina u se jaqsam meta kaxxa sewda qabditu minn idu. Inġibed lura· u kien se jaqbad jagħti biex jeħles lilu nnifsu.

"Kk jogħġbok tista' taqsamli? Jien xiħa jaħasra."

B'ħarsa belħana baqa' jifli l-kaxxa quddiemu tistennich igħidilha iva jew le. Idu baqgħet miżmuma bla ma l-kaxxa dehret qed iżżommhielu. Ipprova jinġibed lura imma għalxejn. Għal ftit sekondi oħra baqa' kwiet perfett bejnu u bejn il-kaxxa. Ma setax jaħseb aktar. Li jipprova jifhem biss sar turment f'dak il-ftit ħin li għadda mindu ħarab mix-xogħol. Ħares madwaru biex jara waqfux xi kaxxi oħra jħarsu lejh.

"Kollox sew," qal b'rasu baxxuta, "Ejja."

Dawwar id waħda madwar il-kaxxa u l-oħra ħallieha miżmuma kif kienet. Għamel xi żewġ passi bilmod fit-triq. Il-kaxxa mxiet miegħu waqt li hu għarrex b'għajnejh biex jara jekk kellhiex par saqajn. Ġenbu kompla jikwi. Forsi din kienet ċajta kbira ħafna li kulħadd kien qed jagħmel fuqu billi jilbes ta' kaxxa. Kieku saqajhom jidhru imma huma u mexjin.

Kif qasam it-triq dar lejn il-kaxxa.

"Imma din xi ċajta hux?"

"X'ċajta hi ruħi? Jien irrid min jaqsamli t-triq għax waħdi m'għadnix kapaċi. Mela mhux ċajta!"

"Taf għaliex qed ngħid: għalfejn kulħadd qiegħed f'kaxxa?"

"X'kaxxa hi? Xi ġralek ibni, donnok mhux f'siktek."

"Xejn, xejn —għax, ma taranix differenti minnek?"

"Differenti? U żgur, kemm jista' għandek - erbgħin jew viċin. Jien dieħla fis-sebgħin u żmagajt."

Għaddas rasu, gerger tnejn, u baqa' sejjer igħaġġel. Xi kultant beda jgħolli rasu biex jara hu jew id-dinja ġietx f'sikitha. Bl-istess mod li kollox sar hekk kollox jerġa' lura.

• Imma għalxejn, madwaru kullimkien ra kaxxi jaħdmu, jistrieħu, jimxu, jitkellmu, jidħku. Ta' l-għaġeb.

Minn wara kantuniera li kien riesaq lejha ħarġu tliet kaxxi. Waqfu ħdejn xulxin jimblukkawlu trieqtu. Dar u kien se jaqbad jiġri imma warajh kellu tliet kaxxi oħra. F'disprament fittex minfejn joħroġ miċ-ċirku li għamlu madwaru. Ma jafx kellux jibża' jew jirrabja. Moħħu qallu biss biex jaħrab. Il-kaxxi ma kellhom ebda espressjoni imma l-imġiba tagħhom urietu li m'humiex ħbieb. Komplew jagħlqu fuqu, u hu jdur qisu bhima maqbuda f'gaġġa. F'ferneżija ta salt għal fuq il-kaxxi ta' naħa. M'għamel xejn u ġenbu ma qagħadx kwiet għal dan l-isforz. L-uġigħ ma setax jissaportih aktar u niżel għarkubbtejh jingħi u jżomm idejh fuq il-kustilji.

L-aħħar ħaġa li ftakar jara kienet id-dehra ta' ħafna kaxxi kbar, 'il fuq sew minnu, iduru, iduru madwaru, jitħalltu ma' kull kulur. Imbagħad għalaq għajnejh.

---

Qam. Għajnejh daru ma' kullimkien jiflu l-inħawi. Kien f'kamra. Il-kamra ma kinetx familjari. Kien f'sodda. Fil-kamra kien hemm apparat mediku - sptar! Daħħluh ġo sptar żgur. Ipprova jqum. Ħass reżistenza minn idejh u saqajh u fehem li kien maqful mas-sodda. Għolla ftit rasu u seta' jara li qaddu sa sidru kien imfaxxat.

Reġa' straħ lura fis-sodda. Sakemm jibqa' maqful żgur li ma seta' jagħmel xejn.

Għaddiet xi nofs siegħa u f'dak il-ħin seta' jaħseb sew fuq dak kollu li kien għadda minnu. Ftakar fl-uffiċċju, fil-kaxxi, fl-uġigħ ta' ġenbu. Reġa' sab ruħu jittama li kulma kien għadda minnu kien ħolma. Jista' jkun ukoll li kien ilu li weġġa' u dak il-ħin kollu kien l-isptar joħlom. Allaħares kellu jerġa' lura lejn dak il-ġenn ta' qabel.

U kieku kien qed joħlom?

Il-mistoqsija baqgħet fil-qiegħ ta' moħħu twaqqagħlu t-tama kollha. L-indeċiżjoni reġgħet bdiet timlieh nervi. Moħħu tkemmex. Kieku kien qed joħlom biss għalfejn rabtuh mas-sodda?

Ħa nifs qawwi 'l ġewwa biex jistrieħ minn ħsebijietu. Quddiem għajnejh reġa' beda jara miljuni ta' kaxxi suwed kollha mexjin lejh. Kaxxa tistaqsih biex jaqsmilha t-triq, kaxxa tgħid li tafu, kaxxa tgħid li mess lil bintha. Qatt qabel ma beża' daqshekk minn kaxxa sempliċi. Imma hu, wara kollox, ma kienx qed jibża' mill-kaxxi, kien qed jibża' għax kien waħdu, differenti minn kollox. Minn mindu ra l-ewwel kaxxa daħla fl-uffiċċju ma kienx ra bniedem ieħor. U bniedem kemm seta' jdum waħdu? Mela l-biża' tiegħu hi waħda ta' solitudni. Ħassu ftit aktar kalm għax feħem x'kien qed ibeżżgħu proprjament.

Imma l-problema kiened għadha hemm.

X'se jaqbad igħid lill-kaxxi li jiltaqa' magħhom f'ħajtu? Hu bniedem, huma kaxxi. U kif ma ndunawx, donnhom, li hu differenti minnhom? X'taħwid!

Il-mara u t-tifla. X'sar minnhom?

Sa dak il-ħin ma kienx ħaseb fuqhom. Egoist—għajjar lilu nnifsu. Kellu f'moħħu wisq lilu nnifsu biex jaħseb f'ħaddieħor.

Jekk il-bnedmin tad-dinja sparixxew kollha, allura anki martu u t-tifla. Is-sentimenti tal-passat li għadda ma' martu u mat-tifla għafsuh.

Ħsebijietu tħalltu bejn l-imgħoddi u l-preżent. Id-disprament u r-rabja li qabduh f'salt ġegħluh jaħseb li kellu s-saħħa jqaċċat l-irbit li żammu massodda. Beda jagħti kemm jiflaħ, sakemm għejja u reġa' straħ lura. Kollox kien mitluf. Kien tilef dak kollu li jagħmlu uman: l-imħabba, il-konfront intelliġenti ma' nies oħra, il-kuntatt sħiħ mal-kultura u l-ħajja inġenerali li kien igħix fiha. U issa? Xejn. Ma kien fadal xejn ħlief dwejjaq kbar li dan kien biss il-bidu tagħhom. X'seħta ma tifhemx misteru kbir bħal dan. Fejn kien mar kulħadd?

Minn wara l-bieb instemgħu l-passi resqin. Il-bieb tal-kamra nfetaħ u daħlu żewġ kaxxi ta' l-istess daqs, suwed u mimlijin sempliċità. Karba ta' dwejjaq ħarġet minn ħalqu. Għal ftit minuti baqgħu jħarsu lejn xulxin. Min jaf x'seta' għadda minn moħħ kaxxa, qal lilu nnifsu. Imbagħad inkorla: mela kaxxa kellha moħħ. Reġgħet ġietu l-biża' li qed jeħfief minn moħħu. Id-dehra tal-kaxxi kienet bdiet iġġennu żgur.

Kaxxa minnhom resqet ftit viċin tiegħu.

"Xi ġralek?"

Il-leħen kien miksur u mbikki. It-tensjoni li kellu niżlitlu f'salt, għajnejh infetħu, ħalqu tbexxaq. B'widnejh sema' l-leħen ta' martu mbikkija ħiereġ minn kaxxa.

Martu, ġo kaxxa? X'kien se jaqbad igħidilha? Xtaq jara 'l mara u 'l bintu, xtaq jismagħhom jitkellmu, jara li ma kien ġralhom xejn. Imma mhux hekk xtaq jarahom. Kienu differenti milli stenna hu. Stenna biss li jarahom kif ikunu s-soltu: reali. Ried igħid xi ħaġa imma ma ġiehx kliem f'moħħu. Anqas biss kien jaf jekk kellux jibqa' jinkedd jew iniżżel rasu. Reġa' sar bħalma kien meta kien għadu tifel u tiġih xi ħaġa li ma jistax jifhem. L-ewwel jiddispra, imbagħad jaċċetta t-telfa. Iżda billi jaċċetta x'se jaqbad igħid lil kaxxa li kellha l-leħen ta' martu? Anqas ma seta' jagħmilha ta' li kollox miexi normali għax fil-qagħda li kien marbut mas-sodda ....beda jistħi. Marbut mas-sodda quddiem kaxxa li qed tagħmilha ta' jew hi martu....

"Qed tismagħni? Xi ġralek? Weġġajt?"

"Hawn."

Kellu aptit jidħak b'leħnu stess. Kien ilu ftit ma jisma 'l leħnu. U "Hawn," x'kelma redikola, x'ried igħid biha?

"Weġġajt?"

"Le, issa għaddieli."

"Xi ġralek? Kellek xi tgħid ix-xogħol?"

"Eh?"

X'jaqbad igħidilha? Igħidilha kellu xi igħid ma' kaxxa? Ftit, ftit reġa' beda ġej in-nervi. Drah sew issa: l-ewwel taqbdu ftit ansjetà, imbagħad l-istonku jibda jdur u jitqalleb, imbagħad moħħu jibda jgiddem lilu nnifsu, sakemm ikun bħal musmar qed jitgħawweġ taħt daqqiet qawwija ta' martell għax ma jistax jidħol fiż-żonqor. Bla ma ried ħareġ karba bilkemm tinstema'. Le, ma setax jaċċetta, ma kienx tifel.

Kif il-kaxxa semgħet il-karba wieġbet mal-ewwel.

"Xi ġralek?"

"Ħafna. Ġrali ħafna! Taf li anqas biss naf min int? Għalfejn ilbistu kollha hekk? Din ċajta? Ma nistax nissaporti aktar! Aħħ moħħi - qed niġġennen. Qed niġġennen, fhimt? Jew m'għadnix normali jew intom m'għadkomx bnedmin. Il-bnedmin għandhom l-uċuħ...."

"Jaħasra x'inhu jtik?"

"X'inhu jtini! Taf kif qed narak jien? Qed narak kaxxa—dak li qed jagħtini. Id-dinja kollha kaxxi."

Il-kaxxa ħarset sew lejn raġel marbut mas-sodda, igħajjat, iħawwad. Bdiet tolfoq.

"Qed tibki? Tajjeb nagħmel bħalek jien. Int lili biss tlift għax forsi ġġennint. Jien tlift id-dinja kollha."

"It-tobba qalu li m'għandek ebda sintomu ta' ġenn, pressjoni qawwija biss."

"X'ma jkollix pressjoni. Jien waħdi ma ngħixx. U magħkom ma nistax ngħix anqas. Irrid in-nies, smajt! Għidli, kif nista' nissaporti nitkellem ma' kaxxa? Int kaxxa. X'nista' nsib fik ħlief tmien kantunieri?"

"Ħudha bilmod forsi ..."

"Forsi xejn. Jien għidt forsi wkoll, għidt li forsi din hi ħolma, m'hijiex; għidt forsi qed niġġennen, għidtli li t-tobba qalu li m'iniex. Mela forsi m'hemmx. Intom kaxxi, jien irrid dinja bil-bnedmin u daqshekk."

"Imma ..."

"Barra."

"Eh?"

"Barra! Itlaqli 'l barra. Jien ma' kaxxa ma nitkellimx. Int m'intix marti. Barra qed ngħidlek!"

Sigħat wara li ħarġu ż-żewġ kaxxi mill-kamra, kien għadu hemm marbut, mas-sodda. Kull ftit ħin beda jagħti sforz biex jinqala' mill-irbit

ta' ċintorini qosra ta' drapp b'saħħtu. U kull darba kien jaqta' qalbu u jerġa' jintelaq lura. Qalu li ma kienx miġnun, u rabtuh. Jekk ma kienx miġnun għalfejn rabtuh.

Intebaħ li b'subgħajh ta' id waħda seta' kemm kemm jilħaq il-qafla taċ-ċintorin taħt ġenb tas-sodda. Aktar ma beda jisforza aktar imexxielu jġebbed idu sakemm subgħajh laħqu sew il-qafla u bdew jilagħbu magħha mferfxin. Imtela tama – ma kienx marbut sew daqs kemm ħaseb.

Hekk kif idu sabet ruħha libera ġriet malajr għan-naħa l-oħra. Fi ftit minuti kien inħall kollu. Qam bilmod bil-qiegħda u stenna l-uġigħ f'ġenbu. Ħass ftit tingiż, iżda uġigħ serju ma kellux.

Fi skiet komplet resaq lejn il-bieb u ssemma'. Ebda ħoss. Bexxaq il-bieb u ħares fil-kuritur barra. Ħadd. Hareġ mgħaġġel iħares lura kull pass li jagħmel. Fil-ġnub il-kuritur kien mimli bibien. Kien hemm riħa qawwija ta' loppju, jew mediċina. Wasal f'tarf il-kuritur u dar il-kantuniera għal kuritur ieħor. Sema' l-ilħna bla ma kien jaf minn fejn ġejjin. Bl-akbar ħeffa daħal ġo waħda mill-kmamar fuq il-ġnub.

Il-kamra kienet ta' xi wieħed mill-pazjenti. Fiha ma kien hemm ħadd. Għalaq il-bieb malajr u baqa' jistenna warajh jissemma' għall-ilħna fil-kuritur. Seta' jismagħhom joqorbu l-passi ta' tnejn min-nies, x'aktarx tobba. Fettillu jagħti daqqa t'għajn lura lejn il-kamra sakemm igħaddu. Il-kamra kienet il-ġmiel tagħha. X'aktarx il-pazjent kien xi ħadd prominenti. Kien fiha sodda għolja li dehret komda ħafna, żewġ siġġijiet puliti, lampa għal ħdejn is-sodda, sink fil-kantuniera, mera kbira mal-ħajt....

Il-mera. Kemm kien ilu ma jħares lejh innifsu. Xtaq kieku jħares biex jara jekk kienx verament ħaj, jew jekk kellux għajnejh magħluqin u kien f'xi ħolma. Xtaq jara kif inhu wiċċu fis-sitwazzjoni li sab ruħu fiha. U jekk kien miġnun, il-mera turih li l-ħarsa tiegħu mhix normali.

Resaq quddiem il-mera, spallejh mitluqin, saqajh bilkemm jifilħuh, u rasu baxxuta. Kif għolla ħarstu lemaħ fil-ħġieġa kaxxa sewda, b'erba' naħat, saqaf u qiegħ, sempliċi...

Intelaq għal tulu fl-art, jibki, mirbuħ.

TMIEM

## STEJJER TAT-TFAL

Fid-dawl fjakk ta' kmieni filgħodu, dehret il-purċissjoni tas-soltu: it-tlett itfal mexjin għalihom quddiem, u xi erba' passi lura ommijiethom. Għalkemm wieħed seta' jarahom kuljum, xorta waħda wieħed kien jibqa' jiggustahom ġurnata wara l-oħra 'l dawk it-tliet ċkejknin mexjin, id-dinja tagħhom, bil-bagalji żgħar jitbewsu ma' rkobbithom. Xagħarhom u surithom kienu tant puliti li wieħed kien jaħseb li kienu f'kompetizzjoni ma' xulxin. Iżda huma, mitlufin f'paroli ma jaqta' xejn, ftit kellhom moħħ il-kompetizzjonijiet.

Warajhom, indaf u puliti tazza, mexjin waħda ħdejn l-oħra f'linja dritta, kienu ommijiethom. Il-fwieħa ħierġa minnhom it-tlieta f'salt tħalltet fl-arja u stordiet lil kull min għadda ma' ġenbhom. L-unika ħaġa li biha kellhom x'jaqsmu ma' wliedhom kienet il-paroli dejjem għaddej donnu l-aħħar mezz t'għajxien għalihom. Il-ħarsa tagħhom kienet titfa' implikazzjonijiet ta' dominanza, serjetà, deteıminazzjoni għamja, nervożità ...

It-tfal f'daqqa waħda bdew igħajtu u jaqbżu ferħanin: "Iva, iva, iva." Ftehmu li jgħidu storja kull wieħed sakemm jaslu l-iskola.

"Darba waħda," beda l-aktar wieħed prużuntuż fosthom, "kien hemm tifel imqareb, u pastas ħafna. Miskina l-mami' tiegħu kienet dejjem tipprova turih kemm kien pastas u kienet tagħtih xebgħa biex jitgħallem joqgħod bravu, speċjalment quddiem in-nies. Imma xorta baqa' mqareb, għax kien il-ħin kollu jilgħab u jagħmel ħafna ħsejjes. Imbagħad qala' xebgħa kbira, u beda jibki ħafna, u mar jiġri mid-dar...."

"Fejn?"

"Stenna! Mar jiġri x'imkien. U meta ħarab beda jibża' u jibki għax kien id-dlam. Imma lill-mamà tiegħu ma kienx iħobbha u hi bdiet tibki wkoll. Imbagħad hu kompla jaħrab, imbagħad waqa' u reġa' beda jibki. Imbagħad talab lill-Bambin biex isiblu lill-mamì għax beda jibża' ħafna mid-dlam u rah raġel li kien miexi, u ħadu d-dar. U wara l-mami' tiegħu waqfet tibki u anki hu... u ma baqax aktar imqareb."

Hekk kif it-tifel spiċċa t-tnejn l-oħra bdew iċapċpu, u malajr l-ommijiet sikktuhom. Ma setgħux jikkonċentraw sew fuq dak li kienu qed igħidu jekk it-tfal jagħmlu l-istorbju. Kienu qed jaqsmu ma' xulxin, bħall-aħwa, l-esperjenzi koroh, familjari, tagħhom. Kif setgħu ilaħħqu mat-tindif tad-dar? Din kienet il-mistoqsija prinċipali. Spiċċaw biex semmew għal kemm-il darba sa l-iċken aġent tal-ħmieġ li forsi kien ħarab

lill-għajn ta' seqer tagħhom, u baqa' perikolużament fid-dar. Din kienet biċċa serja u setgħet tqajjem botti u kummenti minn dawk li jżuru d-dar. Kien ifisser ukoll li t-tfal kienu qed igħixu qalb dawk il-mikrobi penetranti daqs xafra, u qattiela, li kien iġib miegħu l-ħmieġ.

Bla ma ħadd seta' jobsor kif, is-suġġett tad-djalogu l-aktar xjentifiku inqaleb fuq l-irġiel ta' dik it-trinità mqaddsa. Malajr in-nisa daħlu f'pika fina fina dwar liema kien l-aħjar raġel miżżewweġ minn tagħhom. Il-valuri sbieħ ta' żwieġhom ġew ippreżentati bl-akbar retorika: waħda tiftaħar li r-raġel tagħha tant jaħdem li anqas jitkellem ma jkollu saħħa meta jiġi d-dar; l-oħra li tant jaħdem li kif jasal jiekol u mhux biss ma jitkellimx, imma jmur jorqod mal-ewwel; l-oħra li tant jaħdem li lanqas biss jiġi d-dar. Intefgħu t-tlieta b'ruħhom u ġisimhom favur ix-xogħol, u kemm hu tajjeb li żwieġhom inzertaw jaħdmu lejl u nhar, u kemm hu tajjeb li jdaħħlu ftit tal-flus minn dax-xogħol anki jekk ir-raġel iżomm kważi kollox għalih.

L-iskola bdiet toqrob u bla telf ta' żmien it-tieni tifel sawwar u beda jgħid storja.

"Mela darba kien hemm mara toqgħod ġo żarbun kbir. U dil-mara kellha ħafna u ħafna tfal".

"Kemm?" staqsa ta' ma' ġenbu ħerqan.

"Ħafna, ma tistax tgħoddhom għax kienu aktar mis-somom li nagħmlu l-iskola. Ħa nkompli: u dawn it-tfal kollha kienu jħobbuha 'Il-mami' tagħhom, imma wieħed ma kienx iħobbha. U dan it-tifel kien joqgħod jilgħab waħdu dejjem għax ħutu ma kinux iridu jilagħbu miegħu talli kien jitkellem fuq il-mami' tiegħu u jgħid li ma tħobbux. U dejjem baqa' jilgħab waħdu—bit-tojs tiegħu biss. Ħutu kienu kollha joqogħdu jgħajruh 'ikrah' għax ma kinux iħobbuh xejn.

"Il-mamà tiegħu ma kinetx taf li jgħid li ma tħobbux għax kieku żgur kienet ittih xebgħa. Hi kienet tħobbu għax tlestilu l-bajda filgħodu, tieħu ħsieb ħutu kollha, kollha, kienet tnaddaf kuljum, u titlob lill-Bambin dejjem qabel torqod. U kienet tagħmel is-sodod, u, u kienet tfarfar, u kienet brava ħafna.

"Imma, Peter, it-tifel, kien pastas ħafna u darba ġew in-nies id-dar, u l-mami' tiegħu qaltlu 'Tħobbni?' u qalilha, qalilha, 'Le, għax qatt ma tbusni qabel norqod u ma tħobbnix'."

"Imbagħad meta marru n-nies kien qala' xebgħa u sar bravu għax dejjem qal 'Iva' meta staqsietu jħobbhiex."

Aljenat waħda sew bl-istorja tiegħu stess, it-tifel kien se jaqa' hekk

kif spiċċa. Minn warajh, il-vuċi għolja t'ommu ħarġet għalih bħal berqa f'lejl iswed:

"Peter! Ara fejn sejjer daqsxejn. Irrid noqgħod seb' għajnejn fuqek."

Il-purċissjoni kompliet riesqa lejn l-iskola u t-tielet tifel fetaħ ħalqu biex jibda l-istorja tiegħu, iżda waqaf meta ra xebba u ġuvni mgħannqin, mal-ħajt, iħarsu ċassi lejh bi tbissima ħelwa. Bil-pass ċkejken tiegħu mar quddiemhom u baqa' jħares lejn dawk iż-żewġ tbissimat, imbagħad ċarrat ħalqu bħallikieku ma kellux truf għalih.

Bħal nemes li xamm fenek, ommu marret tiġri, ħatfitu minn idu, ħarsa kerha mgħaġġla lejn in-namrati bikrin, u baqgħet sejra wara l-oħrajn.

"Rajtuhom ja psatas li huma? Anqas jimpurtahom jagħmlu dak li għadhom jagħmlu filgħaxija llum il-ġurnata. Kif iħalluhom jiltaqgħu hekk kmieni? Hekk jonqos ukoll, iħassruli t-tifel—nixrobilhom demmhom..."

Din kienet l-introduzzjoni għal diskussjoni mqanqla fuq il-ħażen taddinja, akkumpanjata minn zekzik frekwenti fuq tliet noti differenti.

It-tielet tifel reġa' pprova jibda l-istorja tiegħu.

"Mela darba kien hemm tifel żgħir u dan kien imqareb ħafna, u ma kienx joqgħod bravu anki meta jiġu n-nies. U meta kien jilgħab kien joqgħod jagħmel ħafna storbju wara nofsinhar.

"Imbagħad il-mà tiegħu indunat li ma kienx qed joqgħod kwiet, u qaltlu biex joqgħod aktar sew. Imma hu xorta baqa' jgħajjat meta jilgħab. Kien jaqbeż fuq is-sufan tas-salott ukoll. Il-mà tiegħu qaltlu li jekk jibqa' jagħmel hekk - kien, kien joqgħod jiġri mad-dar ukoll u l-mà qaltlu li jekk jerġa' jagħmel xi ħaġa ħażina l-Bambin kien jitfgħu l-infern, u hemmhekk kien hemm fornijiet kbar bis-snien u jixwuk u jikluk."

"Mà!"

"Mela! Imbagħad darba waħda beda jiġri mad-dar, u jaqbeż fuq is-sufan, u jidħak u jgħajjat, u rah il-Bambin għax kien fil-kamra fuq is-salib iħares lejh. Niżel bilmod mis-salib u qabad lit-tifel imqareb u tefgħu fil-fornijiet ta' l-infern u miet u kieluh".

"Aħħ!"

"Imbagħad miet?" staqsa dak li qal l-ewwel storja donnu jixtieq li dak li qal l-istorja jibdel it-tmiem għal nota aktar ħelwa.

"Iva miet."

Sa dan it-tant il-purċissjoni kienet waslet l-iskola. It-tliet nisa waqfu jparlaw ma' xi tnejn oħra wara li taw benedizzjoni bierda lil uliedhom u

bilmod bdew it-triq lura. Ftit 'il bogħod mara kienet qed tirranġa l-għonq tal-qmis ta' binha. Għaliha weħidha mhux żgur qatt kellmet lil ħadd. Mill-bqija ta' l-ommijiet kienet meqjusa bħala mara supperva, kiesħa silġa, b'ras żonqrija u bla sens. Kienu jobogħduha l-aktar għax għalihom kienet titfanfar bl-uniku tifel li kellha. Ma kinux jaħmluha tbusu qabel jidħol l-iskola qisha qatt m'hi se tarah aktar.

Imma hi ftit kienet tagħti kashom u dak il-jum għamlet bħas-soltu. It-tlett itfal li ftit qabel kienu qed igħidu l-istejjer bejniethom ħarsu għajjurin lejn binha, imbagħad wieħed, wieħed, dawru rashom biex jaraw 'l ommijiethom sejrin lura, itaqtqu bla serħan.

TMIEM

## TIFEL

Fetaħ ktieb, bħalma kien jagħmel kull meta jsib ftit tal-ħin liberu, u beda jaqra. Il-qari sar parti ġmielha minn ħajtu, u għalhekk ma kienx tifel bħall-oħrajn għal kollox. Kien iħobb jaqra waqt li sħabu jilagħbu barra. Ġieli għajtulu joħroġ, ġieli qabdu miegħu fuq il-qari, ġieli umbrawh, imma xejn ma qata' d-drawwa. Baqa' jaqra bħal qabel.

Mill-bqija kien tifel bħall-oħrajn, għalkemm moħħu miftuħ ftit wisq għall-età li kellu. Ma kontx tistenna mistoqsijiet bħal tiegħu minn tifel ta' tnax. Imma l-mistoqsijiet kienu jiġu. Daqqa jitolbu tweġiba sempliċi diretta, daqqa tweġiba li tieħu ż-żmien u l-paċenzja, daqqa ma jintweġbux.

L-għaxqa tiegħu jintefa' fil-ġnien, f'temp bnazzi, taħt siġra, jew id-dielja, u jaqra b'moħħ imkemmex u mimli ħeġġa biex jifhem. Ġieli qalulu, ommu u missieru, biex jistrieħ u jmur jilgħab ftit. Waslu biex jistiednu lil xi tfal minn tal-ġirien biex forsi joħdulu rasu. Mhux għax riedu li binhom ikun moħħ ir-riħ, imma għax din tal-kotba bdiet tieħu x-xejra ta' marda. "Qed jisker bil-kotba," kien igħid il-missier, "bħalma bniedem jisker bl-inbid."

Illum beda ktieb ġdid. Jaqra u jieqaf jimmaġina dak li jkun qara. Ktieb tal-fantaxjenza, kif inhu dan, kien jitlob immaġinazzjoni fertili. U kull ftit minuti erħilu jdawwar il-paġna bil-ħeffa, waqt li f'moħħu jibni l-istampa ma' kull biċċa informazzjoni ġdida. Għajnejh għaddejjin sparati minn fuq il-linji, jfittxu għatxana għall-kelma li dejjem imiss. Kien bniedem żgħir maħkum mill-kotba.

Rakkont ta' ħlejqa fil-forma ta' bniedem, li ma tkun bniedem xejn. Tkun magna bla ma taf. Magna mibnija minn materjal li jixbah eżatt l-għamla tal-bniedem. Magna li tiekol u tikber u tgħix bħal bniedem. Imma magna! Immaġina taħseb dejjem li int bniedem, imbagħad issib dokumenti sigrieti li jgħidu li int ġejt mibni minn moħħ bniedem ieħor. U ħadd ma jkun qallek. Kulħadd jaf li int mhux bħall-oħrajn; għax int magna li tixbah kemm tixbah lill-bniedem, tibqa' magna. Imma ħadd ma qallek xejn. Sħabek, familtek, dawk kollha li jafuk ibda mill-eqreb minnhom, daħku bik u ma qalulekx li int magna. Immaġina dan kollu u tkun taf liema kwalità ta' ktieb fantastiku kien qed jaqra.

Kif seta' ma jiblax kull kelma minn rakkont hekk immaġinattiv? Il-paġni dejjem jinqalbu jaħtaf kemm jiflaħ mill-ktieb. Għalxejn ħarġet

ommu darbtejn fil-ġnien tipprova tfixklu mill-qari b'xi skuża. Sempliċiment ma tax kasha. Hi, mirbuħa mill-persistenza tiegħu kellha ċċedi bħalma għamlet min jaf kemm-il darba oħra. "Dan it-tifel ġie biex jinkwetani," kienet thewden.

Kienet titħassru tarah jaqra bla heda. Kienet titħassru bħalma bniedem b'saħħtu jitħassar ieħor marid. Imma x'tagħmel jekk me riedx jaf ħlief bil-kotba? Saħansitra kellmet tabib fuqu, imma kollox safa fix-xejn għax binha ma ried jisma' minn ħadd.

Il-ktieb spiċċah fl-istess jum li bdieh. Mhux l-ewwel darba kienet din li jibda u jispiċċa ktieb fl-istess jum. Jibda jaqra b'pass moderat, imbagħad meta jasal għal biċċiet eċitanti erħilu jgħaġġel kemm jiflaħ biex jeħles ikun jaf x'ġara. Kif spiċċa l-ktieb inxteħet lura fil-bank, ħa nifs twil u telqu bħalma jagħmel min ikun kiel aktar milli jiflaħ l-istonku tiegħu. Tbissem, mistrieħ kif kien, bis-sodisfazzjon li ħa mill-ħila tiegħu li jaqra jgħaġġel. Imbagħad reġa' beda jgħaddi l-ktieb sħiħ f'moħħu, jaħseb fuq kull ħaġa miktuba, jagħrbel il-ġrajja sħiħa.

Beda jistħajjel il-magna fil-forma ta' bniedem miexja quddiemu, tistaqsi għalfejn ġiet maħluqa, għalfejn ma qalulhiex mal-ewwel li hi magna, għalfejn kulħadd daħak biha.

---

"Inti għadek hawn?" L-omm inħasdet x'ħin sabet lil binha għadu barra fil-ġnien meta kien diġà dalam.

"Ħallini, mhux kwiet qiegħed?"

"X'ġara? Jaqaw ma tiflaħx? Ħa nċempel it-tabib, oqgħod."

"Mà, m'għandi xejn. Għalfejn qed tagħmel dan l-għaġeb kollu, għax bqajt barra ftit aktar mis-soltu?"

"Iva x'kont qed tagħmel hawn waħdek, fid-dlam?"

"Xejn, naħseb."

"Taħseb! Dejjem taħseb. Ruħi dawk il-kotba kollha mhux qed jagħmlulek ġid, taf hux. Ma tafx, ibni, li l-moħħ tiegħek għadu żgħir u ma jiflaħx għal ċertu ħsebijiet? Jien kont naqra wkoll, ktibt żewġ kotba kif taf int, imma kollox għamilt f'ħinu u bilmod."

"Jien bilmod niddejjaq."

---

Għaddew jumejn. Jumejn, kienu dawn, li fihom it-tifel donnu ġratlu xi ħaġa kbira. Magħluq, kemm seta' jkun, fil-kamra tiegħu bla ma jagħmel l-iċken ħoss, sakemm ommu tgħajjatlu biex tara nqalax xi ħaġa, u jkollu jwieġeb. Ġieli ma weġibx u hi terġa' tgħajjatlu b'ton inkwetat.

Xtaqet kieku tidħol għal mument taħt il-ġilda tiegħu u tara x'kien qed jeqred ġo moħħu. Bilfors li kellu xi ħaġa, għax dal-jumejn ma kien qara xejn.

Kien bilqiegħda fuq siġġu quddiem skrivanija żgħira. Fuq wiċċ l-iskrivanija kellu l-aħħar ktieb li qara miftuħ.

Ma kienx qed jaqra, sempliċiment iħares ċass lejn il-paġna miftuħa quddiemu. Kien diġà qraha tliet darbiet oħra u ma kellux għalfejn jerġa'. Seta' bejn wieħed u ieħor jiftakar x'kienet tgħid.

"Jien magna mibnija mill-bniedem. Kif jista' jkun... Għalfejn ħadd ma qalli? Min hu l-bestja li bnieni bħall-bniedem, bnieni naħseb, bnieni nħoss tant li ħsibt li jien uman.... x'ikunu dal-bnedmin. Naf: min għamilni hu xi wieħed minn dawk li jħobbu jagħtu t-torturi. Għalhekk għamilni, għalhekk ma qaluli xejn biex insir naf waħdi li jien biss magna ħajja mejta; biex ngħix f'torturi għal dejjem. Qed jistudjawni - jien esperiment. Ma nistax ikolli familja ... iżolat fil-ħolqien tiegħi stess ... daħka universali bija. X'misthija meta naf li kulħadd kien jaf li jien magna. Sħabi, x'se jgħiduli issa li jafu li jien naf? Sħabi! Mela jien għandi sħab? Kif jista' bniedem jitħallat ma' magna ..."

Qam, fl-aħħar, minn fejn kien u mexa għal quddiem mera twila li kellu f'kamartu. Ħares minn fuq s'isfel ta' persuntu jfittex xi ħaġa li tassigurah li kien bniedem u mhux magna. Beda jidħak bih innifsu biex jirredikola l-ħsieb li nibet mill-ktieb li qara. Għalxejn, wiċċu reġa' sserja f'salt minn jeddu. U tfaċċat mistoqsija perikoluża: x'inhi l-prova li hu bniedem? X'inhi l-prova li hu qed igħix fis-sens uman tal-kelma? Irrealizza li seta' kien magna mejta bla ma qatt ta' kas. Id-diffikultà li kellu kienet li ma kienx jaf kif jiddefinixxi bejn magna u bniedem. Forsi, ħaseb, il-kelma 'bniedem' qiegħda flok il-kelma 'magna'. Imma allura kulħadd magna?

Reġa' lura għall-iskrivanija. Jaħseb. La ma kienx hemm prova li turi li kien uman, seta' kien magna daqskemm seta' kien bniedem. Magna; jista' jkun hemm magna tant żviluppata li taħseb u jkollha l-istess kapaċitajiet tal-bniedem? Tista' teżisti magna mibnija minn elementi bħad-demm u l-laħam tal-bniedem? Għallinqas fil-ktieb li qara din kienet mhux biss possibbli imma wkoll saret.

U kieku stess kien magna x'seta' jagħmel? Seta' jgħid lil ommu u lil missieru li ma daħkux bih, li jaf x'kien. Imma kieku kien magna dan ifisser li hu bla ruħ, hekk mur għidlu 'l Dun Pawl. Kieku kien magna kien ifisser ukoll li għalxejn joqgħod jaħseb u joħlom li għandu 'l Rita ta'

faċċata ma' ġenbu. U hu minn dejjem ħass li ma kienx bħal ħaddieħor. Għalfejn kien ikollu jisma' oġġett darbtejn biex jifhem x'ikunu qed igħidulu? Għalfejn kien jiddejjaq jisma' 'l min iparla miegħu? Forsi veru hu magna li mhix għalkollox bħall-bniedem. Għalfejn pereżempju tfal oħra jħobbu jilagħbu waqt li hu le?

---

It-tabib ħareġ mill-kamra b'wiċċ kemxejn imqarras. L-omm inħasdet u staqsietu x'ġara. Setgħet tħoss li din ta' binha ma kinetx marda komuni. It-tabib l-ieħor tas-soltu diġà qalilha li kellha bżonn iġġib psikjatra tat-tfal. Issa wiċċ il-psikjatra qalilha li l-problema kienet serja.

"Sinjura, it-tifel tiegħek għandu ossessjoni. Qed jaħseb li hu magna..."

"U ejja, dot. Trid tiċċajta..." Il-missier ma setax jemmen.

"Sinjur, forsi għalik tidher ċajta, jew ħaġa redikola, li bniedem jemmen dak li jemmen it-tifel tiegħek. Hi diffiċli li temmen li hawn nies li kapaċi jkollhom ossessjoni bħal din. Iżda int ma tistax tifhem xi tfisser ossessjoni. Ossessjoni, sinjur, hi fidi kbira, twemmin assolut, f'ħaġa li x'aktarx ma teżistix. Hekk daqskemm int temmen li int bniedem, ibnek jemmen li hu magna."

L-omm li sa dan il-ħin bdiet tisma' biss bdiet titriegħed, rat kollox idur biha, u malajr ġibdet siġġu u qagħdet bilqiegħda. Bdiet tolfoq.

"Sinjura, m'għandekx tieħu dawn l-affarijiet hekk. Jien m'għidtlekx li m'hemmx tama ta' fejqa, għalkemm il-fejqan jista' jiġi bilmod biss. Ibnek għandu moħħ tajjeb, moħħ li jrid jaħseb aktar milli hu kapaċi; b'hekk ġralu li ġralu. Iżda nittama li biż-żjajjar tagħkom nerġa' nġibu fejn kien. Ġibuh darba f'ġimgħa, it-Tnejn jew l-Erbgħa wara s-sitta. Għalissa oħorġuh kemm tifilħu, u ttuhx ċans jaħseb."

"Ma ttihx ċans jaħseb kif jista' jkun?"

"Sinjur, il-ħajja umana, jekk tħares lejha mill-angolu tiegħi, tinnota li hi bbażata fuq il-ħsieb tal-bniedem. Il-bniedem wasal sa fejn wasal għax jaħseb u jemmen. Emmen li jibni magna li twasslu, u bena karozza; emmen li seta' jtir, u bena l-ajruplan. Kulma jagħmel il-bniedem għandu l-pedament tiegħu f'moħħu—f'dak li jemmen, fil-fidi umana jekk trid issejħilha hekk. Kontx taf li anki biex tqum minn siġġu trid tuża moħħok ħalli tikkoordina l-moviment sħiħ tiegħek. Iżda mbagħad moħħok tista' tużah ħazin u temmen f'dak li qatt ma jista' jsir realtà. It-tifel tagħkom hekk ġralu. Għalhekk inqas ma jaħseb u aktar ma jkun attiv, aktar ifiq malajr."

Id-dar illum kien hemm ħafna nies. It-tifel kien imdawwar bi tfal ta' l-età tiegħu, zijiet, nanniet, insomma kulħadd. Kien jaf li ommu u missieru stiednu 'l kulħadd biex jaljenawh għal ftit mill-ħsieb tiegħu li hu magna.

Beda jħares lejn it-tfal ta' mparu jilagħbu ħdejh. Ma setax jifhem x'iħossu meta jilagħbu, għalkemm kollha dehru ferħana. Kemm xtaq li kien bħalhom, bniedem li jaf jieħu pjaċir. Imma t-tort ma kienx tiegħu. It-tort ma kienx tiegħu, le. Ħassu jrid iċarrat lilu nnifsu, ikisser dak li bena bniedem ieħor. Għalfejn riedu jħalluh ħaj, għalfejn ma jħalluhx jeqred lilu nnifsu? Jaf, riedu jesperimentaw bih, jaraw kif taġixxi magna taħseb meta ssir taf li hi magna. Klieb li huma dal-bnedmin, kienu qed iżiegħlu bih sakemm jinqdew huma. U kull mument dejjem jaċċertawh aktar u aktar li kien magna. Ara dik li ssejjaħ lilha nnifisha n-nanna tiegħu, riesqa lejh titbissem. Kif kellha l-wiċċ das-snin kollha tidħak bih.

In-nanna waqqafha xi ħadd ieħor qabel ma waslet ħdejh. Ħa r-ruħ għax ma kellux aptit iparla. Ħares in-naħa l-oħra tal-kamra u ra 'l zijuh iparla mat-tabib. Kienu qed igħidu xi ħaġa tad-daħk għax kull ftit ħin erħilhom jitbissmu jew jidħku.

Ħares mal-bqija tal-kamra. Kulħadd kien qed jidħak. Ra ħluq jinfetħu u jingħalqu, ipaċpċu u jidħku. Għamel idu ma' ħalqu u b'subgħajh ħass xuftejh magħluqa f'espressjoni serja.

Xi kultant kien qed iħossu qisu qed jistordi jara dawk in-nies kollha jparlaw, jidħku, jimxu minn ma' xi ħadd għal ma' xi ħadd ieħor. Qatt qabel ma kien ra lilu nnifsu daqshekk artifiċjali daqskemm issa. Donnu bejnu u l-bqija ta' l-umanità kien hemm baħar kbir; u hu jgħum bla tama li qatt jasal. Tassew kien magna: hemm f'dik il-kamra mimlija nies bla ma jifhem għalfejn iparlaw, għalfejn jidħku, għalfejn jagħmlu dak li jagħmlu.

Kif seta' ma kienx magna meta anqas lilu nnifsu ma seta' jifhem. Kieku kien bniedem kien ikun kuntent, jaf li hu bniedem, igħix ta' bniedem, u jifhem dak li jħoss. Imma ġieli ġew mumenti fuqu meta kien jindanna u jiddispra għalxejn; iħossu bħal irid ikisser rasu ma' l-ewwel ħajt li jara, irid jeqred lilu nnifsu flok iweġġa' lil ħaddieħor — u dak tgħidlu bniedem, jew magna bil-ħsara? Ma setax ikun li hu bniedem; jekk qatt ma kellu għalfejn jaħseb li hu magna, issa kellu hemm f'dik il-kamra mimlija nies. Għax aktar ma kien hemm nies inqas seta' jifhimhom. Ma kienx bħalhom u huma wkoll ma setgħux jifhmu xi jħoss u x'jaħseb. Tajba din, ħolqu magna li ma setgħux jifhmu. Kieku fehmuh kienu

joqogħdu siekta, bla daħk, u paroli.

---

"Għidtlek jien dak it-tifel għad tgħarrqu tħallih jaqra dawk il-kotba kollha," qal il-missier inkwetat u rrabjat. "Qed tara issa, għidli x'se nagħmel jien?"

"Jien ma kontx ngħidlu biex jieqaf jaqra? U int? Int qatt m'għidtlu xejn."

Ir-rabja ta' l-omm u l-missier ma kinetx ħlief biża' li binhom forsi ġratlu xi ħaġa. Dik il-ġurnata ma kinux sabuh f'kamartu u wara xi nofs siegħa ċemplu lill-pulizija. Issa kien għadda nofs ta' nhar sħiħ u binhom għadu ma nstabx.

"Imma kif dan l-uniku tifel li għandna jinkwetana hekk. Fejn mar, kieku biss naf...."

"Biżżejjed għalija nkun naf li ma ġralu xejn," kompliet l-omm.

Għal mument it-tnejn waqa' s-skiet bejniethom, imbagħad reġa' l-missier.

"X'fettillu jaħasra f'età hekk żgħira daħħal ossessjoni bħal dik ġo moħħu. Mur għidlu x'ħa biha. L-uniku tifel, mitluf wara immaġinazzjoni fiergħa. Kif isibuh inġiegħlu jarmi l-kotba kollha li għandu. Anqas 'kk naf x'naf."

"Min qallek li l-ħsieb li ġieh ġabu mill-kotba?"

"Ħuħ, ma tridx tgħid li l-kotba kienu qed jagħmlulu ġid hux? Mela minfejn seta' jaħseb li hu magna? Magna! Ara tifel fejn jasal f'moħħu."

"Il-kotba għamlulu ħafna ħsara veru, imma qatt ma kien jasal jemmen li hu magna jekk kien jemmen biżżejjed li hu bniedem. Naħseb li forsi ħassu abbandunat, jew li ħadd ma jifhmu. Jiġi perjodu fuq kulħadd meta tibda temmen li qiegħed waħdek fid-dinja. Hemm min igħaddilu u hemm min jibqa' fih. Min jibqa' fih ma jibqax jemmen li hu bniedem bħall-oħrajn, jew isir jemmen li hu bniedem u l-oħrajn m'humiex..."

"Ma jien nifhem xejn. Bħalissa moħħni f'fejn marilna dak id-demonju."

Għal ftit sekondi reġa' waqa' s-skiet.

"Jaħasra kieku jsibuh," qalet l-omm minn taħt l-ilsien.

"L-iskola ċċekkjaw hux?"

"Iva."

"Imma x'fettillu. Ħsieb redikolu bħal dak ibiddel il-ħajja ta' binna."

"Ma kienx ħsieb redikolu biex ħakmu hekk, le! Darba kont naħseb bħalu wkoll — kont naħseb li jeżisti kulħadd barra jien. Jien kont ħolma,

deħra biss u kulħadd kien jaf. Kulħadd kien jidħak bija minn warajja u jien, ta' belha li kont, kont nibki waħdi. Imma llum nagħraf li dak li għaddejt minnu kien verità kbira: kont qed infittex raġuni, stupida kemm trid, biex nifhem għalfejn ma stajtx nikkomunika kif xtaqt ma' ħaddieħor. Il-ħsieb kien redikolu imma l-esperjenza li qanqlitu verità kbira fl-umanità."

"Issa iktibha fil-ktieb li jmiss mela. Jien aktar jinteressani fejn mar dak."

---

Ftit 'il bogħod mill-irdum kien hemm it-tifel bilqiegħda fuq ġabra ħaxix qasir. Ma' ġenbu kellu r-rota li biha kien idur meta joħroġ. Kien skantat lejn l-orizzont jara x-xemx nieżla bilmod. Hi ħajja tant sabiħa, ħaseb, kieku kont bniedem u nista' ngħixha. Ħajja kbira daqs dal-baħar. Iżda hu ma kellux id-dritt jaħseb fuqha, u x-xemx kienet nieżla. Ħares għal darba oħra lejn l-aħħar ftit tax-xemx li kien fadal fuq l-ilma, qabad ir-rota, u telaq ....baqa' jħares lejn l-aħħar ftit dawl tax-xemx hekk kif ir-rota qabżet ix-xifer, u taħtu ma kien hemm xejn.

TMIEM

## IL-KAMRA L-VOJTA

Par għajnejn infetħu u qam. Xagħru mħabbel xi ftit, u wiċċu għadu skantat. Iħares lejn il-kamra li qiegħed fiha. M'hemmx ħafna x'tara. Jagħlaq għajnejh u jagħfas fuqhom b'idejh biex jiġi aktar f'sensih. Igħolli jdejh u jitmattar, u jitlaq nifs twil li ħa biex iqajjem il-pulmuni.

Il-kamra ma fiha xejn ħlief is-siġġu. Xejn, kamra b'erba' ħitan. Żebgħa ċara, griża jekk qed jidher sew. U saqaf. Is-siġġu hu ta' l-injam. Hu ftit antik u meta jiċċaqlaq fuqu jiżfen. Imma x'aktarx li t-toqol tiegħu jżommu għal jumejn oħra. L-art nadifa u vojta. Tisthajjilha wiċċu meta kien għadu kif qam, abjad u ċass.

Hekk igħid li togħġbu d-dar, vojta minn kollox. Igħid li aħna lkoll affettwati mill-ambjent, xejn m'hu liberu. Imma hu sab il-libertà għax qered l-ambjent. Biegħ kulma kellu, anki ħwejjeġ sentimentali. Għalfejn le. X'qatt ġabulu s-sentimenti ħlief inkwiet, egħluq fih innifsu, rabja, u mibegħda. Hekk iħossu waħdu, maħrub min-nies u l-affarijiet li jagħmlu n-nies, maħrub minn kollox. Dnub jaħasra li l-kmamar l-oħra m'humiex bħal din. Ħwejjeġ bżonjużi bħall-kuker, il-friġġ u s-sodda, kellu jżommhom. Imma ta' l-inqas żamm dil-kamra vojta, u fiha, għal ħin twil, jiġi kuljum.

Jiċċaqlaq fuq is-siġġu biex isib pożizzjoni tajba sakemm iqum għal kollox. Is-siġġu jiżfen kemm kemm. B'idu x-xellugija jiġbed xagħru lura u jħokk rasu fuq il-parti ta' quddiem, kważi moħħu. Spiss jagħmel hekk u dan hu vizzju. Issa probabbilment iħokk widintu billi jżellaq idu minn fuq għajnu għall-ġenb ta' rasu. Iva, hekk qed jagħmel. Rutina. Idu tintelaq għal mal-ġenb tas-siġġu, u jħalli rasu taqa' 'l quddiem. Igħolli rasu u bil-lajma jqum minn bilqiegħda. Idawwar rasu kull naħa. Dan l-aħħar ilu jgorr b'uġigħ f'għonqu. Ikompli jdawwar rasu sakemm jieqaf b'ħasda iħares lejn din in-naħa.

"Qed nara! Qed narak, ja demonju l'int, fl-aħħar sibtek."

Quddiemu m'hemm ħadd u forsi qed jiġġennen. Iħares b'għajnejh imberrqa. Jaqbad mas-siġġu b'idu biex ma jaqax.

"Iva qed niġġennen li ma kontx ħanżir. Min mingħalik li int, tiddeċiedi li qed niġġennen. Ngħidlek malajr. Fl-aħħar sibtek. Kont ili nħossok lejl u nhar, donnok trid tqabbad difrejk fija, imma ma stajtx nifhem. Ħassejtek, dejjem hemm lest li tiġik is-saħħa tiftaħ għajnejk u ħalqek, u tgħid li qed nagħmel. Issa nista' narak, nista' narak ...."

Skużani, int lili qed tgħid?

"Iva lilek. Int hemm. M'hawn ħadd iktar, m'intix tara li l-kamra vojta? Jew ħsibt li int biss għandek il-jedd tarani? Ħsibt li jien ma nafx inħares lura? Ħsibtni ma nafx nitkellem bħalek, jew...."

Imma...kif jista' jkun? Hawn xi żball x'imkien. Int mhux suppost tarani. Fejn naf jien, inkella kif tridni nitkellem fuqek?

"Min qallek? Min qallek titkellem fuqi? Int tost, egoist—nista' ngħidu dan għax ili nħossok. Naf li trid tiġbed kollox lejk. Rajtni ħieles u ħtaftni hawn f'dari, m'hawnx agħar minnek. Għalfejn? Dik nistaqsik, għalfejn? Qatt ma rajtek, qatt m'għamilt xejn...."

Ma jistax ikun. Bħalissa qed iħares bħal bniedem li fehem kollox. Jippassiġġa mgħaġġel mal-kamra. Kultant jagħti ħarsa kerha lejn din innaħa. Se jiftaħ ħalqu, se jgħid xi ħaġa.

"Ma tarax li int redikolu tgħid kulma qiegħed nagħmel? Trid bilfors tgħidilhom kollox? Jew għadek m'intix konvint li qed narak? Naf, għadek qed taħsibni miġnun. Imma miġnun int għax ħloqt bniedem liberu u issa ħrabtlek. Ma nistax nifhem biss fejn kont qed ngħix qabel, qabel ma bdejt inħossok. Bilfors li kont x'imkien fejn ma stajtx naħseb. Għandi lsien tiegħi u mhux se ngħid li trid int. Għidilhom, għidilhom, x'jien nagħmel, imma jkunu jafu li dan qed nagħmlu jien għax irrid, mhux int."

Tassew. Ħrabt għal kollox u kienu se jingħadu tant ħwejjeġ sbieħ fuqek. Dażgur, int taf x'inhu l-aħjar għalik, u trid timxi waħdek. Kulħadd hekk igħid, li jrid imexxi ħajtu hu.

"Iva, irrid nimxi waħdi. U lilek, lilek irrid naffaċċjak."

Mimli kuraġġ. Għadu jdur mal-kamra. Ħwejġu ftit imkemmxin minnagħsa li ħa fuq is-siġġu. Is-siġġu hemm għadu, ċentru taċ-ċrieki isteriċi li qed jagħmel hu fil-kamra.

"Smajtek. Isteriku jien? Int, b'dik il-kalma deskrittiva tiegħek, x'int? Fil-paċi? Mingħalik. Għadek ma tafx b'dawk l-idejn slavaġ li hemm ġo fik, lesti li jċarrtulek l-istonku. Ibża' minnek innifsek. Għad xi darba tinduna li int ħaj. Ħa, ħaj, kemm nidħak narak tħares mibluħ lejk innifsek kif qed tħares issa lejja. Hekk ara, hekk tagħmel."

Qed jagħmel movimenti tassew spettakulari. Bħal irid jaqbad lilu nnifsu, jaqla' biċċiet minn ġismu u jarmihom fl-art. Jaqbad f'xagħru, reġa' ħabblu kollu. Iħares lejn l-art bħal iddisprat. Jinżel fuq għarkubbtejh, jitmiegħek fl-art u jaqbad bħal annimal selvaġġ fi ħwejġu. Spettakulari. Qiegħed iqum, imma saqajh ma jifilħuhx. Jerġa' jaqa'. Qed idur ma' l-art jokrob, u kultant jagħmel il-ponn u jħabbat idu ma' l-art kiesħa. Issa jingħalaq f'ballun u jgħażżeż snienu b'xi uġigħ misterjuż li

qed iħoss. Għal darba oħra jipprova jqum u jirnexxilu. Wiċċu kull minuta jittrasforma ruħu; issa bi tbissima sarkastika, issa b'xofftejn miġbudin bir-rabja, issa b'moħħ imkemmex bħal ta' min jipprova jifhem.

"Għinni."

Il-kelma jgħidha bħal tarbija tibki għall-ikel. U bħal qed tidwi malkamra vojta. Bħalissa jidher il-kontra ta' kif beda. Kien kalm qed iqum min-ngħas, u issa mgħattan taħtu nnifsu. M'hemm xejn fuqu imma bilmod reġa' nieżel lejn l-art. Ma jidherx liberu daqs kemm xtaq li jkun.

"Ħallik miż-żibel li qed tgħid. Possibbli għadek ma fhimtx? Aħ, l-uġigħ, l-uġigħ. Bhima li int ħallejtni naħrab. Jien, jien min jien? Kemm ili ħaj, għidli? Niftakar, niftakar meta kont żgħir ... veru kont żgħir darba? Tkellem."

Jiddispjaċini imma jkolli ngħidlek li int kreazzjoni ta' dal-mument. Int karattru biss, ipprova ifhem. Il-kreazzjoni ma rnexxietx kif mixtieq. Sar xi żball u mhux kollox mar kif suppost. Issaporti ftit, daqt jintemm dal-kliem. Jekk trid jispiċċa kollox issa.

"Le. Irrid ngħix aktar. Hemm xi ħaġa li rrid nifhem. Għadni ma nafx. X'taħwid, jaħasra fiex ġejt."

Jaqbad rasu fuq il-ġnub u jiġbed xagħru.

"Aqtagħha. Qed ngħidlek tieqaf. Ma niflaħx nisimgħek tgħid aktar. M'intix tara li qed toqtolni? Drajt wisq tiddeskrivi bla ma tagħti kas, bla ma tħoss. Kemm xtaqt inkun liberu u nħossni magħluq."

Jersaq lejn rokna tal-kamra, u joqgħod wiċċu 'l ġewwa. X'aktarx idejh marbutin. Saqajh flimkien stirati. Qed jagħmilha ċara li ma jridx lil min jarah. Irid ikun waħdu. L-istatura tiegħu hi la hi twila, u lanqas qasira. Spallejh wisgħin, u jagħtuh dehra ta' bniedem f'saħħtu. Minn qaddu kemxejn oħxon, mhux iżżejjed. Saqajh ftit żgħar għal persuntu.

Jiċċaqlaq qattra b'saqajh. Jersaq aktar lejn ir-rokna. Donnu jrid jidħol bejn iż-żewġ ħitan. Kultant jitlaq karba bħal "Qaaaj". Iħabbat rasu mar-rokna u jħokk moħħu mal-ħajt. Proprju miġnun, imma qal li mhux. Qed jibki, jew jidħak, il-ħoss mhux ċar biżżejjed.

Idur f'salt.

"Ma jistax ikun."

Xiex?

"Ma jistax ikun jien kreazzjoni tiegħek, niftakarni għadni żgħir. Kont dejjem magħluq id-dar minn ommi. Missieri miet qabel ma twelidt. Imbagħad kbirt. Niftakar kollox, u issa tiġi int u tgħidli li qed neżisti għal dal-mument. Ma nafx kif iltqajna jien u int, imma le, jien ili ħaj. Għandi

ħajja sħiħa. Jien jien. Hawn, taf kemm ili hawn? Ili tliet snin."

Dil-kamra dejjem hekk ħallejtha?

"Iva. Vojta hux? X'tistenna meta jien kont dejjem magħluq, maqbud. Mhux meta kont żgħir biss tafx, anki meta kbirt. Sa ftit ilu kont nisma' minn dak u l-ieħor, ngħin lil kulħadd, u ħadd ma stmani. Issa qtajt il-ħbieb kollha u ngħix liberu. Imma, imma erġajt ġejt int u kissirtli kulma bnejt."

Int kreazzjoni, għadek ma tistax tifhem. Il-memorja tiegħek maħluqa. Bdejt teżisti ftit ilu biss.

"Se terġa' tibda. Tara kif tagħmel biex iġġenninni."

Joħroġ jiġri mill-kamra. Il-kamra vojta ħlief mis-siġġu. Igħaddu ftit sekondi. Jerġa jidħol bħal barri. Għandu ritratt f'idu u qed jurih lejn din in-naħa. Jidħak kemm jiflaħ qisu rebaħ xi ħaġa mhix magħrufa. Iressaq ir-ritratt aktar viċin. Hu tal-kulur u fih hemm żewġt itfal, wieħed ta' xi ħames snin, u l-oħra ta' xi tmienja. Mhux ċar ħafna u hu mifhum li min ħa r-ritratt ma kienx espert. Jidher ritratt qadim ukoll, għax il-kulur naqas xi ftit. Iż-żewġt itfal qegħdin ġo bitħa. Hemm ġnien warajhom, kollu fjuri. Għandhom tbissima ħelwa turi li ma tista' tiġi megħluba minn ebda nkwiet. Innoċenti u ħelwin, iżommu id xulxin.

"Dak jien. Qed tara dan ara, dan jien u din oħti. Oħti għadha ħajja, jekk trid inċemplilha u tara kif veru. Temmen issa li jien ili ħaj? Tifhem issa li qatt m'hu se jirnexxilek toqtol il-libertà tiegħi? Nisfidak. Tkellem."

Idejh jagħmilhom ponn waqt li jistenna t-tweġiba. Il-vini jidhru jaqbżulu f'għonqu. Wiċċu ftit ftit jerġa' jinbidel. Ix-xagħar fuq għajnejh jinġibed 'il ġewwa, lejn imnieħru, u kollox juri li għandu tensjoni qawwija. Kważi jibda jitriegħed bir-rabja, u wieħed għandu jifhem li s-sitwazzjoni li qiegħed fiha m'hi togħġbu xejn.

"Irrid inkun waħdi".

Dal-kliem igħidu jgħajjat u l-kamra tibqa' ċassa lejh. Tassew miġnun. Qisu ruħ maħruba ma tafx x'se taqbad tagħmel biha nnifisha. Ta' min igħid li reġa' qiegħed ma' l-art, u issa jtajjar is-siġġu b'idu waqt li jagħti fl-ajru. Bħal nannakola li nqalbet fuq daharha u qed tagħti b'saqajha biex tqum. Rasu kultant tieħu tisbita ma' l-art. Saqajh u jdejh ikomplu jfittxu fl-arja ma' xiex jiggranfaw. Ikollha terġa' tintuża l-istess kelma ta' qabel: spettakulari.

"Ħallini. Ħallini ja kelb. Itlaq 'il bogħod minni ja..."

Waqt li l-kliem li qal ma nġabx kollu, jingħad li hu rrabjat ħafna u qed

jitlaq ilsienu kif ġie ġie.

"Ħa. Nitlaq ilsieni kif ġie ġie. Ilqattek fl-aħħar hux. M'għadekx kalm kalm ja kelb li int. Qed tara, qed tara hux kif jien liberu; ngħid li rrid. Ngħajrek u ma tista' tagħmel xejn."

Int jaħasra ossessjonat li tkun waħdek, u qed tinqabad fik stess. Jiddispjaċini li ħrabt, għalik jiddispjaċini. Tlaqt timxi qabel ma taf tagħmel pass.

"Iġġibx aktar eżempji u parabboli. Ġennintni. Arani qisni miġnun. U kif, għidli kif aċċettajt dan kollu bil-kalma int? Trid tgħidli li m'intix tinkwieta b'dan it-taħwid kollu? Int biered, rieqed, bla sentiment."

Int il-kontra, bla sabar, bla mistrieħ, maqbud fik innifsek.

"Terġax tibda għax..."

It-tagħjir tiegħek ma jmissnix. U se nkompli ngħid dak li qed tagħmel, għax dan hu xogħli. Inġib kliemek ukoll, it-tajjeb minnu.

"...imma ma jistax ikun li qed jiġri dan kollu ... x'imkien f'dil-kamra ingħaqdu moħħi u moħħok, in-nervi tiegħi u l-kalma tiegħek... x'il ...inhu jiġri llum? Kulma xtaqt inkun waħdi, fil-paċi. Jew forsi din l-immaġinazzjoni tiegħi qed tagħmel bija. Kif se nifqa' ...llum. Għax ma tmurx... Itlaq. Itlaqli 'l barra minn dari. Qed ngħidlek itlaq, għax ...Jien m'iniex tiegħek fhimt! Ifhem li jien individwu. U, wara kollox, forsi int parti minni. Hee, ja ...forsi int il-kreazzjoni tiegħi, l-immaġinazzjoni tiegħi. Ħaħ, x'se tgħid għal dan?"

Waqt li jgħid il-kliem jagħmel ħafna mutetti b'wiċċu bħallikieku nofs il-messaġġ jinsab f'dawn. Bħalissa wieqaf dritt. Idejh marbutin. Qisu xi ġeneral għadu kemm rebaħ battalja u qed iħares fuq l-iġsma kwieti ta' l-għadu, jisfidahom jerġgħu jqumu. Igħolli idu u jippuntaha lejn din in-naħa.

"U ħa ngħidlek, issa qed nifhem. Inti jien. Int parti minni li ħrabt u qed tipprova taħkimni. Imma jien liberu, anki jekk inbati bin-nervi, anki jekk parti minni, il-parti l-kalma, ħarbet, anki jekk int taf kulma nagħmel. Jien liberu."

Idur, jersaq quddiem is-siġġu. Ipoġġi u jagħmel ta' bir-ruħu qed jorqod.

It-Tmi......

"Le! stenna ftit. Kemm int mgħaġġel. Għidilhom aktar, kemm se tispiċċa f'daqqa. Għidilhom x'jien nagħmel. Tini ftit aktar żmien."

Kollox sew. Kien qam bilwieqfa, imma jerġa' jpoġġi bilmod fuq is-siġġu. Idejh jaqbdu l-minkeb tas-siġġu kull naħa sakemm jistrieħ fuqu għalkollox. Jimbotta rasu lura, u jerġa' jibda jdawwarha minħabba f'għonqu. B'idu x-xellugija jimbotta xagħru lura u jħokk rasu, kważi moħħu, u jżellaq idu għal fuq widintu. Idejh jitlaqhom it-tnejn fuq kuxtejh, u jdawwar wiċċu lejn din in-naħa. Jitbissem, imbagħad jisserja f'daqqa bħal min irid li l-aħħar dehra tiegħu tkun waħda rispettabli. Jagħlaq għajnejh u jerġa' jagħmel ta' bir-ruħu rieqed.

TMIEM

## PIETRU PAWL

Darba waħda kien hemm Pietru Pawl.

Pietru Pawl kien twieled x'imkien fis-seklu għoxrin. Kien sabiħ, mibni sew, u twajjeb sa minn meta twieled. Anqas biss beka meta ħareġ u sa ħmistax-il sena kien donnu ħalef li lil ommu u lil missieru ma jinkwetahom qatt. Ta' ħmistax beda jinkwieta lill-ġenituri tiegħu għax qatt ma għamel xejn ħażin. Ħaduh għand tobba li lkoll taw l-opinjoni tagħhom, u Pietru Pawl għadda għal sena sħiħa minn persekuzzjoni medika.

Iż–żmien, bħas-soltu, kompla għaddej, u Pietru Pawl kien għalaq għoxrin sena jinkwieta lil kulħadd bil-kwiet tiegħu. Skola ma riedx ikompli, għalkemm moħħu kien jaħdem. Allura beda jaħdem: l-ewwel purtinar ma' kumpanija privata, it-tieni ma' taż-żibel, it-tielet taħlita ta' xogħol ġo fabbrika jipproduċi ż-żraben, u xogħol id-dar jipproduċi t-tfal. Hawn kellu ħamsa u għoxrin u diġà kien irnexxielu jitfa' 'l martu fl-isptar għal tliet darbiet. It-tlett itrabi kienu kollha f'saħħithom.

Meta sab lilu nnifsu bi tlieta ma' saqajh, u mara li ma tafx ħlief titqal, Pietru Pawl inħasad. L-ewwelnett qatt ma basar li hu kapaċi, u ma kienx kieku mhux għall-għajnuna kiefra ta' martu, u t-tieni ma kienx jaf x'jagħmel meta jkollu mara u tlett iżrameġ iħarsu kollha lejh jistennewh jikkmanda. Ma felaħx aktar għall-pòst ta' missier, u ħarab.

Ma kinetx l-ewwel darba li ħarab. Meta kien għadu l-iskola kien jaħrab il-ħarsa ta' l-għalliem kull meta jinħass il-periklu ta' mistoqsija tqila, kien ħarab mix-xogħol ta' purtinar meta nsterqu xi flus għalkemm ma kienx hu, kien ħarab minn ma' taż-żibel meta bagħtuh jiġbor fit-triq tiegħu stess. Anki ż-żwieġ sar bħala ħarba mid-dar fejn l-insistenzi ta' ommu biex iparla kienu għaffġuh.

Pietru Pawl ħareġ filgħaxija u telaq lejn il-kampanja. Quddiemu ra raġel ġgant b'elmu ġo rasu u liebes libsa tal-lastiku ħadra bi strixxi blu fejn jiġu l-qtugħ tal-muskoli. Eżatt bħal dak li ra fil-programm tat-tfal il-ġurnata ta' qabel. Xrammga, l-iġgant eroj, telaq b'ġirja lejn qabda ħaxix minfejn instemgħu xi ħsejjes. Kif qorob il-ħaxix jogħla kollu f'salt u jieħu s-sura ta' mostru li l-għamla tiegħu ma tingħarafx għal kollox. Xrammga kien daqs nofsu. Il-mostru ltewa lejn naħa u qala' siġra mill-egħruq bħalma Pietru Pawl kien jaqla' ħaxixa ħażina mill-ġnien. Il-mostru għolla s-siġra imma Xrammga ma ċċaqlaqx. Għal sekonda baqgħu t-tnejn iħarsu lejn xulxin sakemm is-siġra niżlet bla ebda kunsi-

derazzjoni ta' korriment fuq l-elmu ta' Xrammga. Qisu qam terremot. L-art taħt id-daqqa triegħdet u kullimkien imtela frak ta' għuda friska. Iżda Xrammga baqa' fejn kien, bħalma għamlet Everest wara li tela' l-bniedem fuqha.

Ir-rabja tal-mostru żdiedet u telaq għal fuq il-figura bl-elmu quddiemu. Xrammga lesta dirgħajh biex jilqgħuh u l-mostru sab ruħu maqtugħ mit-teorija tal-gravità li s-soltu dejjem żammitu mwaħħal ma' l-art. Is-saħħa ta' Xrammga issa dehret fil-kobor tagħha kollu waqt li b'tisbita l-mostru reġa' ltaqa' mad-dinja. Il-minuta jew tnejn ta' wara ssawru minn konfront fatali bejn żewġ ġolfi. Bis-saħħa tat-taqtigħa Xrammga deher donnu jikber: dahru mtela qtugħ li wera l-forma maġestika ta' muskoli kbar, dirgħajh saru baħar imqalleb ta' saħħa fiżika, u riġlejh żonqor ħaj.

B'id li ħarġet bħal leħħa ta' berqa Xrammga reġa' qata' l-mostru minn saqajh u tefgħu għal dahru. Minn hemm 'il quddiem id-daqqiet ġew minn naħa waħda biss, u l-mostru nqered.

Pietru Pawl sab ruħu miexi fid-dlam mill-ġdid. Kultant kien jipprova jaħseb, jew isaffar, imma anqas miegħu nnifsu ma kien imdorri jparla wisq, jew jikkomunika. Iddeċieda li joqgħod jagħti d-daqqiet żgħar b'saqajh lill-ġebel li seta' jara ma' l-art, u għal sekonda reġa' ġie Xrammga quddiemu jtajjar bini wara l-ieħor minfejn ried igħaddi hu. Dan Xrammga, min jaf x'qatt seta' jwaqqfu?

Widnejn Pietru Pawl bdew jinteressaw irwieħhom f'ħoss ċkejken li kien ġej mill-ġnien quddiem dar li kien qiegħed joqrob lejha. Mar dritt lejn iċ-ċint quddiem id-dar u għajnejh fehmuh li raġel ċkejken kien qiegħed jipprova jidħol fid-dar. X'ħin dan ra l-persuna goffa ta' Pietru Pawl telaq kollox u sparixxa. Pietru Pawl baqa' issa jħares lejn saqajn il-ħalliel jagħqdu, u issa lejn l-għodda li kien hemm f'ħoġor it-tieqa. Kif irrealizza x'kien qiegħed jiġri twerwer u telaq jiġri hu wkoll.

Straħ fuq ħajt tas-sejjieħ xi mil 'il bogħod mit-tieqa.

Meta l-moral irxoxta xi ftit kompla miexi. Dam sejjer lejl sħiħ miexi. Kien jaf li hu mitluf, imma ma qal xejn biex forsi ma tantx jinkwieta lilu nnifsu. Għal ftit ma qabiżlux id-dmugħ x'ħin ftakar li ma kienx ġab ikel miegħu. Ħares lejn is-sema u raha tiċċara bilmod. Waħda waħda l-istilel ċedew irwieħhom għad-dawl ta' tlugħ ix-xemx. Il-koordinazzjoni naturali ta' qamar fuq naħa, xemx fuq oħra, lejl u nhar l-istess, saret bla tfixkil. Bla tfixkil ukoll l-għodwa mtliet sħab griż u l-ilma niżel.

Pietru Pawl kellu jistkenn taħt arkata li tagħti għal razzett. Xrammga iżda ħareġ bil-qilla kollha kontra s-sħab. Għamlet sajjetta dritt għal fuqu,

imma Xrammga, fuq għolja qisu xi alla, żamm is-sajjetta b'idu x-xellugija, u bil-leminija għawwiġha lura lejn is-sħab. Is-sema nfaqgħet fi splużjoni li riegħdet sinslet id-dinja. Imbagħad mill-elmu ta' Xrammga ħareġ raġġ qawwi ta' dawl li qasam is-sħab l-ewwel fi tnejn, f'erbgħa, fi tmienja, sakemm is-sħab sar frakiet żgħar li tferrxu mar-riħ.

Pietru Pawl ħass min jiġbdu mill-qalziet, u mwerwer qabeż hu wkoll minn taħt l-arkata għal ġox-xita. Iħares ċass lejh, janalizza din l-imġiba stramba adulta, kien hemm tifel ta' xi disa' snin.

"Il-pa qallek tgħaddi."

Pietru Pawl daħal wara t-tifel fir-razzet u sab ma' wiċċu l-barka t'Alla kollha fil-forma ta' bidwija ġganteska. Għal mument reġa' ġie quddiem għajnejh il-mostru li ħadha ma' Xrammga l-lejl ta' qabel. Minn wara l-bidwija ħareġ nitfa ta' raġel bi tbissima li tilqgħek. Għaddew l-ewwel ftit kliem jirrakkuntaw l-aħħar manuvri tat-temp. U l-ħin kollu Pietru Pawl jifli l-ħarsa tal-mara u r-raġel quddiemu biex jara x'tip ta' nies kienu. Imbagħad bla ma ried għajnejh bdew imorru fuq ġabra bajd frisk merfugħ ġo borma mtaqqba fl-art. Aktar ma għadda l-ħin aktar l-attenzjoni nqalgħet minn fuq il-bdiewa u marret fuq il-bajd. Waqt li l-bidwija kompliet tparla fuq l-annimali, it-temp, u ż-żergħa, l-istonku ta' Pietru Pawl tniehed taħt it-toqol tal-vojt ġo fih. Kollox ma' kollox Pietru Pawl kien sar ġuħ.

Fl-aħħar il-bidwi nduna bit-talba qalila t'għajnejn Pietru Pawl, u lkoll ħadu xi ħaġa ħafifa biex jibdew il-ġurnata.

Għaddiet ġimgħa u Pietru Pawl kien għadu fir-razzett. Il-bidwi raħ raġel jarmi s-saħħa u wasal għall-ħsieb li jżommu miegħu jagħtih daqqa t'id fl-egħlieqi għal xi ħaġa żgħira fil-ġimgħa u ikel kuljum. Il-ħajja bdiet togħġbu 'l Pietru Pawl. Filgħodu jqum kmieni jitma' l-annimali, u kif ilesti jmur isib lil Ġanni fl-egħlieqi u jqatta' l-bqija tal-ġurnata jitkisser bil-qalb għall-bżonnijiet tal-fertilità ta' l-art. Kull fejn mess sar qisu ġenna ta' l-art. Iż-żergħa kienet titla' fi xtieli kbar ħodor wara biss ftit żmien, u fejn diġà kien hemm il-miżrugħ l-ixtieli kienu donnhom jieħdu r-ruħ. Dan il-qbil straordinarju bejn Pietru Pawl u l-egħlieqi ta' Ġanni għoġob lill-bidwi wkoll.

Aktar tard inqala' l-għawġ. Ġanni deherlu li bdiet ħbiberija żejda bejn martu u l-impjegat. Dik it-tbissima wiesgħa, regulari, li martu tat lil Pietru Pawl ma bdiet togħġbu xejn. Iżda l-qagħda ta' Ġanni ma kinetx sabiħa. Kien jibża' mill-kobor fiżiku ta' Pietru Pawl, u s-saħħa maskili ta' martu. Għalhekk ma qal xejn.

Pietru Pawl xorta waħda nduna waħdu bil-bidla fl-imġiba tal-bidwi lejh, iżda ma seta' jagħmel xejn. Hu kien jibża' ma jitbissmilhiex lura. Kienet donnha tordnalu jitbissmilha hemm idejha fuq l-ixkafef imxaħħmin ta' qaddha, rasha baxxuta b'għajnejn iħarsu 'l fuq lejh bħal ta' tifla ta' tlettax, u dik it-tbissima tgħidlu, "X'għandek tagħmel?" Kien jitbissem ħafif u jgħaddi jiġri minn ħdejha. Hi, mingħaliha qiegħed jistħi mill-imħabba ta' bejniethom, iżżomm ruħha fin-nofs kemm seta' jkun.

Kultant, fuq is-sodda tiegħu f'kamra mimlija mbarazz, kien joqgħod ħarstu 'l fuq jara lil Xrammga jissielet ma' mostru ġdid dejjem agħar minn ta' qabel. Xrammga jkisser u jfarrak u Pietru Pawl jorqod fil-paċi.

L-għada mbagħad terġa' l-gwerra mal-qawwiet tal-ħarsa u t-tbissima tal-bidwija, u s-silenzju perikoluż ta' Ġanni.

Fl-aħħar ma felaħx aktar u ssokta bil-ħarba regulari tiegħu. Telaq filgħodu kmieni wara li għalef lill-annimali. Flok mar fl-egħlieqi qabad it-triq barra l-arkata. Din id-darba ħa miegħu xi bajd frisk li ġabar minn taħt it-tiġieġ. L-inkwiet li kellu fuq moħħu fl-aħħar gimgħat sparixxa u quddiemu t-triq raha ċara kristall. Kulma kellu jagħmel kien li jsib razzett ieħor — mingħajr bidwija mxennqa — li kellu bidwi jordna 'l kulħadd, iwerwer lil kulħadd. Pietru Pawl ried jaħdem taħt id soda, bla biża' imma mimli rispett lejn raġel li jaf jikkmanda fil-proprjetà tiegħu stess.

Iżda kollox mar ħażin. Pietru Pawl ma sabx aktar arkati u xita u tfal igħidulu biex igħaddi, u t-triq quddiemu baqgħet ċara kristall u vojta. L-ewwel jumejn trejjaq bil-ħarrub li sab matul it-triq, u l-ilma ta' xi nixxiegħa. It-tielet jum il-ħarrub beda joqgħod fuq l-istonku, u l-ilma jsir wisq bla togħma. Pietru Pawl xaba' mill-persistenza tiegħu stess biex isib dak li ma deherx li kien hemm. L-art li għadda minnha f'dawk it-tliet ijiem baqgħet bil-ħarsa mħarrbta ta' blat għeri. Kellu jerġa' lura.

Lura lejn ir-razzett? Le — qatt ma ried jara t-tbissima redikola tagħha u l-inkapaċità tiegħu quddiemha.

Lura lejn daru? Kien ilu x-xhur nieqes u t-triq lura ma kienx żgur minnha. Barra minn hekk kellu jagħmel bħat-tliet slaten maġi u jevita lil Erodi, għax lejn ir-razzett ma riedx jersaq.

Xrammga daħal fil-ġungla li kulħadd kien jibża' jersaq lejha. F'kemm wieħed irodd salib ġie mdawwar annimali selvaġġi kollha jitkessħu bi snienhom. Xrammga garr tnejn biex juri li hu wkoll kellu xi ħaġa minn annimal selvaġġ. Intefgħu fuqu iżda hu biċċirhom. Dak l-elmu jleqq 'l hawn u 'l hemm lejn l-annimali kollha minxurin ma' l-art. It-taqtigħa kompliet ħraxet bejn Xrammga u l-forzi naturali tal-ġungla aktar

ma dan daħal 'il ġewwa. Sriep ġganteski, ljuni, iljunfanti rashom iebsa, gurilli nervużi, u Xrammga ma jwaqqfu xejn.

Kif Pietru Pawl daħal qam bħal terremot privat ġo dik li darba kienet daru. Martu bħal riedet iżżeffen il-pedament tad-dar u wliedu ħarsu lejh skantati u mistagħġba bil-ħila tiegħu f'li jisparixxi u jerġa' jidher. Hu tbissem għax ma kienx jaf x'jaqbad jagħmel minflok hekk. Imbagħad baxxa rasu u stenna sakemm martu jgħaddilha. Dam jistenna ġimgħa u n-nuqqas tiegħu inħafer.

It-tfal biss li baqgħu kultant ifakkruh f'li għamel meta darba 'l hemm u 'l hawn il-kbir kien jitolbu jagħmel il-maġik. Pietru Pawl kien iħares lejn martu li tagħmel ta' bir-ruħha ma semgħetx u minn taħt jagħti daqqtejn ta' sieq f'dahar ibnu. Kien hemm ukoll il-kwistjoni tax-xogħol. Il-fabbrika ma ridetx taf b'Pietru Pawl, u sakemm dam nieqes martu sabet ix-xogħol ma' familja twajba u sinjura. Pietru Pawl ma kienx jaf x'jaqbad jagħmel l-aktar meta martu qaltlu li riedet tkompli taħdem. Finalment m'għamel xejn u baqa' d-dar jieħu ħsieb it-tfal. Irrealizza kemm dan ix-xogħol kien fih tiegħu ukoll meta sa tliet snin wara martu kienet ġabet tnejn oħra. Kultant kien jaħseb li hi ġġibhom apposta biex tpattilu ta' li għamel u timlieh ħass ħażinijiet ta' biki, twerżiq, ħrieqi jintnu, u favalori mimlijin isfar tal-bajd li jaqa' minn ħalq iż-żgħira. Forsi riedet turih ma' xiex ħabbtet wiċċha hi meta telaq hu.

Xrammga naqqas id-dehriet tiegħu. Darba fill kien jidher bħala ġgant qalbieni li jsalva tifel żgħir minn quddiem karozza sparata, jew minn waqgħa mill-għaxar sular ta' lukanda, jew minn tigra li ħarbet miċ-ċirklu fil-belt, kull darba quddiem udjenza ta' nies mistagħġba bil-ħila u l-ħeffa tiegħu. Iżda t-tfal qatt m'offrew sfida kbira biżżejjed. Barra minn hekk kienu innoċenti wisq biex japprezzaw l-egħmejjel ta' Xrammga, u dan beda jiddejjaq.

Pietru Pawl kien xaba' taħt l-enerġija qawwija tat-tfal. Kif ħarġu hekk minnu meta hu kien tant kwiet? Għalfejn kellha tibqa' tpattihielu għal daqshekk żmien? Hu kien telaqha għal inqas minn sena. Hi baqgħet sejra għal erba' snin. Fl-aħħar ma felaħx aktar u f'ġurnata waħda ltaqgħu fih in-nuqqas ta' kapaċità, ma' skarsezza ta' paċenzja, u abbundanza ta' irritazzjoni u nervi. Kollox sar f'minuta u Pietru Pawl ma ra xejn quddiemu ħlief xitan. Kompla jagħti fuqu ma jieqaf xejn u meta ġie f'tiegħu sab 'l-ibnu ta' tliet snin maqtul. Uliedu l-oħra ma dehrux ħlief għaż-żgħira nett li bdiet tħares lejn ħuha u tlissen, "Aħħ, aħħ."

L-ewwel ma ndunat kienet martu meta ġiet lura mix-xogħol. It-

tisfira li daħlet biha fid-dar waqfet ħesrem x'ħin rat ġisem binha ma' l-art, iż-żgħira ċċaqalqu u mingħaliha tilgħab miegħu, u Pietru Pawl f'kantuniera, kokka, rasu fuq irkubbtejh. Il-minuta jew tnejn ta' wara ntefqu fi twerżiq fuq nota għolja minn mart Pietru Pawl, u lfiq fuq nota baxxa minn Pietru Pawl. Il-pulizija ġiet imsejħa u l-każ irrappurtat.

Pietru Pawl għadu fiċ-ċella jixxennaq għal dehra ta' Xrammga fl-istess storja tas-soltu: Xrammga jeħel għomor ħabs għal ħaġa li ma kinetx egħmilu, iżda jkisser il-ħitan taċ-ċella u jaħrab, jaqbad lill-ħati u bi provi xierqa juri l-verità. U n-nies tad-dinja jistagħġbu bil-ħila tiegħu kif jaqraw x'ġara fuq il-gazzetta.

Aktar ma jgħaddi ż-żmien l-istorja tidher inqas ċara, u Pietru Pawl donnu beda jħoss moħħu......

TMIEM

## META FTAHT IT-TIEQA

Immaġina lejl misterjuż, mimli dellijiet, u qamar tond. Donnu jkun bi nhar f'dik is-sbuħija msaħħra, u bħal iqumu l-iħirsa kollha u jagħmlu xalata minn fuq il-biża' ta' l-umani. Kullimkien fiddien, u kelb fir-raba' jinbaħ għalxejn. Par għajnejn kif iddur il-kantuniera ma jgħidulekx mal-ewwel li huma ta' qattusa. U l-passi tiegħek tismagħhom ċari jwassluk sad-dar-kastell imwarrba, għaliha qalb ir-raba'.

Il-ġrajja tiegħi tibda bil-kontra. Il-lejl ma kienx misterjuż, la smajt kelb, u lanqas rajt qattus, id-dar fil-qalba ta' belt. Għalhekk qatt ma stennejt li ġrali.

Sħana qawwija ġegħlitni mmur niftaħ it-tieqa hekk kif dħalt. Għall-ewwel ma fhimt xejn kif mill-ġdid rajt l-injam ma' wiċċi, Ihokk ma' mnieħri, u smajt tisbita f'widnejja. Meta għaqqadt kollox għaraft li t-tieqa kienet reġgħet instabtet ma' wicci. Għall-ewwel ħsibt li kienet iż–żiffa, iżda ftakart fil-kalma tat-temp tal-ġurnata, u nħsadt. L-idea li t-tieqa ngħalqet weħida mxiet bilmod ma' moħħi kollu, u ftit ftit xaqq l-għaraq għalija.

Għamilt żewġ passi lura u ġbidt idejja quddiemi lest għalli seta' jiġi. Meta mbagħad rajt li baqgħet magħluqa aktar bżajt. Bħal stennejt li se jinqala' xi ħaġa u tinfetaħ, jew imqar tiċċaqlaq - bħal min jaf li ġejja xi qatgħa fix-xena li jmiss tal-film u jitlob li tasal qabel ma tieqaf qalbu. Għal sekonda f'moħħi deher tifel ta' ħames snin, imwerwer quddiem ommu, hi nkwetata bl-imġiba tiegħu, u hu xofftejh jitriegħdu sakemm igħidilha li kisser il-vażun. U t-tbissima, it-tbissima ta' l-omm meta hu qalilha – kif ħassha bħal xafra bierda tinfed sakemm l-uġigħ ilaħħaq ma' fejn tgħaddi. Kollox ġie lura f'sekonda: il-bikja qawwija għax ta' tifel ma fehemx għalfejn tbissmet, għalfejn m'għajtitx. U waqt li l-istampa ntfiet ġo moħħi għajnejja reġgħu ffukaw fuq it-tieqa. Ħarist, ħarist kemm flaħt lejn l-injam donnhom għajnejja kienu se jfehmuni kollox.

Ma stajtx nifhem x'kien qed jiġri x'ħin sibt ruħi nħares in-naħa l-oħra tat-tieqa, lejn il-bieb. Għaġġilt wisq meta dort, anki għal moħħi. It-tisbita tal-bieb ġegħlitni ntajjar ħarsti lura. Tgerfixt. Ħarist lejn it-tieqa, il-bieb. X'il-ħniena kien qiegħed jiġri? Qatra għaraq żelqet ħelu ħelu minn ma' geddumi. Smajt nifsi jitqal u jeħxien waqt li idi tkaxkret ma' wiċċi tiġbed l-għaraq. It-tifel reġa' ġie quddiem għajnejja: nifsu maqtugħ wara tellieqa, nifsu maqtugħ u ma' l-art isabbat wiċċu fit-trab. Ried jiġi l-ewwel. Ried jiġi l-ewwel. Missieru kien qallu qabel tellaq: "Qis li ma

ġibtnix għalxejn." Kien fehem kollox. Kellu jiġi l-ewwel mhux għalih, għal missieru. Ġie t-tieni.

Qalbi ħarbet taħbita trid tilħaq lil ta' qabilha. It-tieqa nstabtet ma' wiċċi, il-bieb ingħalaq warajja. U issa? Forsi xi bomba ttajjar il-bini kollu u l-għada xi għaqda jew tnejn igħidu li huma responsabbli. Xahar qabel fl-istess triq kienet ġrat diġà din. Għalaqt għajnejja, stennejt b'xufftejja marsusin, u subgħajja f'widnejja. Stajt nisma' t-tektik ta' l-arloġġ-bomba fl-immaġinazzjoni. Kien jinstema' ċar daqs qalbi, sakemm issugrajt niftaħ għajnejja u rajt figura stramba ċassa lejja, b'idejha ma' widnejha, pożizzjoni verament redikola. Meta għaraft li kont qiegħed inħares lejn il-mera, xi sekonda wara, niżżilt idejja malajr u stħajt għalkemm ma kien hemm ħadd.

It-tifel reġa' ġie quddiemi, fil-kamra tal-banju jistħi jniżżel il-qalziet ta' taħt għax ra wirdiena. Ftakartu jgħajjat lil ommu u jiddiskuti, permezz ta' ħarsa qalila lejn il-wirdiena fil-banju u lejn idejh iżommu ggranfati mal-qalziet, il-problema tal-mistħija. U l-omm tidħak kemm tiflaħ għax fehmet. Ftakart kif it-tifel staħa mill-omm, u l-wirdiena żammha f'bott sa ġimgħa wara, meta mietet. L-omm baqgħet ħajja aktar u t-tifel baqa' jistħi mill-episodju.

Ara, hawnhekk jiddispjacini ngħid li l-awtur mhux jispjegalkom sew. Waqt li għadu ma qalx li t-tifel kien hu, anqas biss qiegħed jindika li din il-memorja għaddiet f'leħħa ta' berqa minn moħħu, u ma damitx daqskemm dam hu jiddeskrivi. Skużawni ta' l-interruzzjoni.

Qgħadt bilqiegħda fuq is-sufan li kelli f'nofs il-kamra, u striħajt. Neħħejt kollox minn moħħi u bilmod erġajt bdejt għaddej fuq li kien ġara. Kif dħalt ingħalqet it-tieqa, imbagħad il-bieb, iżda ma ġara xejn aktar. Min kien qed jilgħab ħallieli ftit ċans biex naħseb, u milli jidher kien imiss lili li nagħmel xi ħaġa. Forsi kienet xi ċajta tal-ġirien. Ftakart fiċ-ċajt goff ta' Roger u Andrew, kif darba werwru t-tfal tal-qrib billi telgħu wieħed fuq l-ieħor u libsu ta' ġgant ikrah, kull filgħaxija. Ħassejtni aktar kunfidenti, qomt u mort niftaħ il-bieb. Hekk jew hekk ma stajtx nibqa' bilqiegħda lejl sħiħ, inħares.

Meta l-bieb ma setax jinfetaħ bdew jiġu ħafna verżjonijiet ta' kliem ħażin, stampati ġo moħħi, li żammejt lura biex ma nissodisfax lill-lagħaba li setgħu kienu qegħdin jisimgħu b'xi mod. Ħadd m'għandu idea safejn kapaċi jaslu Roger u Andrew, forsi kellhom xi mikrofonu fl-appartament

tiegħi. Roger kien jaħdem bħala tekniku f'fabbrika u kien kapaċi f'dawn il-ħwejjeġ. Ladarba riedu jtawlu ċ-ċajta stajt noffri aktar paċenzja. Nistenna sakemm jixbgħu huma, inreġġa' ċ-ċajta lura lejhom u jkollhom jammettu li tilfu, li ma beżżgħunix u ħlew il-ħin fuq bniedem makakk aktar minnhom. Bdejt ngħanni wkoll biex infiehem lili nnifsi li issa kollox kien sew, u biex nurihom li kont kalm.

Ara, issa jmiss li titlestew għalli ġej. Irid ikollkom:

a) Ġabra qawwija ta' immaġinazzjoni;
b) Awtonomija fil-ħsieb;
c) Konċentrazzjoni fuq kull kelma;
d) Ħafna ħin;
e) Borma mdaqqsa.

Ħalltu kollox flimkien, il-ħin itfgħuh l-ewwel biex ikollkom ċans taħsbu, il-konċentrazzjoni fuq kull kelma roxxuha ftit ftit waqt li taqraw, l-awtonomija fi ħsiebkom itfgħuha bis-saħħa biex żgur ma taħsbux dak li kkonkluda l-awtur, l-immaġinazzjoni tieqfu qatt titfgħu minnha anki meta t-taħlita tkun fuq in-nar. Ħallu kollox ħallata ballata u l-kejk isir waħdu. Skużawni ta' l-interruzzjoni.

"Ismagħni sew." Dawn kienu l-ewwel żewġ kelmiet li smajt. Il-ħasda ġdida ġegħlitni nieqaf f'nofs kelma mill-kanzunetta. Ma tkellimt xejn għax ma kontx naf x'naqbad ngħid. Jew iċ-ċajta kienet ippreparata sew, jew...ma nafx. Il-leħen kien ċar daqs ta' l-għalliem fil-bieb tal-klassi l-ewwel ġumata l-iskola. "Ismagħni sew," kien qal, "int la tista' toqgħod imqareb, la titkellem, u ara ma tidħakx għax b'rasek idur." Ftakart fil-kuritur vojt, bla dawl, u dan il-leħen jidwi minn raġel twil jiena u dieħel fil-klassi. Ftakart fit-tifel iħares tul il-kuritur ifittex, ifittex b'għajnejh l-eku immaġinat tal-leħen. Fil-kuritur baħħ il-leħen baqa' jinstema' filwaqt li t-tifel jaħseb fuq ras iddur, iddur, iddur, għax ma fehemx x'ried igħid l-għalliem. "...għax b'rasek idur, idur, idur." Għadni niftakarni fil-kamra nfittex fil-memorja t-tifel jaħseb fuq ras iddur, u l-bikja ta' wara għax beża', u t-tieni sentenza ta' l-għalliem: "... u lanqas tista' tibki!"

Il-kliem ta' wara qajjimni mit-tifkira: "Jien id-dar. Id-dar tiegħek fhimt? Irridek hawn miegħi, ġo fija."

Qbadt nidħak. Dawk Roger u Andrew ma kellhomx kwiet. Iżda dan ma kienx is-soltu tagħhom. Is-soltu ma jaqgħux daqshekk fir-redikolu.

Min kien f'sensih u stenna li jien nemmen li d-dar tkellimni? Qomt u bdejt infittex l-apparat li ħbew fl-appartament. Bdejt inqalleb kollox għax din kienet sfida. Ħadd qabel ma rnexxielu jaqbad tarf iċ-ċajt ta' Roger fil-waqt, u jien ridt inkun l-ewwel u l-uniku li nagħmel dan. Kont ċert s'issa li setgħu jisimgħuni, u setgħu jkellmuni. Inqas ma nitkellem aħjar, ħsibt, u żammejt ħalqi magħluq. L-ewwel m'għamilt erġajt ippruvajt niftaħ it-tieqa, u l-bieb. Għalxejn. Imbagħad dort il-kamra nerġa' nqalleb kollox. Fil-kmamar l-oħrajn ma stajtx nidħol għax is-salott fejn kont kellu bieb wieħed jagħti għall-kuritur. Kont fl-aħħar kamra. L-apparat li waħħal Roger bilfors kien matul id-dar fil-kmamar l-oħrajn. Waħħalt f'rasi li Roger u Andrew kienu huma wkoll f'xi kamra, jew fil-kuritur wara l-bieb, jitbissmu u jistennew. Kulma kellhom bżonn kien prova li jien kont qiegħed nibża'. Immaġinajthom lesti biex jirrekordjaw l-inqas kelma jew karba li nlissen. U l-leħen kompla.

"Qiegħed tismagħni? Tagħmilhiex ta' li m'intix tifhem. Illum twelidt u rrid nifhem x'jien, x'int, u x'hemm barra minni. Irrid naf. Dawn il-ħitan irridhom jisplodu u kull farka ttir 'il barra tfittex u tgħidli li tara. Iżda dan ma jistax ikun. Jien dar u d-djar ma jisplodux weħidhom, anqas ma jimxu. Id-djar iħarsu 'l ġewwa biss, jisimgħu u jiftakru, u kultant jitkellmu bħali, iżda qatt ma jiċċaqalqu. Għalhekk kelli bilfors nagħlaq lilek fija. Int ħaj. Ngħir għalik, donnok esperjenza kontinwa miexja u titqal taħt ġrajjiet ġodda. U issa ġo fija tista' tkun l-għerf tiegħi. Xi tgħid?"

Innutajtu ħaġa? Il-kliem jibda u jispiċċa b'mistoqsija. Id-dar trid tkun taf. Trid tikkomunika. Hemm ġibda, ġibda qawwija lejn l-għerf uman, lejn ħruġ barra minnha nnifisha. L-awtur iżda fittex konklużjoni oħra. Barra minn hekk ma nistax nissaportih iwasslilkom ġrajja imperfetta. Ma qalx li kliem id-dar hu kalm, ħiemed, jixbah ħafna lis-silenzju. Tridu timmaġinaw ħoss qawwi: ma smajtuhx naturalment, imma tisimgħuh jidwi mal-ħitan ta' moħħkom għall-eternità. L-aħjar li tieqfu minuta mill-qari, tmorru b'ġirja tixtru t-tajjar u timlew widnejkom bih. Imbagħad ħarsu lejn xi platt jaqa' ma' l-art u jsir murtal ta' frak itir, u isimgħu il-ħoss jinfetaħ ġo moħħkom bi twelidu wara l-widna, jinfetaħ minn tikka għal ġo ħafna ċrieki, jikbru, jikbru 'l barra. Il-moħħ jivvibra hekk kif kull ċirku jaħbat ma' ħitanu. Skużawni ta' l-interruzzjoni.

Bqajt sieket kemm flaħt. Anki nifsi ppruvajt ma nħallihx jinstema'. Ma ridtx intihom il-pjaċir li ħasbu li se jieħdu minn għandi. Kelli ħaġa

favur tiegħi, li stajt nistenna għax fejn immur ma kellix. Anzi, biex ngħid is-sew, ħadt pjaċir biċ-ċajta għax imlietli lejla monotona d-dar. Il-monotonija kienet teqridni, xejn ma weġġagħni daqs il-monotonija f'ħajti. Ftakart tifel jisma' l-għalliem jaqra l-ktieb għat-tielet darba. Kif wara ftit il-kliem jiżżelleġ u l-ħarsa tidħol 'il ġewwa fil-moħħ fejn il-fantasija ssebbaħ il-qari ta' storja rieqda mimlija kliem tqil. Ftakart fil-logħob bis-swaba' li kien mogħdija taż-żmien ieħor. It-tifel kien isib infinità sħiħa fil-modi differenti kif seta' jgħaqqad is-swaba' taż-żewġ idejn, u waqt il-paroli ma jaqta' xejn ta' l-għalliem, erħilu jiskanta bil-forom ġodda li jieħdu jdejh. Ġieli qabad saba' waħdu u ra kif jiċċaqlaq, u kif fit-tarf kien eħrex mil-laħam għax kien hemm id-difer, u qabblu mas-saba' mimli xagħar u tikmix ta' l-għalliem meta dan jimponi idu b'sabta fuq il-mejda tat-tifel skantat. Ġie lura l-ħsieb li t-tifel kien sikwit igħid f'moħħu: Allaħares sebgħi jsir hekk meta jikber, jaqq.

"Isma' billi ma titkellimx ma jfissirx li int superjuri għalija. Jien għandi l-moħħ tiegħi u naħseb li niflaħ daqsek. Nista' nżommok hawn ġew kemm irrid, u int tgħix fuq l-ikel u l-ilma. Tinsiex li hawn ġew m'hawnx ikel. Kulma rrid inparlaw flimkien. Ħsara m'iniex se nagħmillek billi nieħu l-esperjenzi li int għandek ta' barra minn hawn ġew. X'inhi l-kapaċità jekk ma jkollokx fuqiex taħseb? Irrid il-kontenut. Emminni m'hemm xejn ħażin għalik jew għal ħaddieħor billi tparla miegħi. Forsi hi tqila għalik li tagħraf fija l-istess qawwa tiegħek, imma trid tifhimni. Hawn lejl u nhar nisma' lilek u 'l ta' qablek tgħidu bi ġrajjietkom barra, fejn mortu, x'rajtu, xi ħsibtu, kollox. Hemm kollox barra l-bieb u t-tieqa tiegħi, dan baqa' jidwi ġo moħħi. Ftakart li fija ma kien hemm xejn. Hawn ġew ħadd ma jrid joqgħod. Kulħadd jisħetha 'l daru u jidħol fiha biss biex jagħmel dak li barra jistħi jagħmel. Li rrid ngħid hu li mhux sew li aħna ma nieħdu xejn. Jien dar u xogħli deher li hu, għal żmien twil, li nserraħ in-nies mit-tensjoni tagħhom. Kemm tefgħu kliem ħażin ma' ħitani. U issa? Issa mingħajr ma ridt xtaqt nifhem. Il-ġibda fija saret naturali, saret nar. Għalfejn din ir-rabja? Għalfejn jiġu lura kull filgħaxija u jibku? X'inhuma jaraw? X'hemm barra t-tieqa? X'ġabru fihom dawn l-umani? Kien itini l-biki nara lil ta' qablek riesaq bilmod lejn is-suwiċidju għax dejjem iltaqa' ma' xi ħaġa hemm barra. U hemm fuq iċ-ċint tal-gallerija se jaqbeż, u jien irrid ngħajjat u nwerżaq infittex ġol-bini tiegħi ħalqi u ma nsibux. Kieku biss taf x'ħassejt dak il-ħin: il-qabża, is-sabta ma' l-art barra, kollox dar bija u għall-ewwel darba ħarġet kelma, 'Aħħ!' Għall-ewwel ma ndunajtx, għax kont mitlufa fil-

mewt tiegħu. Telgħu l-pulizija, ġenn sħiħ. Iżda aktar m'għadda ż-żmien aktar bdejt niġbor kliem 'l hemm u 'l hawn, l-aktar mingħandek u mingħand sħabek. Għalkemm ma kellix ħalq għaraft li m'għandekx bżonn ħalq biex titkellem. Dan kollu kien ġdid għalija u llum inħossni mwielda għax waqt li żammejt kollox mistur sakemm tħarriġt fil-lingwa, u qatt ma waqaft nitkellem miegħi nnifsi, illum qiegħda nitkellem miegħek. Illum bdejt nikkomunika. Xi tgħid?"

Għal ftit ma ħarġitlix tweġiba. Kienu konvinċenti Roger u Andrew, u naħseb li kienu lestew il-kliem minn qabel. Lanqas tlaqliqa waħda m'għamlu u min jaf kemm-il darba rrekordjaw il-kliem mill-ġdid.

"Jiena twelidt. Kieku biss taf l-uġigħ biex inlissen kelma għall-ewwel darba. Kieku biss taf kemm-il darba rrepetejt 'Aħħ!' biex ma ninsiex il-ħila tal-kliem. Għadni niftakar, ftit ilu, qisni dik it-tifla li ġiet ma' dawk in-nies sħabek il-ġimgħa l-oħra, sejra nitkellem waħdi, nkanta l-kelma 'Aħħ!', nilgħab b'leħni, u ngħid ħmerijiet u kliem ma jinftehmux. Eżatt bħal dik it-tifla. Iżda nafsew x'kienet qiegħda tagħmel. Bħali jaħasra, tiggranfa ma' dak li taf biex żgur ma titilfux. Tgħaġġel kemm tiflaħ biex tfittex titgħallem tispjega ruħha, tuża l-kliem lejl u nhar u titlob f'qalbha li intom il-kbar tifhmuha, u li hi tifhem lilkom. Ma stajtx nifhem kif intom kontu daqshekk kalmi, tparlaw u tidħku, u hi tghid il-ħmerijiet lill-pupa għax ħadd ma jrid jismagħha, ħadd ma jrid ibiddel il-ħmerijiet li qalet fi kliem b'tifsira. Għandu jkun intom tidħku l-aktar fit-traġedji, bħal din. Tħassartha u erġajt ftakart f'ta' qablek fuq iċ-ċint, se jaqbeż. Tifhem issa l-bżonn tiegħi? Tifhem li jien tarbija b'ħila adulta? Għidli x'se nagħmel mingħajr esperjenza? Fejn tmur kuljum? X'tagħmel? Min int barra minn hawn ġew? Possibbli hi daqshekk diffiċli titkellem?"

Ħarist bil-lajma lejn l-arloġġ u rajt li l-minuti kienu għaddejjin. Ikkalkulajt li forsi kien ili xi għaxar minuti fil-kamra. Daqt issa. Probabbilment jidħlu t-tnejn u jeħduli b'idejja. L-ewwel wieħed li ma daħkux bih. Ħassejtni superjuri, bniedem makakk li ma tidħakx bih kif ġieb u laħaq. Biex aktar nuri l-ħila tiegħi mort ħdejn l-ixkaffa żgħira li kelli mal-ħajt fis-salott, għażilt ktieb u poġġejt bilqiegħda naqra. Kif jifthu ridthom isibuni naqra. Ftakart fih erġajt, it-tifel li ried jikkonvinċi lil ħabibu li ma jħossx uġigħ u għalhekk ma jibżax. Rajtu hemm fuq ċint ħdejn l-iskola, iħalli lill-ieħor joqorsu sakemm il-laħam isir vjola bla ma jgħid xejn. U jifraħ, jifraħ kemm jiflaħ jifraħ tifel, meta sieħbu jibqa' skantat u jmur jiġri jgħid lill-oħrajn li ħabibu ma jweġġax. Ftakart fil-qris

selvaġġ m'għand kull tifel, u hu jibqa' ċass waqt li minn ġewwa jgiddem moħħu bl-uġigħ. Il-ġabra tfal skantati hu u jinżel minn fuq iċ-ċint iħares lejn idu mimlija dabriet ħomor, u jgħid, "Għidtilkom li ma nweġġax," waqt li jgħaġġel kemm jiflaħ lejn x'imkien fejn ma jarawhx. Il-biki mifguħ wara l-kantuniera ta' l-iskola għax ma setax jissaporti l-uġigħ aktar, l-uġigħ tal-biża' li kellu fih li l-qarsa li jmiss tkun akbar minn ta' qabilha. F'moħħ it-tifel kienu reġgħu ġew wieħed wara l-ieħor l-uċuħ tat-tfal, kollha fuq ix-xwiek li jmiss lilhom biex iġegħluh igħajjat. U bejn l-ilfiq, u d-dmugħ nieżel ma' wiċċu, ħarġet qawwija l-kelma, "Inpattihie-l-hom!"

Hawnhekk se jkolli nerġa' niterrompi u nispjegalkom li l-awtur meta beda jiftakar ma baqax jaqra l-ktieb, u ħallieh jinżel fuq ħoġru waqt li hu ħares ċass lejn l-inkwatru bir-ritratt ta' meta kien żgħir. Haġa oħra, li se jingħad issa, li qalet id-dar, sar waqt li l-awtur kien qiegħed jiftakar. Naturalment l-awtur ma mexxilux igħidu dan, u issa se jġib kliem id-dar bħallikieku dan sar wara ħsiebu. Qisu d-dar qagħdet tistennieh jispiċċa. Le. Aħsbu intom fuq kliem id-dar u taraw kif le. Skużawni ta' l-interruzzjoni.

Il-vuċi reġgħet instemgħet.

"Nitolbok kellimni. Nitolbok... qiegħed tismagħni? Għalfejn ma titkellimx? X'għandi biex twarrabni? Kellimni! Minn fejn ġejt? Għidli! Għidli!"

Għal minuta l-leħen waqaf u qomt biex nara l-bieb jinfetaħx, iżda qabel ma wasalt kompla u waqaft bla ma ridt fejn kont, bilwieqfa xi tliet passi 'l bogħod.

"Mela rbaħtli, u mmut fl-istess ġurnata ta' twelidi. Jien għalhekk twelidt u għalhekk immut, minħabba l-kilba għall-kliem, u minħabba l-ħwejjeġ li hemm barra minni. Inħossni redikola hawn b'kollox fija, bl-esperjenza tiegħek kollha, u se nħallik għaddej biex immut jien. Le. Mur, itlaq u erġa' ejja fil-qoxra mejta, la hekk trid. Lilek inħallik ħaj, biex forsi xi darba ssib 'il dik it-tifla u tifhimha. Forsi tifhimha ...ħa, mur."

Il-bieb u t-tieqa nfetħu weħidhom u ħriġt infittex lil Roger u Andrew biex ninkihom li ma rebħux. Naturalment kienu se jilagħbuha tal-boloh, ta' li ma jafu b'xejn, iżda l-aqwa li f'qalbhom jiftakru li miegħi m'għamlu xejn.

M'għamlu xejn.

TMIEM

## JAĦASRA ĠANNI

It-tifel għamel l-ewwel minuta affaxxinat, imwaħħal ma' l-art fejn kien, iħares lejn raġel ta' tmenin sena jibki. Imbagħad resaq aktar viċin sakemm ġie taħtu u seta' jara l-leħja taħt geddumu kbir, il-ġnub ta' nuċċali ħerġin 'il barra, u id iggranfata ma' maktur tielgħa u nieżla lejn imnieħer storbjuż.

Minn għajn waħda seta' jara ħiereġ, jiżżerżaq, l-ilma sakemm ifforma bużżieqa ċkejkna fil-ġenb tal-geddum. Għajnejh żgħar iffissaw fuq id-demgħa, rawha tikber, tikber u ...titqaċċat minn mal-laħam għal ġo ballun fl-arja nieżel lejn wiċċu. Ibbies u għajnejh ma setgħux jingħalqu. Ra l-ballun jikber, isir ġgant, mewġa ta' baħar mielaħ nieżla fuqu.

Id-daqqa sabbtitu fl-art u ħassu għasra jfittex li jitla' fil-wiċċ għan-nifs. Idejh baqgħu jagħtu ma' l-ilma li issa kien kullimkien. Bħal berqa għadda minn moħħu hu nnifsu jagħti fuq l-ilma u ommu żżommu fil-wiċċ, u tifraħ bih għax, "Taf tgħum, qed tara!" Kompla jagħti, u jibki, jwerżaq u l-leħen mgħaffeġ fl-ilma jasal imgħattan f'widnejh stess. Igħażżeż snienu, u jigdem fl-ilma għalxejn. Għajnejh xaffra jaqdfu 'l fuq ilaħħqu mal-wiċċ ta' l-ilma fejn qatt ma seta' jasal.

Ħalqu nfetaħ u ħarġu bżieżaq ta' l-arja. Ra madwaru bżieżaq telgħin minn kullimkien, foresta ta' bżieżaq telgħin minn ħluq miftuħin. Nies kullimkien għajnejhom beraħ, u ħalqhom ċirku joħloq bużżieqa wara l-oħra. Bżieżaq telgħin jinfaqgħu, jagħmlu ħoss imfexfex ġo baħar ta' nies. Iggustahom għal ftit, iħarsu lejn xulxin b'dawk l-għajnejn kbar, u jaraw il-bżieżaq ta' xulxin telgħin. Sakemm ftakar li hu wkoll kien fl-ilma qiegħed imut.

Miet. Ġanni, it-tifel iż-żgħir ta' Cetta kien miet.

Qam bil-kwiet darba waħda filgħodu kmieni, mar fil-kċina fejn kien hemm ommu, u qalilha kollox, "Ma, darba waħda spiċċa kollox. Kelli ħames snin u ma kien fadal xejn iżjed, u jien mingħalija bqajt sejjer. Issa jien mejjet." Id ommu ġriet għal fuq moħħu kif kellha ħabta tagħmel kull darba li l-mara ma tifhemx x'qal, u l-istess kliem tas-soltu reġa' tfaċċa, "Ruħi jaqaw ma tiflaħx?"

Ġanni telaqha fil-kċina u mar fil-kamra l-oħra. Darba waħda għal Ġanni kien spiċċa kollox, għax kien ra kollox, u x'jiġri meta tara kollox? Ma jifdal xejn. Iżda Ġanni għamel żball għax ried jibqa ħaj. "Messni mitt, messni mitt," irrepeta waħdu fil-kamra ta' l-ikel. "Issa llum insofri n-nuqqas ta' kuraġġ li kelli, il-biża' biex immut f'waqti. Qiegħed nara li ili

mejjet u ma kontx naf."

Ommu semgħetu u bħalma tagħmel kull omm li tara 'l binha jinsisti mal-ħajt tal-kamra ta' l-ikel li hu mejjet marret iċċempel lit-tabib tal-familja. Ukoll, bħalma jiġri lil kull pazjent, Ġanni ġie mitlub jibla' l-pilloli kuljum, jistrieħ kemm jiflaħ, u ma jmurx għax-xogħol.

Iżda Ġanni kien miet. Id-demgħa kienet fgatu. Għalxejn baqa' jmur kull ġimgħa għand il-psikjatra. Mela psikjatra kien se jibdel il-fatti li ġraw? Dak mhux mal-moħħ kellu x'jaqsam? Ġanni ma kienx taħt xi kumpless mentali, kien miet. Qalha hu stess, u għalfejn m'emmnuhx? Mhux hu l-aktar li jaf x'ġara lilu? Baqa' jinsisti ma' ommu, missieru, ħutu u mal-ħajt tal-kamra ta' l-ikel li ma setax jaħbi l-fatti iżjed. Kien mejjet u ma kellux għalfejn idejjaq psikjatri bil-mewt tiegħu.

Il-psikjatra min-naħa l-oħra kien nemusa fitta fitta wara nuċċali, li ħlief iżżanżan ħmerijiet ma ridetx. Sfurzatu jgħidilha x'kien ġralu ta' ħames snin, u wara ppruvat tfehmu li li qal ma kienx ġara. Imma jew hu ma kienx f'sensih, jew dan il-psikjatra aħjar imur għand ieħor. Għalfejn l-ewwel tistaqsih x'ġara, u wara tgħidlu li mhux hekk? Is-sessjonijiet komplew u Ġanni beda jirfina l-argumenti favur il-mewt tiegħu. Insista li hu jaf x'inhu mewt mhux psikjatra li ma jafx jitkellem ħlief fuq imħuħ ħajjin. Il-psikjatra kien ħaj u l-mewt kienet nuqqas ta' ħajja. Il-psikjatra sar żunżana u fehem biss li quddiemu kellu għadma iebsa. Ġanni baqa' dejjem jistagħġeb bil-mod kif il-psikjatra-żunżana kellu l-kapaċità jaqbel miegħu f'kull ma jgħid, u jipprova jfehmu l-kontra.

Kien joħroġ stordut wara kull sessjoni, jiftakar biss fil-ġrajja li wasslet għall-mewt tiegħu. Ix-xiħ, id-demgħa, u hu jwerżaq taħt l-ilma. U idu kienet tmur mal-ewwel għal għonqu, iħoll l-ingravata u jimsaħ l-għaraq fuq wiċċu. Dejjem jerġa' jlissen l-istess karba, "Għarukaża dan l-għaraq kollu wara l-mewt."

Iż-żmien għadda u Ġanni ddeċieda li jmur joqgħod għal rasu. Ħareġ mid-dar u miegħu ħarġet it-triq li sa dakinhar kienet taf l-istorja sħiħa ta' Ġanni l-Mejjet. Ġanni telaq fost ċapċip u agħjat, u daħk sfrenat. Taru wkoll xi żewġ bajdiet li nfaqgħu ħdejn saqajh. Ġanni tbissem u ħares lura lejn it-triq tiegħu xhud tal-biki ta' ommu, is-serjetà ta' missieru u ħutu, u d-daħk tal-bqija. Xejjer waħda lil kulħadd u telaq. Qatt ma stennejt daqshekk nies, ħaseb, dan bilfors hu l-funeral.

Fetaħ għajnejh u ħares. Ra sema mimlija xemx. Dawl kullimkien jagħfas fuq in-nervituri żgħar t'għajnejh. Qam b'ħasda u sab ruħu fuq ċattra f'nofs baħar. Kien ilu tlett ijiem bla ilma u ikel, jitlob li jara vapur.

Kienet ir-raba' ħolma li kellu fuq dik iċ-ċattra, il-mewt, Ġanni, ommu, il-psikjatri... Dawwar rasu lejn ġenb u ra idu fl-ilma, ġibidha lejn l-oħra, jogħrok. Dik kienet tiegħu. Resaq lejn nofs iċ-ċattra 'l bogħod mill-ilma. Reġa' ftakar l-għarqa tal-vapur, sħabu jgħajtu f'purtiera ta' nirien f'wiċċ l-ilma. Reġa' ra l-ħolma, ix-xiħ, il-mewt, il-psikjatri ... U ftit ftit beda jiġġennen. Min kien Ġanni? Min kien hu?

Moħħu nħall. Min kien il-ħolma. Fejn bdejt, beda jaħseb, fejn bdejt? Jien Ġanni? Jien jien? Fejn qiegħed? Liema hi l-memorja? Qiegħed immut.

Ipprova jiftakar fl-għarqa tal-vapur. Il-vapur għereq. Hu salva u issa qiegħed ikollu l-ħolm ikrah fuqu nnifsu. Imma, imma forsi hu ħolma ta' Ġanni. Ġanni? Imma Ġanni mejjet. Fejn bdejt, moħħu ried igerrem lilu nnifsu. Il-ġenn beda jaħkmu sew. Il-mistoqsija perikoluża baqgħet ġejja ċara kristall, liemu hi l-ħolma? Min hu ħaj u min miet?

TMIEM

UNIVERSITY OF MALTA

# TWIL IL-PIGMI

Kap. 1

X'imkien fl-Afrika, darba waħda, instemgħet għajta fil-lingwa pigmija: "Ħa!" li tfisser bil-Malti:

"Ħa noqtol ruħi b'idejja. Ħa nsib l-akbar iljunfant u neqirdu. Lil dak Panga se nagħmilhielu fl-aħħar, inbellagħlu litru velenu. Ħaqq it-tul li għandi. X'se nagħmel, x'se nagħmel? Nagħmel revoluzzjoni, neqred lix-xjuħ u nieħu l-villaġġ f'idejja. Le, aħjar immut. X'waħdadin, ikolli mmut minħabba kelma żejda? Jew jien jew Panga. L-aħjar jien, Panga jmut."

L-għada ġriet l-aħbar li Panga kien miet b'mod misterjuż, waqt li filgħodu f'xi d-disgħa u nofs instemgħet għajta tidwi mal-kontinent: "Ħa!" li tfisser bil-Malti:

"Ħa niġġennen, ħa niġġennen. Jiena lest li noqtlu u mietli hu minflok. Ardit u arroganti anki f'egħmilu. Nagħmilhielu jekk nerġa' narah b'għajnejja. X'waħdadin donnu l-ħsieb tiegħi qatlu. Forsi jien saħħar. Ommi ma, le daqs kif iwerwruni s-sħaħar; wieħed ġo fija jonqosni.

Kap.2

"Mill-banda l-oħra jekk jien saħħar nista' b'xi mod inqassar lili nnifsi, insir pigmi normali u f'saħħtu."

Twil qam minn taħt il-weraq kbir tal-ħxejjex fejn kien inħeba komplet. Ħares lejn il-bqija ta' l-Afrika sa fejn laħħqu għajnejh, u ra n-natura sa ftit metri bogħod. It-tentazzjoni tas-soltu ġiet. Għall-ewwel ma tax kas, għat-tieni beda jtektek ftit nervi ma' ġismu kollu, għat-tielet għajnejh waqgħu 'l isfel fuq l-art, storda mill-għoli u waqa'. It-tentazzjoni li jħares lejn l-art kienet miegħu kull fejn imur, u setgħet titqies periklu f'pigmi twil minħabba l-bżonn li l-moħħ tiegħu jara ċertu għoli u mhux aktar.

Sakemm Twil qam wieħed seta' jinnota li veru kellu dawk l-erba' pulzieri 'l fuq mill-itwal pigmi fil-villaġġ. Dan ma kienx difett sakemm Twil u l-oħrajn ma kinux konxji tat-tul tiegħu. L-ewwel sajjetta, iżda, ġiet f'ġurnata xemx tiżreġ meta Twil kien qiegħed jilgħab ma' tfal pigmija oħrajn. Iż-żring li t-tfal kienu qed jaqbżu warajh ta l-aħħar salt għal ġo ġabra veġitazzjoni taħt siġra ġganteska. It-tfal kollha qabżu, jagħtu u jgħajtu, fuq il-ħaxix. Twil m'għaddiex minn bejn l-art u l-fergħa stramba li għażlet triqitha 'l barra miz-zokk ftit fil-baxx. Ħass bħal nuqqas ta'

saħħa u uġigħ f'moħħu u xejn aktar. Meta qam kellu madwaru ġabra tfal igħajruh bit-tul tiegħu, bil-ħarsa belhana li kellu, u bil-gundalla. Minn hemm 'il quddiem beda massakru tal-paċi li kien igawdi: ismu sar Twil, persuntu saret il-parti umoristika tal-villaġġ, kliemu beda jitħawwad, l-imġiba sħiħa tiegħu saret stramba. Ħafna drabi kien jaħrab għalih waħdu, jibki għax jaf li kien għadu żgħir, li kien jonqsu jitwal. U twal.

Twal 'il fuq aktar mill-immaġinazzjoni tiegħu stess, u dan kien il-bidu ta' taħriġ straordinarju. Il-bqija ta' l-umanità pigmija, kif ukoll xi rappreżentanti ta' tribujiet viċin, bdew josservaw imġiba ġdida. Pigmi kemxejn twil jagħti fuq rasu b'ġebla u kull ftit sekondi jieqaf, iħares lejn l-art, jistordi, iqum u jerġa jibda l-proċess sħiħ. Ġo moħħ Twil kien hemm proċess simili: il-weġgħa mistennija ma' kull daqqa li tispiċċa f'eku ma' moħħu kollu, l-għoli mill-art, u kollox idur — is-sinjal tal-falliment.

In-nies, madwar mitejn ruħ miġbura f'ċirku madwaru, kienu daħlu f'ħamba misterjuża ta' "Ħa, ħa!" li bil-Malti tfisser "Ħa, ħa!" U Twil kien aktar jindanna jara d-daħk ritmiku u s-swaba' jippuntaw lejh. Iżda bħalma jiġri meta ħaġa tippersisti, u n-nies ma jifhmuhiex, bdiet tinbet interpretazzjoni ġdida. Forsi Twil kien saħħar, kien hemm min qal, jew forsi kien xi mgħallem axxetiku, jew xi tip ta' profeta modern. Il-biżà li nissel dan il-kliem kiber u tqawwa hekk kif l-aħbarijiet il-ġodda tmewġu u għarrqu l-villaġġ. Ħadd aktar ma resaq jew ħares lejn Twil, ħlief Panga, u minn dik il-popolarità Twil spiċċa ħesrem, ħesrem, waħdu. Il-ħeffa li dan kollu ġara biha ħallet l-aħħar irbit ċkejken li Twil kellu mar-realtà, u l-pigmi intilef għalkollox fi djalogu miegħu nnifsu fejn ma kienx għalkollox ċert liema wieħed kien hu.

Kap. 3

Panga kien l-iqsar pigmi fil-villaġġ. Kellu sengħa kif itektek fuq il-ħsieb ta' ħaddieħor sakemm inaqqax ħsieb ġdid għall-bżonnijiet tiegħu. Kien iżanżan tentazzjonijiet ta' kull għamla u daqs f'moħħ min irid, iġelled, isewwi u jeqred in-nies tal-villaġġ. Fuq kollox ma kienx jibża' minn Twil u kienet għaxqa għalih li jfittxu fil-ħafna moħbiet tiegħu sakemm isibu u jibda diskursata krudili fuq it-tul enormi ta' xi nies fir-raħal. Dan l-antagoniżmu beda meta Garà, tfajla pigmija protagonista fil-ħolm ta' Panga, bdiet tħares f'biża' u f'interess lejn id-dehriet rari ta' Twil. Għall-ewwel Twil ma għaraf xejn, sakemm darba għajnejh u għajnejn Garà tbewsu u Twil storda u waqa'. Minn hemm Twil xorta baqa' jistaħba u jibża', xorta baqa' mitluf fi djalogi twal, twal miegħu nnifsu u

xorta baqa jistordi mill-għoli tiegħu stess, iżda issa kien tħallat sentiment ġdid u miskin fit-taħbila ġdida ma sabx kont. Anqas biss seta' jifhem x'kien qiegħed jagħmel f'ġurnata wara l-oħra moħbi f'ħaxix għoli. Bejn ried jara lil Garà, bejn ried iħares lejn l-art, bejn iħammar ġebla fuq rasu, u bejn joqtol lil Panga.

Meta Panga miet fehem li la seta' jlaħħaq mal-ħajja, la ma ħsiebu u lanqas mat-tul tiegħu. Il-ħsieb li hu saħħar kompla għaffġu fit-taħbila. Beda joħroġ inqas mill-moħbiet tiegħu, ifittex jindiehes mad-dud u l-insetti taħt il-weraq kbar, u kultant jieqaf mill-ħsieb fuq Garà. Din il-mewt konxja damet sejra xi ftit ġranet u fil-villaġġ ħasbu li Twil kien miet wara li tefa' seħer fuq Panga. Twil min-naħa tiegħu kien wasal għal xi konklużjonijiet fuq ħajtu, u jekk wieħed jirnexxilu jsib l-istess zokk ta' siġra jarahom imnaqqxin hemm:

1. Għandu jkun jien saħħar - ma nistax ngħix ma' Garà għax is-sħaħar igħixu weħidhom.
2. Panga miet.
3. Jiena Twil twil u se nieqaf nagħti fuq rasi b'ġebla.
4. Forsi m'iniex saħħar.
5.

Kap. 4

Għodwa waħda sebħet f'jum imċajpar, riħ isfel u tidlik ma' kull-imkien. Il-villaġġ qam mistagħġeb bil-forzi moħbija li qajmu din il-kruha ta' temp. Ftit mili bogħod Twil kien qam ukoll u beda jaqta' l-petali waħda waħda minn ma' fjura innoċenti waqt li jlissen "Ħa...ħa..." li jfissru bil-Malti "Jien saħħar, jien m'iniex..." Qabad sew l-aħħar petala f'idu u telaq lejn il-villaġġ. Fil-villaġġ ix-xjuħ ġabru flimkien ir-razza pigmija ta' dawk l-inħawi u lkoll ħarġu fil-beraħ madwar nar għoli li tqabbad għall-okkażjoni. It-talb beda minn leħen wieħed mix-xjuħ sakemm il-popolazzjoni infaqgħet f'għajta ritmika li kellha tkeċċi x-xjaten, l-iħirsa, u kull tip ta' misteru ħażin. Ftit 'il bogħod l-għajta ingħaqdet mal-passi mgħaġġla ta' Twil sakemm dan wasal u ltaqa' ma' villaġġ għarkubbtejh. F'dik id-dalma ta' għodwa mżellġa deher qisu xi alla, Twil, x'ħin tela' fuq ġebla għolja u għolla l-fdal tal-fjuri f'idu. Imbagħad ħares b'daħka belhana lejn in-nies waqt li wera petala mgħawġa 'l isfel fgata mill-pressa ta' subgħajh.

Ma kienx saħħar kellha tgħid il-petala hekk kif in-nies, mibluha kif minn imkien reġa' deher Twil, bdew iħabbtu rashom ma' l-art f'qima ma

tiqafx. Kienet Garà biss li, megħluba minn emozzjoni oħra, ażżardat tersaq u tmiss sieq Twil. Is-saħħar ħares warajh ifittex id-direzzjoni tal-qima, u 'l isfel lejn is-sentimenti ta' Garà— ra minflok l-għoli tat-tul tiegħu flimkien ma' l-għoli tal-ġebla u storda.

Meta qam ħass mal-ewwel li ħajtu kienet differenti. Kien mgħotti bil-ġlud, imdawwar bil-qaddejja tax-xjuħ, misqi, imnaddaf, maħdum għal ġo re. Garà ħdejh kienet marbuta ma' driegħu, tross sidirha ma' spalltu u tħares ċass f'għajnejh. Dawwar jiġri tiegħu biex ma jerġax jintilef. Filwaqt li ħares b'ħalqu miftuħ lejn is-sema lissen f'leħen irqiq, mitfi u mibluh: "Ha!" li tfisser bil-Malti:

TMIEM

## ID-DJARJU TA' FRANK

Fil-ħemda u s-sikta ta' lejl, raġel stupidu kien qiegħed iħares ċass lejn l-istilel. Dik il-ġurnata ħlieħa jaħseb fuq il-kliem li qara, "Aħfrilhom, Mulej, għax ma jafux x'inhuma jagħmlu." U ftakar kemm-il darba ommu għajtet miegħu "X'int tagħmel? X'int tagħmel, ja demonju?" u kemm-il darba matul ħajtu sejħulu bl-isem twil "Ma tafx x'int tagħmel!" u "Int ma taf xejn." Kien tassew stupidu, u biex il-periklu ta' bniedem stupidu jikber, kien jaħseb li hu injorant biss, li kellu bżonn jitgħallem u ma jibqax moħħ vojt.

Imbagħad wara nofs siegħa jteptep għajnejh fi stilel ileqqu, qal lis-sema, "Mulej, aħfirli għax ma nafx x'jiena nagħmel." Ġo fih ħassha nieżla għasel l-umiltà u tefa' fuq wiċċu espressjoni qaddisa, anki waqt li tħabat ftit biex iżomm l-ambizzjoni moħbija 'l bogħod mill-kuxjenza. Ried kieku jfiehem lill-Mulej li mhux il-ħtija tiegħu li hu injorant. Kieku xtaq lilu nnifsu intelliġenti, iżda moħħu kien għazzien, bħalu.

Forsi Alla seta' jgħinu jagħtih moħħ aktar fuq ruħu. Għajnejh marru fid-dlamijiet ta' bejn l-istilel, jistennew li minn sekonda għall-oħra jfiġġ anġlu li jgħidlu li t-talba nstemgħet, li l-umiltà ingħarfet u li l-garanzija ta' moħħ infurmat kienet qed titniżżel. Biex juri li verament kellu bżonn l-informazzjoni ġo moħħu ħalla demgħa taqbiżlu, li nħliet sakemm ġriet 'l isfel fuq wiċċu. Meta ma sar xejn reġa' qal bil-ħniena, "Mulej, għidtlek aħfirli għax ma nafx eżatt x'jien nagħmel."

Kif il-lejl baqa' skantat lejh, u ħlief kliemu jidwi f'widnejh ma semax, sabbat saqajh u rrabjat qam biex jitlaq. Moħħu vojt reġa' mtela memorji ta' bniedem b'ħarsa belhana, mgħajjar idjota, stupidu, iblah, injorant u kull kelma oħra li kienet tfisser li ma kienx proprjament intelliġenti. Ħabat se jħokk snienu flimkien u jikxifhom, u jħares biċ-ċiera lejn is-sema, iżda mbagħad ftakar li qabel kien diġà għamel hekk u baqa' bla tweġiba. Ma kien fadal xejn x'jagħmel ħlief li jħalli spallejh jinżlu, jitlaq rasu fuq sidru, u jimxi lura lejn daru.

Waqt li b'id waħda mbotta l-bieb 'il ġewwa, bl-oħra gerfex fl-arja mudlama quddiemu. Fi ftit sab id-dawl u xegħel u għalaq il-bieb. Nefaħ 'il barra arja mdejqa u, miskin, waqaf għal ftit jaħseb ħmerijiet bħal: ma jemminx aktar, ikisser ras kull minn igħidlu injorant, jistudja u jagħmel suwiċidju. Kien imdejjaq u kull bniedem f'burdata ħażina jgħid il-ħmerijiet, aħseb u ara idjota mdejjaq. Għalhekk baqa' jċaqlaq xufftejh u jgorr wara l-bieb ta' barra, bla ma jaf jekk kienx se jidħol aktar 'il ġewwa

f'daru jew joħroġ u jagħmel xi bluha.

Ħoss ċkejken mal-bieb ma tax kasu. Iżda meta l-bieb iċċaqlaq ftit, u fil-kaxxa ta' l-ittri ra nieżel envelopp abjad ċar, stagħġeb u mar jara. Fetaħ il-bieb, ta titwila matul it-triq u ma ra xejn. Issa beda jinkwieta ftit. Reġa' dawwar rasu naħa u oħra u ma ra 'l ħadd. Daħħal rasu ġewwa u mfixkel fetaħ il-kaxxa. Ittra bajda, bajda, kienet bħal donnha qed tistenna min jerfagħha. Hemm, iżolata fil-kaxxa u mwassla f'nofs ta' lejl, dehret għalkollox misterjuża. B'ħeffa ħatafha u qara bit-toqol il-barrani ta' l-envelopp: Lilek. Tbissem hekk kif b'diffikultà fehem il-kelma u ħaseb: għalija din. Importanti f'nofs ta' lejl!"

Kif fetaħha mnifsejh imtlew b'riħa taqsam ta' anġli, u ħarstu ntilfet fit-tlellix ta' karta tixgħel. Seħer ta' sbuħija, kollox intilef sakemm is-sħana ħarġet mill-karta, u 'l bogħod 'il bogħod fil-karta waqa' fost kliem maħdum mid-deheb. Imfixkel u mibluh tqabad miegħu nnifsu, sab saqajh u ggranfa ma' ittri ġganteski li qara waħda waħda. U ħass il-karta ddur miegħu, taħtfu u tgeżwru u tfiehmu l-messaġġ. Imwerwer, qara malajr:

Kellimni għada, illum għandi x'nagħmel.

Jien Hu.

u ħarab.

X'ħin ġie f'tiegħu kien f'pożizzjoni stramba ħafna, mitluq mal-bieb b'sidru u wiċċu mgħaffġin fuq l-injam, donnu jrid jinħall għal ġo l-għuda, kellu saqajh ftit imbegħdin u dahru mgħawweġ u mżaqqaq 'l isfel. Ma' l-art kien hemm il-qtar ta' l-għaraq u f'ħakka t'għajn għaraf li kien qed jiżloq 'il barra mill-bieb. Fl-istess sekonda li pprova jintrefa' tfarrak fl-art.

Fil-ħemda u s-sikta ta' lejl, raġel stupidu kien reġa' qiegħed iħares ċass lejn l-istilel. Wara ftit ħass sħana nieżla minn fuq u magħha sema' l-kliem, "X'għandek bżonn?" Issa beda jħossu verament eċitat bil-leħen kalm, u f'dan il-mument delikat m'għarafx iwieġeb. Ried igħid iżda ma felaħx. L-ebusija li qabditu fix-xedaq ma setax jifhem minn fejn kienet ġejja. Ried jitkellem, kemm xtaq jitkellem. U ma setax. Bdew kieku ħerġin xi ħsejjes minn ħalqu iżda mhux li ried hu. Nifsu sar irregulari fl-isforz tiegħu biex igħid kelma. Sidru beda tiela' u nieżel u xorta waħda ma ħarġet ebda kelma sħiħa. Il-kliem ġo moħħu sa ried joħroġ minn widnejh kieku seta'.

Għajnejh miksurin, u mħawwad mill-ġdid bl-inkapaċità tiegħu stess, baqa' hemm igħid lilu nnifsu li suppost kien qiegħed iparla. Moħħu baqa' jgħidlu li kien imissu jwieġeb lill-Mulej, u fl-istess waqt ħassu bħal jagħti

b'rasu fuq ħajt żonqri jipprova jlissen kelma. Il-Mulej tħassru u ordna li r-raġel jikkalma u jparla. Minn hemm, ħsebijietu ntreħew fuq in-nifs u l-kliem ħareġ.

"Mulej, aħfirli li ma nafx x'jien nagħmel, iżda..."

"Stenna. Stenna ftit. Dal-kliem bħalissa...dal-kliem mhux ġdid ruħi, fejn qrajtu?"

"Fil-ktieb tal-knisja, il-kbir."

"Il-Bibbja!"

"Għandu jkun. Għandu jkun dak li kiteb il-kappillan."

"Iva?"

"Kbir dal-ktieb, u hawn xniegħa li kitbu xi Mosè jgħidu, u ġie stampat sentejn ilu qal il-kappillan. Mosè f'dawn l-inħawi m'hawnx."

"Iva ruħi, kompli" ħawwad, qal u ħaseb il-Mulej.

"Heqq, għidt min jaf kieku tagħmilni naf x'jien nagħmel. Ngħidu aħna tagħmilni nifhem? Forsi ma jidħkux bija."

"Tifhem?"

"Eh, inkun nifhem u fejn naf jien, ngħid kelma ma naqax għaċ-ċajt."

Il-Mulej beda jitħawwad u pprova jagħraf jekk il-persuna quddiemu ridetx maħfra, jew għerf, jew it-tnejn. Ħares fil-bogħod u ra 'l Adam u 'l Eva għadhom jidħku u jiċċaċraw u jiġru wara xulxin, u nefaħ nefħa ta' paċenzja. Huma jgħaddu ż-żmien u jieħdu kollox biċ-ċajt, u jien nitgħabba b'uliedhom. Ma kienx mument, ma kienx mument. Issa li hemm hemm. Ħa nara sewwa sew xi jrid dan l-imsejken.

"Ara ħi, int xi trid proprjament?"

"Heqq, inkun naf x'jien nagħmel, inkun għaref," qal ir-raġel mistagħġeb bil-Mulej.

"Inti xbin, taf x'ifisser il-kliem 'Aħfrilhom Mulej, għax ma jafux x'inhuma jagħmlu?'"

"Dażgur, aħfrilhom int, għax huma ma jafux x'inhuma jagħmlu."

Il-Mulej issa beda jiltaqa' għall-ewwel darba mal-livell ta' stupidità f'ras ir-raġel.

"Min qalu dan il-kliem?"

"Jien naf. Il-kapillan?"

"Kemm qrajt mill-ktieb?"

"U forsi għoxrin kelma. Jien ma nafx naqra wisq ta. Jien irrid l-għajnuna biex naqra. Joqgħod xi ħadd ħdejja jurini l-kliem li ma nafx.... ma nagħrafx, biżżejjed."

"Int x'reliġjon int?"

"Reliġjon ngħid jien? Jien nemmen ta. Jien nemmen għax kieku ma nitlobx, xejn. Jien ma' dawk tar-reliġjon li jemmnu, mhux ma' l-oħrajn."

"Iva. Iva. Ara, jien għandi xi xogħol x'nagħmel, ħa naħfirlek dnubietek kollha u se ssir għaref. Tajjeb hekk?"

Il-Mulej bilkemm kien qed jistenna tweġiba, iżda l-uman deherlu li kellu jwieġeb.

"Mulej, nirringrazzjak, imma dnubiet m'għandix ta. Kieku biss taf kemm noqgħod attent li ma nagħmel xejn ħażin. U li kelli ta' meta kont żgħir ħafirhomli l-kappillan. Veru."

Il-Mulej iddeċieda li ma jagħtix kas aktar, fetaħ idejh u ħaseb, jien nordna li f'ras dan jidħlu sebgħin fil-mija ta' l-għerf ta' Salamun flimkien ma' ħamsin fil-mija ta' l-informazzjoni kollha tad-dinja moderna. Barra minn hekk jinħafrulu dnubietu, u jsir ukoll aktar umli.

---

Meta raġel iqum filgħodu, jitmattar u jinżel mis-sodda. Wara ftit minuti jiġi f'tiegħu u jiftakar x'kellu x'jagħmel dakinhar. Imur biex jibda l-ġurnata. Iżda meta raġel ikun imqajjem u moħħu jqum għat-tieni darba, is-sitwazzjoni tkun aktar ikkumplikata. Jibda jeħel ma' ħwejjeġ ġodda, jibda jifraħ u jibki fl-istess waqt, jibda jieħu aktar nifs u qalbu ttektek aktar, u bl-istess għajnejn jibda wkoll jara għall-ewwel darba. Joħlom, jitkellem waħdu, jintilef, jikber u jinfirex, u l-ġmiel iġennu. Iħares skantat lejn nies oħra, u ġo fih, u jarahom iż-żewġ klikek jixtiebhu. Moħħu jsir arja u jtir ma' l-univers, u jibla' sa l-inqas dettal li jxomm. Is-sekonda ssir l-avventura li f'ħajja qatt ma seħħet.

---

Id-djarju ta' Frank

N.B. Dan il-kliem li ġej mhux il-kliem proprju li qal raġel jismu Frank. Frank ma jafx jitkellem, iżda ħsebijietu ġew tradotti għal kliem mill-awtur, li fl-opinjoni ta' l-awtur, hu l-aħjar informazzjoni fuq Frank. Jekk Frank, xi darba, jasal biex jaqra din il-karta, jaħfer l-iżbalji ortografiċi, grammatikali u ta' punteġġjatura li twettqu fuq ħsiebu, għalkemm x'aktarx mhux se jagħraf li din il-ġrajja hija tiegħu. Barra minn hekk, qarrejja oħra għandhom jifhmu li f'din it-traduzzjoni hemm xi ħsebijiet ta' Frank li ma tniżżlux għax għad m'hawnx grammatika u kliem li tispjegahom.

*L-Ewwel Ġurnata*

L-ewwel ġurnata mort ix-xogħol bħas-soltu. Xi sbuħija kien l-uffiċċju b'nies jaħdmu u jparlaw, u l-imgħallem igħajjat u Tanja taħdem b'xagħarha jgħatti l-karta. Tanja hija marti, iżda qatt m'għidtilha. Ħallejtha tidneb, tmur ma rġiel oħrajn. Tagħmel li trid għalija, iżda moħħi jgħidli li hija marti xi darba fil-passat jew il-futur. Ma nifhemx kulma jgħidli moħħi issa, naf biss dak li naf.

Ngħaġġel hux fi ħsiebi? Eh, sebgħin fil-mija minn Salamun u ħamsin mid-dinja ta' llum huma aktar minn Salamun. Tispiċċa ttir minn ħsieb għal ieħor bħal farfett fuq għalqa mżejna fjuri, u taħtaf biċċa u biċċa u biċċa, u tifhem kollox qabel ma l-ħsieb jiġi ffurmat. Tassew, wara tibda tfalli fi ħwejjeġ oħrajn, bħall-mixi. Tibda taqa' f'ħafna affarijiet, tidħol fin-nies, u tirfes lil Tanja bla ma trid. Xi ġmiel kien l-uffiċċju l-ewwel ġurnata. L-imgħallem qalli li se jkeċċini jekk nerġa' nidħol tard, u Tanja daħket bija. Kulħadd ħa pjaċir bija u bdew jidħku. Wara fiit li dħalt waqajt f'kaxxa li Marjo lesta għalija ħdejn il-mejda tal-purtinari. Jien purtinar. Kulħadd daħak, reġa'.

L-ewwel ġurnata f'uffiċċju hija dejjem sabiħa. Isbaħ meta ilek taħdem hemm is-snin. Qbadt nirranġa l-karti fuq id-desk ta' Tanja, u hi indirizzat lill-iskrivani kollha, "Arawh is-sinjur, se jibda jgerfex u jħawwad. Ruħi ma tafx ma tmissx?" Għaraft li l-aħħar sentenza kienet lejja. Ħarist lejha u tbissimtilha. Rajtha veru ċkejkna u ħelwa u dgħajfa tinkwieta fuq karti li jien stajt insib posthom fi tletin sekonda. "Frank, tħarisx lejja b'dik il-ħarsa belhana, għax iddardarni ruħi." Dawwart wiċċi u tlaqt. Kont diġà irranġajt il-karti kollha f'ordni għal xahar xogħol, iżda hi moħħha kien jasal sa ġurnata u reġgħet qalbithom biex tinqeda għall-jum. Is-sempliċità tagħha kompliet ġibditni.

L-imgħallem sejjaħli u qabad ikellimni fis-sala ta' l-uffiċċju tiegħu fuq trab u ħmieġ fl-art, ħġieġ maħmuġ u l-preżenza tiegħi kull fejn ma kinetx mixtieqa. Imn' Alla kien hu. Għamilt l-akbar sejba tal-jum. Ma stajtx nitkellem. Ippruvajt inwieġbu u ma stajtx. Tfajt fuq wiċċi ħarsa ta' sorpriża għax dejjem kont nafni nitkellem. Qatt qabel, fl-era ta' l-injoranza ma naf li weħilt, ħlief quddiem il-Mulej. "Toqgħodx tiskanta," qalli l-imgħallem. "M'għandekx għalfejn tagħmilha ta' maħsud. Taf biżżejjed li kulħadd qiegħed igorr fuqek." Baxxejt rasi u ppruvajt niftakar kelma mill-antik. Kliemu kollu kont qed nifhmu, iżda meta ġejt biex inparla – ma kontx naf. Ħsebijiet naħseb li kelli għax kont konxju ta' x'inhu jiġri.

Aktar tard fhimt kollox. Kont sirt intelliġenti wisq għall-kliem tant li nħoloq bħal abbiss bejn ħsiebi u kliemi. Jien kont x'imkien fin-nofs, nisma' l-kliem u nifhem, nisma' ħsiebi u nifhmu, iżda ma nafx ngħaqqadhom. Jien bniedem biss, dik il-problema għal ħsiebi. Għandi ħsieb ħieles u kapaċità ta' bniedem. Spiċċajt immeraviljat dik l-ewwel ġurnata u ħarist lejn is-saqaf ta' l-uffiċċju u ftakart fil-kobor tal-Mulej. Għamilni intelliġenti aktar minn kliemi. Ma stajtx nitkellem. Il-kliem jasal biss sa ċertu intelliġenza - għal tiegħi ma serviex.

Il-kalma li qabditni fis-sitwazzjoni kienet naturali. Jiena kont fl-antik maħluq bniedem komplut, injorant bil-kliem u l-imġiba li jaqblu ma' idjota. Issa tlabt għall-għerf, u ovvjament dan ma qabilx mal-bqija tiegħi. Ta' idjota m'għamiltx talba f'postha. Issa ta' li jien bħal nistħi nkellem lill-Mulej mill-ġdid. Jekk tlabt għall-għerf biss, mhux għal bidla totali tas-sett sħiħ, tort tiegħi. Tbatija, wara kollox, ma kontx qiegħed inħoss. Naħseb mod, u joħorġu ħsejjes bħal "Ba, ċi, ċi, ba," ma kinetx xi problema ta' min jinkwieta fuqha.

Issa li kont tlift il-kapaċità ta' kliem ċar, ftaħt inħawi lingwistiċi ġodda. Bdejt insaffar, bdejt intaptap b'sieqi, bdejt noħlom u ntir fuq il-ħsieb. Dan kollu fl-ewwel ġurnata li għalija kienet qisha sena.

*It-Tieni Ġurnata*

It-tieni ġurnata tkeċċejt mix-xogħol u mort qbadt karozza tal-linja ma nafx fejn sejjer. Wara xi sagħtejn waqfet u kien fadal jien biss fiha. Ix-xufier qalli ninżel għax s'hemm kien jasal. Imxejt sakemm għajjejt u wasalt ġo wied. F'salt irrealizzajt li kont tlaqt sew 'il bogħod mill-belt, mill-bini u min-nies.

Waqaft u tajt ħarsa lura. L-art naturali, mimlija ħaxix u siġar kienet ilha sejra mili, u quddiemi dan il-wied fond bejn l-għoljiet. Bis-sekondi sirt aktar konxju ta' natura verament ħajja, l-għoljiet bħal tħaddru u l-wied deher fond, fond taħt il-ħaxix tiela'. Saqajja kienu f'ħamrija friska bix-xita. U aktar, aktar, sema safi u arja tajba, u barka ta' żiffa li wrietni li kollox kien ħaj. Il-beraħ ħatafni. Kien hemm xi ħaġa fin-natura tiċċaqlaq mar-riħ dgħajjef. Kien hemm ritmu li beda f'qalbi u kompla ma' kull werqa. Tassew intlaqt għax hekk qalli nagħmel il-beraħ strutturat f'għoljiet u wied kbar u mifqugħin bis-sbuħija.

Waqaft hemm u ħallejt ħarsa tinħela matul. Bqajt ċass lejn sema u art li nqabdu flimkien, u mistħija baqgħu ċassi lura lejja. Ħassejtni l-umanità tara l-arti t'Alla. Bħal spirtu mkabbar bqajt wieqaf inħares lejn natura li

nbniet għalija u xejn ma mar. Kollox baqa' hemm, is-siġar, l-għoljiet, il-ħamrija, il-kwiet ta' ħajja tiela' ġo wied.

Imbagħad inżilt fil-wied, fid-dlam ta' laħam il-ħajja. Imxejt b'passi siekta f'art morbida, sewda u misterjuża bejn ħaxix għoli daqsi u aktar. Kont imbellah kif f'dak l-umdu, f'dak l-ilma ċar, f'dik is-sewda, sibt mill-ġdid ritmu jitħabat ma' kull zokk li messejt, u kull werqa li żelqet ma' wiċċi. U wkoll, meta missejt l-ilma fl-art, ħassejtu joqmos u jgħarrax biex wieġeb bl-istess ritmu. Qalbi ntilfet fiż-żifna kwieta ta' ċaqliqa bla ħoss, li fiha l-art kollha tat qabża ċkejkna u oħra. Inħalt fuq il-ħamrija u rqadt.

*It-Tielet Ġurnata*

Mort erġajt fil-wied.

Sibt ġebla u striħajt fuqha. Kif kont, bilqiegħda, ma stajtx nidher xejn f'dak il-weraq ġgantesk. Ħarist bejn il-ħaxix u l-iskur u l-baħħ rajthom kbar daqs l-univers ta' filgħaxija. Aħ, l-univers. Kont bilqiegħda fl-univers jien, mhux fuq blata ġo wied. Spettatur ħaj ġo univers joqmos. L-univers. Ħsieb mitluf ġo l-univers. Il-qabża ta' ħajjet il-ħajja ġo beraħ ma jispiċċa qatt. Kelli viċin it-tletin, u issa ġo wied, ġo univers, f'dan iż-żmien indunajt li jien ħaj. Għalfejn kellhom igħaddu teltin? Għalfejn ma ġejtx hawn qabel? Kont ħaj jien, ħaj. Ħassejtni dak il-ħin ninħasel bil-ħajja, banju frisk ta' ħajja ġo wied ilma.

Imbagħad ġiet Tanja. Ġiet, tiftaħ il-ħaxix quddiemha u tħares lejja. Kienet ħolma, qawwija biżżejjed biex tgħammex lir-realtà. Tajtha ħarsa sempliċi ta' nteress, ta' xewqa li qiegħda miżmuma. U hi baqgħet riesqa, kollha mħaddra u trasparenti, tiżloq b'saqajn ħafjin fuq l-ilma ġieri. Għajnejja ġrew matul ir-ruħ. Hi bdiet tistħi u waqfet mifxula u mgerrxa. U b'libsa ta' ħarir irqiq għattiet wiċċha u daret dawra ferħana bil-mistħija tagħna t-tnejn.

L-ispirtu tiegħi ma felaħx aktar. Ħassejt textix u bard, u qawwa ħarġet minni waqt li mbeżża' rajt ruħi ttir. Żagħżugħa, ferħana u fidila ħajti ħarġet quddiemi tiżfen ma' Tanja. Żewġt anġli ħodor bid-dawl ta' weraq u ħaxix ileqqu. 'Il bogħod, 'il bogħod mir-realtà ma ssugrajtx niċċaqlaq li ma nfixkilx ir-ritmu u l-ħajja tibqa' barra. Bis-sekondi sirt terorizzat kif għaraft li fija ma kien fadal xejn. Bqajt hemm fuq blata, bħal missier beżgħan u għaqli, li jħares fuq uliedu jinnamraw. Rajt ruħi titfixkel u taqbeż u ddur fid-dlamijiet bejn il-ħaxix, u ħallejthom lil Tanja u jien flimkien. Xi ġmiel hekk kif żiffa ċaqalqet il-weraq u raġġ irqiq u dgħajjef tax-xemx daħal u niggeż lil Tanja. Hi daħket u jien qbadt ir-raġġ

u lgħabna madwaru, niġru warajh u nitilquh sakemm drana u beda jiżfen magħna.

*Ir-Raba' Ġurnata*

Kont id-dar nagħmel tazza kafè. Iddeċidejt li dak il-jum inqattgħu nċempel fabbriki u ditti nara nsibx xi xogħol. Ma kellix wisq tama iżda ma stajtx ma nippruvax. Allura bdejt nieħu ftit kafè u nċempel, u wara li jgħiduli le, nerġa' nieħu ftit kafè u nċempel. Meta tispiċċa tazza nagħmel oħra, u hekk kelli sistema li għenitni. It-telefonati ma kinux interessanti ħafna:

| Kliem attwali: | Ħsieb: |
|---|---|
| "Ħalow, hawn id-ditta X." | Ħalow, hawn id-ditta X. X'għandek bżonn kemm ċempilt ħin ħażin? |
| "Ba, ba, ċi, ċi, ba..." | Jien jisimni Frank. Bla xogħol. Jekk jogħġbok sibli xogħol fid-ditta. Nagħmel kulma trid. Irrid ikolli biex niekol biss. Naħdem b'nofs paga jekk trid. Xi tgħid? Veru fil-bżonn sieħbi, kieku biss taf. Li trid, li trid nagħmel anki b'terz tal-paga. Kemm nghix ......Eh? |
| "Int trid tgħaddi ż-żmien ħi?" | Kelli bżonn narak quddiem għajnejja, nurik inkissirlekx rasek. |

Ma' nofsinhar kont xbajt. Qomt minn ħdejn it-telefon u mort fil-kċina fejn kissirt tazza mal-ħajt. Inħsadt bir-rabja tiegħi stess. Ħassejtni kalm minn ġewwa kieku, iżda qbadt tazza oħra u kissirtha. Il-frak waqa' fuq il-biċċiet tat-tazza ta' qabel u bqajt inħares lejh mifxul. Qatt qabel ma ħassejtni daqshekk kalm fir-rabja. Kważi kien se jagħtini d-daħk, iżda ħsibt li aħjar le li ma mmurx insir isteriku. Anqas biss stajt nifhem għalfejn kont f'salt irrabjat. Kont ili naf li tlift ix-xogħol, kont naf li ma kienx faċli ssib ieħor. Anki li ma stajtx nitkellem ma ġabet l-ebda reazzjoni għall-ewwel. U issa, din ir-rabja fil-ġilda tiegħi anqas biss setgħet tidħol ġo moħħi. Forsi kont għaref wisq biex nintilef f'rabja? Forsi moħħi tant kien ma qabilx ma' kliemi, mal-fiżika tiegħi, miegħi, li kien abbandunani għalkollox? Bilmod tlajt fuq u mort quddiem il-mera. Kważi qbiżt 'il barra mill-kamra meta rajt espressjoni ta' rabja mġenna

fuq wiċċi. Kelli l-vini kollha jidhru f'għonqi u muskoli jaqbżu fuq ix-xedaq u xufftejja jinbarmu 'l fuq u 'l isfel juru snien jingħafsu. Ommi mà! Kont veru tal-biża'. Biex tagħqad, weħilt hemm quddiem il-mera mes-merizzat bil-kruha tiegħi stess. Qatt ma bsart li kont daqshekk irrabjat. Issa veru bdejt ninkwieta....fejn kienet din ir-rabja kollha? Minn fejn kienet ġejja u fejn kienet qed tinħela? Jaqaw kont qed ninqasam?

Iva, kont qed ninqasam, u ftit ftit bdejt inħoss il-ftuq iseħħ. L-ewwel 'il bogħod ħassejt bħal tingiża żgħira ġo moħħi jew x'imkien...ma nafx. Imbagħad bdiet riesqa viċin, bħal eku li flok jintefa jikber u jiqliel. U ġie l-uġigħ veru sakemm ma stajtx inħares aktar lejn il-mera. Idejja ġrew ma' ġismi, jagħfsu u jippruvaw iżommuh sħiħ. Iżda l-ftuq kien 'il ġewwa, fil-fond nett fejn ħadd ma seta' jilħaq. Smajt il-qsim iseħħ bilmod, ħoss ta' laħam u ħsieb jinqasmu u jinfirdu. U bdejt inwerżaq.

Imbagħad, eżatt qabel ma seħħ il-mankament serju, ċempel il-bieb. Ħsiebi ffoka u ġejt f'sikti.

Meta ftaħt il-bieb rajt dehra stramba. Kien hemm Tanja, wara l-bieb b'rasha baxxuta. Tanja ma kellhiex dehra stramba, iżda Tanja wara l-bieb ta' dari kienet ħaġa ġdida għalkollox. Ma kontx naf x'naqbad nagħmel bla kliem u xejn, u hi ma tkellmitx. Wara ftit sekondi urejtha b'idi dari biex tidħol. Daħlet u ħalliet rasha baxxuta. Ħakket spallitha mal-bieba u donnha dehret ma tafx fejn hi sejra. Flejtha minn fuq s'isfel infittex xi raġuni u rajtilha jdejha jirtogħdu f'xulxin. Tħassartha.

"Mhux soltu, hux?" qaltli b'leħen miksur.

"Xi ġralek?" Kienet ovvja li ġralha xi ħaġa u ma ridtx naħli ħin fi kliem vojt. Iżda l-mistoqsija baqgħet biss ħsieb ġo moħħi. Ma ssugrajtx niftaħ ħalqi u ngħid il-ħmerijiet, u issa kont qed nidra naħseb ħsieb mingħajr kliem. Hi baqgħet hemm tistenna tweġiba waqt li jien ħassejtni redikolu ma nista' ngħidilha xejn. Fl-aħħar qbadtha minn idha u ġbidtha 'l ġewwa. Bħal nagħġa mxiet warajja.

Meta tkun waħdek u ma tistax titkellem, iżda għallinqas tista' taħseb, mhix xi problema. Imma meta jkollok lil Tanja tibki bilwieqfa fid-dar, u tkun ilha b'rasha baxxuta għal xi għaxar minuti, u tkun qiegħda żżomlok idek b'idejha t-tnejn u tilgħab mas-swaba' tiegħek biex iżżiegħel biha - u ma tkun tista' tgħid xejn? Din kienet traġedja. Komplejt inżiegħel biha, nagħfsilha subgħajha u nistennieha tħares lejja.

Wara ftit ġbidtha bilmod lejn siġġu ħdejn mejda żgħira u qagħdet. Ġbidt siġġu n-naħa l-oħra tal-mejda u poġġejt faċċata tagħha. B'id waħda ħakkejtilha jdejha li kienu għadhom kesħin u bl-oħra ażżardajt immissha

taħt geddumha u ngħinha tgħolli rasha. Neħħejtilha xagħarha minn quddiem wiċċha u ħarist f'għajnejn mgħarrqa. Ma kontx kuntent u biddahar ta' subgħajja bdejt inneħħilha d-dmugħ żejjed li kien qed jinġabar f'xifer għajnejn sbieħ. Hi ressqet wiċċha aktar 'il quddiem, u dawret rasha, biex ħasset b'wiċċha kollu idi. Bdejt nitħawwad u veru ridt ngħid xi ħaġa biex intaffi s-sitwazzjoni.

"Ġmielek..kemm sirt tieħu ħsieb..." ma komplietx għax l-ilfiq ma ħallihiex. Lanqas biss stajt sirt naf x'kellha ġo moħħa. Imbagħad infaqgħet, "Għid xi ħaġa. Għidli xi ħaġa. Kemm jien stupida ġejt hawn. Uff, ħa nitlaq!"

"Stenna." Il-kelma qalitha idi hekk kif ingħafset u żammet idejn Tanja. Milli deher hi ma kellhiex aptit titlaq daqshekk malajr għax malewwel ċediet. Bilmod tlaqt l-għafsa. Issa ma kellix iktar karti x'nilgħab bil-mossi u ma stajtx ma nitkellimx. Bis-sekondi l-kalma bdiet titlaq minn moħħi hekk kif ħassejt l-ansjetà tiżdied. X'kont se nipprova ngħid f'dik il-lingwa antika antika umana ta' l-ilsien? Kif kont se nsawwar l-ewwel kelma? U x'kont nuża l-ewwel — ħalqi jew moħħi? Għaraft li kont insejt kollox. Fl-istonku ħassejt bħal dardir waqt li beda jaħkimni dispramentt. Din kienet inkredibbli. Kif u għalfejn ma stajtx nitkellem? Mnejn sa fejn sirt naħseb ogħla mil-lingwa tiegħi? Ħassejt rabja friska, ġdida, dieħla ġo moħħi u d-dardir ta' l-istonku beda jbaqbaq. B'ħasda rrealizzajt li żaqqi bdiet tikber. Kont naf li kienet se tqum maltempata ġo fija, smajtha ġejja. Kien faċli tisma' stonku jbaqbaq u moħħ iwerżaq u tibża' li se jiltaqgħu. Għalaqt għajnejja, kemmixt moħħi, u ħarist 'il fuq nistenna l-uġigħ. Mill-bogħod u fi ċpar magħqud smajt leħen Tanja ħelu jistaqsini xi ġrali, iżda lilha ma rajthiex.

Imbagħad smajt il-biki ta' tarbija. Kien biki ġenwin ħiereġ mill-qalb, imħallat ma' twerżiq. Aktar bkejt meta ndunajt li kont jien. Ħassejtni nifga fl-arja velenuża li ħarġet mill-istonku. Ma stajtx niftakar aktar fejn kont jew xi ġrali, ridt biss ngħix, ridt biss insalva. Ma baqa' jimpurtani minn xejn aktar ħlief li nibqa' ħaj. U ħajja ma tantx kien fadal fija hekk kif moħħi u l-istonku ltaqgħu. Mad-demm li ħareġ minn ħalqi ħarġu mfarrkin iżda jinftiehmu l-kliem, "Tanja, kemm int ħelwa."
Dalma.

*Ġurnata oħra.*

B'Tanja ħdejn is-sodda anki l-isptar ikun sabiħ. Tiġi kuljum u tgħidli

l-istejjer biex nitgħallem kliem ġdid. Għadni naf inlissen ftit kliem iżda hi tgħidli li nitgħallem malajr. Irnexxielha ssib xogħol ieħor. Għalhekk ġiet għandi dakinhar, biex tgħidli li keċċewha mix-xogħol u li kellha ħolma stramba dwar wied u jien. Aħ, dak il-wied. Nerġa' mmur magħha jekk jgħaddili għalkollox.

TMIEM

## NATALJENA

Nataljena hija tfajla ta' ħamsa u għoxrin sena, u ma tismax. Minn dejjem kienet ma tismax, u għalkemm ħafna speċjalisti kienu qalu li għad tiġi tifhem, għax id-difett kien wieħed li jitranġa biż-żmien, Nataljena anqas minnhom ma semgħet. Baqgħet rasha iebsa fid-difett tagħha, bħal tippreferi tara dinja tiċċaqlaq, u tidħak bil-ħmerijiet ta' mossi li jagħmlu n-nies u daqshekk. Ma ridetx tifhem aktar minn dinja komika għax beżgħet li l-uċuh jitkerrhu, u jidħku, u l-idejn jogħlew biex itaptpu fuq l-ispalla jew jagħtu xebgħa, u l-għajnejn sbieħ ta' kulħadd, ma jfissrux l-istess bil-kliem. Naturalment din ix-xewqa tagħha ma kinetx konxja u hi anqas biss kienet taf li hija truxa għax dan ħbewhulha mill-aħjar li setgħu. Ir-rabta emozzjonali tagħha mal-mossi qatt ma kienet tfisser li kultant ma ħassetx hi stess li kien hemm xi ħaġa nieqsa.

Nataljena kienet tqum kull filgħodu fl-istitut fejn xeħtuha ommha u missierha għax beżgħu li kellha ħsara fil-moħħ, u tistudja d-dinja taċ-ċaqliq. Għajnejha kienu jixegħlu ma' l-ewwel ftit movimenti tal-jum, imqar dudu jaqsam il-kamra tagħha, jew għasfur fuq ħoġor it-tieqa. Kienet tixgħel fiha l-ħajja u taqbeż mis-sodda u toħroġ tiġri ħdejn Sor Anġel biex tingħi quddiemha u tagħmel sforzi oħrajn b'ħalqha. Imbagħad kienet tara l-ilma nieżel minn għajnejn Sor Anġel u tmur tiġri tilgħab barra għax l-ilma kien ifisser li tista toħroġ. Kif tasal nofs triq bejn bieb l-istitut u l-grada tal-ġnien kbir kienet dejjem titfa' ħarsa lura u tilmaħ lil Sor Anġel timsaħ wiċċha bil-fardal u xxejrilha. Qatt ma kienet tonqos li tħares lura għax għajnejha kienu jistrieħu fuq Sor Anġel u l-fjuri tal-ġnien u x-xena kienet tqajjimha minn ġewwa. It-taħlita sempliċi ta' Sor Anġel ġol-bieb, u ġnien fjuri tiela', kienet iġġegħilha tħoss ftit bard madwarha u tħares lejn saqajha biex tara x'kien hemm itextex mal-ġilda. Għalfejn kien jaqbadha hekk bil-ħars?

Nataljena xerdet għajnejha 'l hawn u 'l hinn kif ħarġet mill-istitut u rat il-kampanja mimduda, mitluq kollox jistrieħ fuq tixriba nida u umdu ta' lejl. Il-ħabbiet iġġennu friski u trekknu ġo l-irkejjen ħodor li mill-grada rat. Kien hemm siġar u egħlieqi u rziezet. Kollox imqiegħed apposta biex l-għajn tarah u l-moħħ jistagħġeb kif inhu kollox lest, hekk f'postu biex kull għodwa d-dinja tkun lesta. Razzett u ħamrija, ħitan u siġar, ħaxix u razzet ieħor. Nataljena għarfet li kollox kien f'postu, u l-iġgant li dejjem ħolmot bih reġa' ġie biex iqiegħed matul il-lejl sa l-inqas ġebla fejn kienet. Il-lejl kien ibeżżagħha ftit. Għalfejn kollox jinħall fid-dlam?

Xejn ma kienet tara fid-dlam. Għamlet jiem sħaħ tħares mit-tieqa lejn id-dawl tal-jum jinxef u jmur. Kienet titwerwer timmaġina li forsi għada ma jkunx l-istess, forsi tqum u ssib li għadu d-dlam u kollox nixef u miet darba għal dejjem fil-kulur tad-dlam. Għamlet iljieli mqajma taħseb li forsi aħjar tistenna d-dawl jerġa' jgħix, iżda dejjem raqdet qabel l-għodwa. U kienet tieħu r-ruħ meta għajnejha jinfetħu u tara l-kamra mixgħula u l-kulur tal-ħajt. Iżda l-lejl. Il-lejl kien tat-twerwir, ħin magħżul biex kulħadd jibża' u joqgħod jitħasseb sakemm bla mistenni jorqod. U l-irqad, meta fid-dlam tara l-affarijiet li mhux veru ġraw, ukoll kien idejjaqha lil Nataljena. Dawk id-dehriet magħquda li ma setgħetx teħles minnhom, il-ġrajjiet li qabel raqdet qatt ma ftakret, u issa fid-dlam seħħu, kienu jħassbuha ħażin. Kultant kienet tispiċċa f'ħoġor Sor Anġel tonfoħ qawwi u tberraq għajnejha lejn il-kruha ta' li ġara fil-lejl.

Nataljena ħarbet lejn il-kampanja, tiġri ma tafx fejn sejra iżda żgur lejn in-natura. Bilmod, u fl-iskossi tal-ġiri tagħha, rat id-dehra mħaddra riesqa lejha, kollox miexi lejha, u fuq il-ġnub il-ħwejjeġ tat-tarf jinfirdu mill-bqija u jintilfu warajha. Dejjem hekk kien jiġri meta tipprova tiġri u taqbad id-dinja ta' l-iġgant. Allura daret u ferħana daret biex taħtaf kollox taħt għajnejha u ma jaħrab xejn iżjed. Kienet diġà fl-ewwel egħlieqi ddur u tagħmel żewġ ġirjitiet żgħar, tiċċekken f'dinja li tagħlaq fuqha bil-ġentilezza tal-kampanja tgħarrax lil saqajha. Nataljena kienet tintilef għax għajnejha kienu jaraw wisq bit-tidwir tagħha, u l-moħħ tagħha kien għadu ta' tifla li teċita ruħha malajr.

Bdiet tieqaf mill-ġiri u tiskanta lejn madwarha. Rat id-dellijiet ta' l-agħsafar ħarset imberfxla lejhom. It-tajr ukoll ħares 'l isfel u raha togħla biex tinżel fuq saqajha waqt li jdejha jinfetħu beraħ fl-arja u wiċċha jħares miftuħ fi stagħġib lejn sema li żżomm il-ħlejjaq. Riedet ittir dak il-ħin, u bħal għasfur sieket infetħet biex taħtaf l-arja taħt dirgħajha, għoliet u għoliet sakemm waqgħet fuq il-ħaxix. Ma nkwetat xejn u mimduda tgerbet u nqalbet biex saret kollha lewn mill-meraq ta' l-aħdar. Issa kienet maħmuġa u kuntenta bħas-soltu. Meta tmur lura Sor Anġel kienet se turiha l-banju, u hi se tinża' u titbellaħ ftit fl-ilma qabel jidlam.

Jekk jidlam il-lejla bħas-soltu Nataljena kienet se terġa' tiddejjaq. Din id-dinja ta' fjuri u art soda ma kellhomx jintilfu hekk, qishom qatt ma kienu, anki jekk jerġgħu jidhru fil-għodwa. Nataljena waqfet titmiegħek. Baqgħet mixħuta fl-art wiċċha 'l fuq. Min jaf x'kien se jiġri bil-lejl u fejn se titlaq il-werqa li kellha ħdejn wiċċha. Qabdet il-ħxejxa ħadra u ġibdet il-werqa mill-bqija biex ħarset lejha sew u flietha. Għajnejha saru ġentili

u bil-ħlew staqsew, "Fejn sejra?" lin-natura. Dak il-ħin iż-żiffa tal-ġurnata bdiet titħarrek u l-werqa mxiet ftit magħha. Nataljena ħarset kurjuża iżda ma ġara xejn stramb u t-tfajla telqet idejha fuq sidirha u nefħet.

Id-dlam tal-lejl reġa' ġie quddiemha bil-misteri kollha tiegħu, u t-tfajla kemmxet moħħha. Bdiet tipprova tinfed l-għaqda qawwija bejn id-dlam u ssib xi tama dawl. Dan kif, dan kif ix-xejn tad-dlam jirbaħ ħajja soda, ħajjat ta' annimali li hija setgħet tara u tmiss? U kif l-istitut, hi, Sor Anġel u Sor Karmni u s-sorijiet l-oħrajn jibqgħu jgħixu? Għalfejn qatt ma ħarġet fid-dlam? X'kien dan il-lewn bla kulur li jgħatti kollox, jaħtaf u jgħaffeġ? Nataljena bdiet tinkwieta. Forsi kien hemm xi ħaġa li s-sorijiet qatt ma fehmuha? Forsi għalhekk meta tidħol Sor Ġin mid-dlam kienet tkun liebsa aktar mis-soltu, u kien ikollha ħarsa serja u iebsa. Forsi għalhekk Sor Ġin dejjem għaliha weħidha, għax trid toħroġ fid-dlam.

Nataljena kompliet tgerfex ħsieb ma' ieħor b'mod raġunat. Imbagħad bla ma riedet ftakret fl-ewwel ġurnata li ndunat bid-dlam. Kienet fis-sala ta' l-ikel tgħin, tirranġa l-platti u l-frieket, u tittanta lis-sorijiet tiġbed ċinturin 'l hawn u fardal 'l hemm. Hi kienet tiekol mas-sorijiet mhux ma' l-oħrajn. L-oħrajn kienu l-morda li hija qatt ma fehmet l-imġiba fihom. Waqt l-ikel qamet u marret tiftaħ tieqa għad-dawl. Issa hi kien ilha tara d-dlam iżda ħasbitu xi ċajta. Ma tafx kif jew għalfejn, ħasbitu ċajta li tiġri kuljum. Ftit kienet taħseb dwaru. Kienet torqod bla ħsieb, tifla anġlu u anki żagħżugħa sa xi ħmistax. Qatt ma basret li se tiftaħ it-tieqa u ssib id-dlam, ħasbet li dak il-ħin għax xtaqet id-dawl se tibqa' l-ġurnata. Iżda dakinhar x'ħin fetħet it-tieqa u stenniet li għajnejha jitgħemżu fid-dawl qawwi tax-xemx għarfet f'salt li xejn ma kien ċajta, u xejn ma kien kif xtaqet hi. Ħasset l-istonku jisforza, għajnejha saru nar u bdiet tagħti siekta mal-ħajt taħt it-tieqa — fejn niżlet. Ma tafx x'għamlet biex is-sorijiet kollha ġrew lejha bħal imġienen u ma tafx għalfejn rathom jaqgħu f'xulxin u jqumu jiġru mill-ġdid.

Dik il-lejla xejn ma kien ċajta. Ġie jaraha raġel li qagħad jidħkilha u jmissha bl-affarijiet tal-ħadid u wara raqdet ma' Sor Anġel. Nataljena ftakret kif rat id-dalma taqbeż fuqha minn ġot-tieqa, u ddur magħha. Rat kif ma setgħet tara xejn għal sekonda għax id-dlam niżel mill-ħġieġ u daħal f'għajnejha. X'ma tibżax. Id-dlam qabeż fuqha u waqqagħha ħdejn it-tieqa. Il-lum għadha tibża' tħares lejh u meta d-dlam jinżel tipprova taħrab taħt il-friex, u tagħlaq għajnejha ...biex ma tarax dlam?

Taret fuq saqajha u b'ħeffa ta' riħ qasmet l-egħlieqi waħda wara l-oħra.

Ħdejn ir-razzett fejn waslet kien hemm diġà l-bdiewa bakkarija jaħdmu u jitilgħu kultant minn imgħawġin biex jaraw l-għodwa. Nataljena kollha kienet tafhom u kienet taf ukoll lil Pina, tfajla daqsha fl-età. Pina waqfet ftit u ratha ġejja lejha qisha żiemel maħrub. Kif Nataljena waslet itgħannqu u tbiesu fuq il-ġnub. Nataljena bdiet taqbeż ħafif ħdejn Pina u tiġbidha, u l-oħra ħarset lejn missierha li bi snienu jikxfu tbissima għamillha iva.

Il-ħarsa tal-bidwi xegħlet bid-daħk tarahom jaħarbu lejn l-għoljiet. Pina u Nataljena, id f'id, saru tgerfixa ta' saqajn u jdejn jitferfxu fl-arja u jitbiegħdu. Sakemm għabu....biex sigħat wara, mill-bogħod deħru l-ewwel bħal żewġ friefet itiru, imbagħad ara naqra, kif l-għajn tqarraq u dawk m'humiex ħlief it-tfajliet ġejjin lura jaqbżu kif telqu. Nataljena ħasset qalbha tagħti bla mistrieħ u ħarset b'ħabbiet ileqqu lejn seħbitha biex tfakkarha fejn marru. Pina kienet issir qisha tifla belha taħt l-għajn imqarba ta' Nataljena li kellha ħabta ġġenneb rasha 'l isfel bħal kelb. Kienet taraha żżomm id-daħk kollu viċin ħalqha, u rasha hekk fuq ġenb u ħarsa ħażina iżda ġentili. Imbagħad Nataljena messitilha ġbinha b'idha biex turiha li sejra. Sellmet lill-bdiewa l-oħra u ħesrem għaġġlet lejn l-istitut kultant tħares lura biex tara lil Pina xxejjer u jekk id-dalma tidherx x'imkien.

Għal mument ftakret fil-ferħ li ħadet, u fejn ġrew hi u l-ħabiba, kemm rat u rat u rat. Għaliha kien biżżejjed li tara ħafna ħwejjeġ f'salt, l-annimali jiċċaqalqu, u l-għoljiet wieqfa u l-ftuħ. Kienet tkemmex moħħha ma' kull oġġett ġdid li tara, biex tifhem u tħena. U li timxi, biex dejjem tkun f'post differenti, ukoll kien jogħġobha. Kienet tinsa tiekol u kollox, u ġieli tawha x'tiekol il-bdiewa u ġieli sabet lis-sorijiet inkwetati fil-grada bid-dewmien tagħha, meta toħroġ u ma terġax lura għal xi jum. Issa hi u sejra lura kellha fuqha l-għeja ta' ġurnata u bdiet tintelaq anki fil-mixi ta' l-aħħar ftit egħlieqi. Ħalliet rasha tinżel u b'nofs logħob qagħdet tistordi lejn l-art titbandal maċ-ċaqliq tar-ras. Idejha ħalliethom jinżlu u jitbandlu wkoll. U ġietha tentazzjoni li taqa' apposta, kemm tħalli saqajha jċedu.

Iżda waslet sal-grada u ħarset lejn Sor Anġel tistennieha b'wiċċ ikraħ. Tbissmet lejn il-wiċċ stramb ta' soru rrabjata u nkwetata u b'subgħajha messet l-imnieħer irqiq tas-soru għax il-ġibda biex tmiss imqar xi ħaġa mill-wiċċ ma żammethiex. Sor Anġel tħawdet u bdiet tipponta lejn il-ħwejjeġ ħodor u tagħmel ħalqha tond, u tipprova żżomm id-dinjità ta' rabjitha billi tinsa li ntmess imneħirha. Nataljena ftakret fil-banju u

wiċċha ħa dawl fi grad ogħla. Sor Anġel baxxiet rasha u ma setgħetx ma taħsebx dak il-ħin kemm messu kien hemm ġuvni għal din l-innoċenza sbejħa quddiemha, ġuvni sabiħ u f'saħħtu u twajjeb. Ma kinetx tisma' dak kollox, imma ara kif id-dinja taqliba f'ferħ, u jien anqas naf nirrabja magħha quddiemha jew warajha. Oh, x'ħela, x'ħela. Ħsebijiet oħrajn ġrew madwar il-moħħ ta' soru li ġibdet truxa warajha. Nataljena ntelqet bħal tifla fuq spallet is-soru u kaxkret saqajha 'l ġewwa.

Fil-banju sar minn kollox. Nataljena ħarset lejn l-ilma qisha qatt ma ratu qabel, u taret għal ġo fih. Bdiet iċċapċap f'wiċċ l-ilma u tara l-murtali telgħin f'titjir ta' ilma sħiħ li jitfarrak u jsir qtar ma' kullimkien. Kemm kien jgħarrax l-ilma wkoll meta jinżel minn fuq xagħrek ma' dahrek u ma' sidrek. U tista' taqbdu f'idek, titfgħu f'wiċċek u ma jagħmillek xejn, hekk ...Nataljena ppruvat kollox sa ma rat li kien hemm aktar ilma fl-art milli fil-banju u għarfet li xi ħaġa kienet marret ħażin. B'ħarsa inkwiżittiva ħarset lejn l-ilma fl-art u ħasbet li mhux suppost ikun hemm daqshekk. F'radda ta' salib ġietha li anqas Sor Karm li kienet tħobb tnaddaf ma kienet taqbel ma' daqshekk ilma fl-art. Allura ħarġet u xxuttat lilha u lill-art biex wara marret għall-ikel.

Fis-sala ta' l-ikel il-briju tal-banju kompla. Nataljena sabet lis-sorijiet kollha bilqiegħda jistennewha, u xi żewġ sorijiet ma' l-oħrajn li ma kellhomx kwiet fuq is-siġġu. Wiċċha daħak x'ħin rat is-sorijiet ċassi lejn xulxin, anqas biss iħarsu lejha, u ġriet għal postha. Bdiet iddur fuq is-siġġu u tħares lejhom, u tmiss kollox quddiemha sa ħawdet kollox. Imbagħad ħarset lejhom u bdiet tferfer idejha miftuħin u tgħidilhom f'moħħha x'rat ma' Pina. Rat xi furketta u mgħarfa neżlin fl-art u bilkemm fehmet li hi kienet waqqgħethom. Baqgħet tħares lejn is-sorijiet biex tara fehmuhiex u rathom imbikkmin. Kultant hekk kien jiġri, ħasbet, il-ħsebijiet bejniethom tant jifhmuhom u tagħha le. Hawnhekk ikkwitat ftit u ħosbiena bdiet tiekol. Min jaf x'kellha tagħmel aktar biex jifhmuha. Kienet tarahom iħarsu lejn xulxin, u jagħmlu l-mossi b'wiċċhom u ħalqhom u jiftehmu, imbagħad tagħmel l-istess hi, wara xi siegħa quddiem mera tipprattika l-ħmerijiet ta' wiċċhom, u xejn. Imma f'sekonda l-ħsieb ikrah mar u kompliet fl-ikel.

F'ħin minnhom waqt li kienet tiekol għajnejha għolew u ltaqgħu mat-tieqa. Fl-istess waqt niżlet ma' daharha textixa biża' u saret ftit bajda. Ippruvat tneħħi kull ħsieb u ma timmaġinahx, ma tarahx quddiem għajnejha. Kellu ħabta kif jiġi f'moħħha għalgħarrieda anki waqt li ftit sekondi qabel tkun qiegħda kuntenta u bla biża'. Baxxiet rasha fil-platt

iżda bla taf kif għajnejha reġgħu sabu ruħhom jagħtu ħars misruq lejn l-injam tad-dlam. Allaħares kellu jinfetaħ dak l-injam u jerġa' jaħbat għaliha u ma tara xejn iżjed. Jew jagħmilha dlam u ma tibqax tgħix. Il-ħsebijiet ħarbu u bdiet timmaġina. Xaqq l-għaraq u ħassitha tiksaħ u malajr qabdet il-platt, ħalliet rasha baxxuta u qisha kelb mismut ġriet lejn Sor Anġel. Qagħdet bilqiegħda ħdejha fuq l-istess siġġu u bla ħarset lejn is-sorijiet kompliet tiekol. Sor Anġel qegħditilha xagħarha wara widnejha biex ma jidħolx fil-platt, u Nataljena, taparsi ma ndunatx, kompliet l-ikel b'moħħ imkemmex miġġieled ma' l-immaġinazzjoni. Sor Anġel kienet taf minn xiex tibża' Nataljena iżda ma setgħet tagħmel xejn.

Dak il-lejl kien wieħed ikrah għaliha. Ma setgħetx tissaporti aktar dlam u għajnejha ma ngħalqux. Sor Anġel baqgħet ħdejha iżżiegħel biha biex forsi torqod. Nataljena bdiet ixxengel rasha u tgħid le lil ħsebijietha. Miskina ħarset lejn il-lampa tal-kamra biex tiggranfa ma' l-unika dawl u b'idha bdiet timsaħ wiċċha li issa kien sar imxarrab sew. Sabet ruħha bejn ħolm u qawmien u bilkemm setgħet tiftakar x'kien qed idejjaqha. Issa l-ħolm ħa post il-ħsieb ċar u gerfxet dehriet ta' dlam u ġgant u bdiewa jiġru jibżgħu mill-mewt. Tul il-parti l-kbira tal-lejl Sor Anġel kellha ħafna x'tagħmel biex b'ilma dejjem frisk żammet lil moħħ Nataljena milli jisħon iżżejjed fl-irqad u l-ħin kollu xtaqet li taf xi ġuvni sod u ħanin. Kważi xtaqet li kienet ġuvni hi stess biex dik il-ħlewwa dgħajfa ma tinħeliex.

Meta Nataljena qamet għajnejha tbexxqu nofs, imbagħad infetħu beraħ f'ħasda ferħana u qabżu minn ħajt għall-ieħor f'kamra dawl. Sor Anġel kienet rieqda fuq siġġu u Nataljena taret mis-sodda biex tittantaha.

TMIEM

# IL-ĦAJT TA' MALTA

*Prolegomena*

Lejliet egħluq is-sena 2000 f'Malta ma kienx hemm il-briju u l-ispirtu ta' sena ġdida. Minn ħin għal ieħor, fuq ir-radju, it-televiżjoni u l-gazzetti li ħallew spazju vojt apposta, kellu jingħata messaġġ serju. Il-kbarat tan-Nord u dawk tas-Sud kienu reġgħu ma qablux fejn kellu jiltaqa' l-parlament, hux fis-sala tradizzjonali tal-Belt, jew fis-sala l-ġdida tad-Dokjard. Fil-fatt kienu ilhom is-snin ma jaqblu fuq l-iċken ħaġa u spiċċaw biex jiltaqgħu bejniethom tan-Nord u bejniethom tas-Sud waqt li jibagħtu u jgħidu lil xulxin li huma fil-gvern. Kienet ukoll diffiċli tifhem x'ġara eżatt fl-aħħar elezzjonijiet li kienu saru jew meta kienu ġejjin oħrajn, għax ir-riżultati maħruġa permezz ta' xandir u qlajjiet kienu ma jaqblu xejn. Wieħed hawn m'għandux jagħti aktar valur lix-xandir milli lill-qlajjiet għax f'dan iż-żmien ix-xandir kien jibbaża fuq xi qlajjiet hu nnifsu, u l-ġrajja fattwali kienet titħalla biss għall-kbarat. Waqt li l-qlajjiet kienu jkunu, ġieli, aktar eżatti minn xi xandiriet.

Iżda issa l-kbarat bilfors kellhom jinqdew bix-xandir u l-gazzetti, u forsi din kellha tkun l-ewwel aħbar għal snin sħaħ li tfisser xi ħaġa. In-nies kienet drat tiftaħ ir-radju u t-televiżjoni u l-gazzetta biex tisma' storja. U drat ukoll toħroġ barra u titkellem u terġa' tisma' storja. U l-valur ta' l-istorja qatt ma kien il-verità li setgħet iġġor, imma l-fatt li l-aħbar dejjem kienet storja. Il-bniedem Malti jħobbhom l-istejjer, u kienet minn dejjem fid-demm tal-ġens li filgħaxijiet jisma' n-nanna tgħid il-ħrejjef. Dan il-valur kważi artistiku ġie trasferit fuq kull forma ta' aħbarijiet, u n-nies Maltija ma kinetx tieqaf tisma'.

Il-mezzi ta' komunikazzjoni għal skop ta' xandir, f'Malta, kellhom f'dan iż-żmien il-ħabta li joħorġu l-persentaġġ ta' verità li l-aħbar partikulari kienet iġġor. Għalhekk il-gazzetti kienu jkunu mimlija numri taħt kull kolonna, u waqt li ħwejjeġ bħal reklami kienu jvarjaw bejn 20 u 30 fil-mija, aħbarijiet politiċi kienu b'żamma ta' persentaġġ għoli, bejn 90 u 110 fil-mija. Imma dawn in-nies ftit kienet tagħti kashom u parti minnha ftit kienet tifhem x'inhuma dawk in-numri strambi li dan l-aħħar bdew jidhru anki fuq it-televiżjoni u jinstemgħu fuq ir-radju. Barra minn hekk kien hemm il-problema ta' liema aħbarijiet qiegħed tisma', hux tan-Nord jew tas-Sud. L-aħbarijiet taż-żewġ naħat kienu jingħataw wara xulxin mhux biex igħidu x'ġara daqskemm biex jinnegaw u jmeru lil xulxin. U l-ordni ta' l-aħbarijiet kienet tinbidel skond min kien jirrexxilu jimponi

ruħu l-aktar. Anki l-gazzetti ma baqgħux jappartjenu għal naħa waħda biss, iżda kienu jippubblikaw aħbarijiet kuntrarji, bl-istess persentaġġi ta' verità fl-istess paġna. L-idea tal-persentaġġi ta' verità kienet ġiet mill-persentaġġ ta' alkoħol li jitniżżel fuq fliexken tax-xorb.

Il-fatt sa lejliet l-2000 kien li bl-istess veloċità li kull naħa kienet tagħti aħbar, il-gazzetti nfushom tilfu kull sens ta' direzzjoni u ma setgħux ilaħħqu ma' liema aħbar kienet favur il-'partit' tagħhom u liema kontra. Barra minn hekk, minħabba li bdew joħorġu aktar minn gazzetta waħda kuljum minn stamperija waħda, kull gazzetta sabitha diffiċli tlaħħaq ma' gazzetta għadu jew tifhem x'inhu jingħad. Il-ħajja fl-istamperija kienet saret tixbah lil ta' suq. Kulħadd igħajjat l-aħbar li kellu jagħti u numru ta' nies f'sala jiġbru biċċiet ta' karti b'aħbarijiet u persentaġġi lesti, jarawhom fuq fuq u mbagħad igħajtu huma biex idaħħluhom fil-ħarġa li jmiss. Finalment kien hemm bord li jiskanta bit-taħwid ta' gazzetta li jkun irnexxielha toħroġ.

Kulħadd kien, b'xi mod jew ieħor, imdaħħal f'din il-ġrajja biex jingħataw l-aħbarijiet. In-numru ta' nies jaħdmu f'din l-industrija kien issa l-ikbar ikkomparat ma' industriji oħrajn. U għalkemm mhux kulħadd kien jitħallas kulħadd kien jaħdem. L-istejjer, lejliet l-2000, ma setgħux jieqfu. In-nies, tistenna l-aħbar importanti dwar il-Ħajt ta' Malta, kienet qed tpespes storja wara oħra sakemm igħaddi l-ħin. Nisa, irġiel u tfal fit-toroq u ġod-djar, kienu jmorru fuq xulxin u jgħidu u jerġgħu jgħidu x'ġara. Bħall-gazzetti ma setgħux jifhmu s-sinifikat li aħbar seta' jkollha, speċjalment kieku kienet vera, għal partit jew ieħor. Fuq kollox, is-sens ta' partit kien spiċċa wkoll u l-moħħ Malti kien kompla biss fuq ir-ritmu ta' l-għidut. Pereżempju, kieku tmur fuq raġel u tistaqsih dwar il-partit tiegħu jkemmex moħħu u tfixklu. U jekk tagħmilha lil tifel igħidlek li ma jafx x'inhu l-isem tal-partit li tajtu. Jekk tagħmilha lil mara jegħlibha s-sens ta' diskussjoni u taraha ssemmilek x'għamlu dawk u l-oħrajn, u timlik ġrajjiet li ma jkollhom xejn x'jaqsmu mal-mistoqsija, ma' partit jew ma' politika. Li ġara sa lejliet l-2000 x'aktarx kien li nħoloq abbiss bejn il-partiti politiċi li darba eżistew f'Malta, u l-aħbarijiet jew paroli popolari. Il-Malti ordinarju kien ipprefera l-aħbarijiet.

Fuq in-naħa l-oħra kien hemm il-kbarat li x'aktarx kienu jafu kollox dwar x'inhu verament jiġri fil-gżira. Iżda hawn wieħed jista' jgħid ftit ħafna minħabba ċ-ċensura ġenerali li kienet tqiegħdet fuq x'inhuma jagħmlu l-kbarat, u f'ħafna każi min huma. Ma fadal ebda dokument, l-ebda biċċa karta, li turi fuq livell amministrattiv x'kien qed jiġri qrib is-

sena 2000. Il-kbarat kellhom ideat sigrieti u għall-ġid ta' kulħadd dawn ma setgħux jinkixfu. Kellhom ħajja sigrieta wkoll u kien diffiċli ssib imqar fejn kien joqgħod wieħed minnhom fuq din il-gżira ċkejkna.

Stejjer fuq il-kbarat ma kinux jingħadu minħabba li kienet kważi tabù li jissemmew. Barra minn hekk kien hemm min sparixxa wara li semma l-kbarat, jew qal x'jaħseb dwarhom. It-tfal kienu qed jiġu mgħallma li ma jistaqsux dwar it-tmexxija tal-gżira, dwar gvern, jew dwar x'seta' qed jiġri fuq nett. Setgħu biss jitkellmu dwar l-istejjer kontra u favur min jaf min. Il-kbar setgħu jissopponu sa lejliet l-2000 li l-kbarat kienu żewġ gruppi ta' nies kontra xulxin, b'mibegħda tradizzjonali miżmuma ħajja fuq raġuni ta' żmien u kultura. Setgħu jissopponu li l-palazz tal-Belt u d-Dokjard kienu saru l-postijiet ewlenin fejn jiltaqgħu tan-Nord u tas-Sud. Setgħu jissoponu li dawn kienu nies sinjuri, ta' qawwa mentali jew fiżika anormali, u b'xi dixxipli magħhom.

Li jista' jingħad hawn hu li x'aktarx il-kbarat kienu d-dixxendenti tal-membri parlamentari qabel ma l-parlament l-antik kien spiċċa fix-xejn. Fl-istess waqt, x'aktarx li l-persuni ma kinux l-istess iżda kienu tbiddlu minħabba l-bżonn ta' saħħa mentali jew fiżika akbar. Wieħed jista' jittanta jgħid li tan-Nord kienu nies intelliġenti, magħżula apposta, nies li jbeżżgħu bil-moħħ, bil-ħarsa, bil-fatt li qatt ma tifhimhom u bil-fatt li dejjem ikunu jafuk u jafu ħsiebek. X'aktarx li tas-Sud kienu nies ġganti, vikingi, li kienu jbeżżgħuk bl-herra, bl-arroganza u bil-muskoli inkredibbli ta' dirgħajhom. Ħadd ma jaf eżatt kif u għalfejn il-kbarat saru jissejħu tan-Nord u tas-Sud, jew għalfejn inqasmu f'din l-għażla naturali ta' moħħ u ġisem. Kien hemm attentati għal teoriji li jgħidu kif ġiet din l-għażla, iżda meta l-kittieba u l-istudjużi tal-politika, li diġà kienu ftit fil-gżira, bdew jonqsu, igħibu, ħadd ma pprova jifhem aktar il-bidu ta' din il-firda bejn Nord u Sud.

Waħda mit-teoriji, forsi l-aktar aċċettata, kienet tgħid li l-ismijiet Nord u Sud daħlu fil-gżira minħabba li qabel ma ġew il-kbarat kien hemm diġà firda ġenetika fir-razza Maltija. Din it-teorija kienet tasal tgħid li f'Malta, gżira ta' ċokon u popolazzjoni inkredibbli, kien qed isir taħlit ħażin ta' demm, ħafna żwiġijiet mingħajr parir mediku. Barra milli jaffettwa l-moħħ, u jagħmel lill-Malti nervuż, dan it-taħlit limitat kellu effett politiku. Id-demm innifsu, meta sab ruħu f'dan iċ-ċirku dejjaq, għamel l-għażla tiegħu billi persuna intelliġenti kienet tinġibed lejn oħra bħala, u persuna f'saħħitha u goffa kienet tinħall wara tax-xorta tagħha. Hawn it-teorija kienet tersaq ftit lejn l-istudju profond ta' Darwin u

tkompli biex tpinġi xena ta' ġlieda naturali bejn ġenetika u oħra. Hekk, minħabba nuqqas ta' taħlit ta' demm, li ġie minħabba nuqqas ta' spazju ġjografiku, il-Malti daħal f'dettal fuq għażla miżerabbli, u fired b'għaġeb għal kulħadd dak li normalment jinsab fi bniedem wieħed: ġisem u moħħ.

Il-Maltin kollha kienu jafu b'din it-teorija u kollha kienu jsemmuha. Naturalment, ftit ħafna kienu jifhmu xi tfisser, jew kellhiex xi implikazzjonijiet. Imma kienu jħossuha dettaljata, fina u ta' l-għaġeb. U kienet l-unika ħaġa li setgħu jsemmu fuq il-kbarat mingħajr ma jiġu f'inkwiet serju wisq.

Il-ħajja tal-Malti ordinarju kienet saret kemxejn monotona. Kien jaħdem mingħajr ma jaqla' flus. Is-sistema issa kienet li kulħadd jirċievi ikel u ħwejjeġ utli minflok paga. Għalhekk kienu sfaxxaw fix-xejn dawk l-attivitajiet divertenti li jissarfu biss fi flus. Ħadd ma seta' jsiefer, ħadd ma seta' jgawdi, ħadd ma seta' jixtri jew ibiegħ. Il-ħajja attiva f'Malta kienet waqfet għalkollox sakemm il-kbarat jaqblu fuq xi ħaġa. Fil-fatt, tan-Nord u tas-Sud ma kinux imbegħdin daqshekk minn xulxin. Kienu qablu fuq din is-sistema monotona ta' għajxien, fuq l-aħbarijiet strambi, fuq li huma ma jissemmewx u fuq elf ħaġa oħra dwar il-ħajja ġenerali tal-Malti. Probabbilment kienet l-ideoloġija, il-ħsieb wara l-għajxien, li kien iżommhom mifrudin aktar milli l-għajxien prattiku nnifsu.

Il-Malti ordinarju ma seta' jagħmel xejn ħlief jiskanta ċass lejn ħajja li kienet qed tinbidel. Ma kellux ċans jaħseb xi xtaq, x'ried jew lil min kien qed jappoġġja mill-kbarat. Kien bħal inqabad f'ritmu, jaħdem minn filgħodu sa filgħaxija, jiekol, jorqod u jirripproduċi. Dawn l-aspetti tal-ħajja Maltija kienu jingħaqdu flimkien bl-aħbarijiet, speċjalment is-sezzjoni tal-qlajjiet. U r-ritmu ta' stejjer u ħajja monotona kompla jgħaġġel.

F'lejliet l-2000 li tkun Malti kien ifisser jew li tkun viċin ħafna tal-kbarat, u fil-każ kont tkun wieħed mill-veru ftit, jew tkun ċass ma taf xejn, u kont tkun wieħed mill-ħafna.

Eżatt qabel nofs il-lejl tas-sena l-ġdida nstemgħet l-aħbar li kulħadd kien qiegħed jibża' minnha. Ir-radju u t-televiżjoni ħabbru bl-aktar ton biered li x'imkien f'Malta kellu jinbena ħajt li jifred in-Nord tal-gżira mis-Sud. Fit-toroq xi ħadd kien ħa ħsieb li jlesti ruxxmata suldati u pulizija, l-aktar fejn kienu qed jistennew li jinqala' l-inkwiet. Iżda ħaġa ta' l-għaġeb, il-Maltin kollha l-aħbar ħażina ħaduha bħallikieku xejn. Illum storiċi serji jgħidu li l-fatt li l-kbarat qablu fuq il-bini tal-Ħajt, il-fatt li qablu fuq xi ħaġa fil-pubbliku, fil-beraħ, immesmerizza lil kulħadd. Il-

pulizija, dak il-korp famuż Malti li tant daħal f'aspetti politiċi fl-istorja tal-gżira, baqa' mingħajr xogħol dakinhar. Wieħed illum jista' jimmaġina t-toroq imdallma mimlija pulizija u karozzi tal-militar, lembubi, landi tal-gass tad-dmugħ, armi, u mbagħad vojta mill-iċken inkwiet. Kienet l-ewwel daqqa ta' ħarta li qalgħu il-kbarat mindu qablu fuq il-Ħajt. Tassew li l-Malti ordinarju kien sar tant stupidu bl-istejjer li ma kienx jaf x'inhu jiġri 'l fuq minnu iżda l-istess fatt kien bħal għatu sigriet li żamm il-moħħ ordinarju mistur għall-kbarat. Jista' jingħad li eżatt qabel nofs il-lejl il-kbarat kienu totalment imprevedibbli għall-Malti komuni, waqt li l-Malti komuni kien totalment sorprendenti għall-kbarat.

Sa l-2020 is-sura ġdida ta' Malta baqgħet tissemma bħala l-aktar bidla radikali li saret f'pajjiż sħiħ fl-iqsar żmien. In-nies kollha tan-Nord kienu mġegħlin jilbsu uniformi, igħixu ħajja regulari, stretta u mimlijja propaganda. Kienet infetħet skola pubblika fejn wieħed kellu bilfors jattendi għall-inqas sagħtejn kuljum għas-suġġett tad-demokrazija. Dan kien suġġett obbligatorju fil-livelli kollha edukattivi u ta' xogħol. Id-deħra tan-Nord saret aktar serja, aktar mimlija ħidma, iżda aktar ta' dwejjaq. Jingħad li l-ammont ta' suwiċidju kien allarmanti, waqt li hu fatt storiku li l-gvern tan-Nord fl-2020 kellu liġi prattikata li tgħid li attentati ta' suwiċidju kellhom piena ta' tortura. Aspetti oħrajn kienu ż-żieda ta' nies spiji li allaħares jisimgħu kelma kontra l-gvern, il-fatt li t-tfal kollha ta' erba' snin kienu jittieħdu mill-familja u jerġgħu lura ta' sitt snin, il-fatt li kulħadd kellu jittella' l-qorti kull ammont ta' snin biex jgħaddi minn eżami politiku-kriminali. Dan kien eżami maħdum fuq sistema ta' tliet intervisti li setgħu jimmarkawk bħala kriminali jekk ma tkunx politiku biżżejjed. L-għażla tan-nies li jitilgħu il-qorti aktar minn oħrajn ħadd ma seta' jifhem kif kienet issir, iżda żgur li kulħadd kellu jitla' xi darba jew oħra.

Il-propaganda politika tan-Nord kienet mifruxa ġo speċi ta' kmandamenti li kienu jingħadu kull filgħodu minn kulħadd, u kull filgħaxija minn kulħadd. Kont issibhom miktubin kullimkien, barra mal-ħitan, fil-kotba ta' l-iskejjel, fl-uffiċini u fil-postijiet kollha tax-xogħol, fl-isptar, fil-karozzi u fil-latrini. U l-mezzi tax-xandir, kif ukoll il-gazzetti, li issa kienu nbidlu ħafna mill-injoranza ta' l-2000, kienu jġibuhom ta' l-inqas darba kuljum. Saħansitra r-reklami kbar li kienu bdew jitwaħħlu fit-triqat, kellhom bilfors jinkludu l-kmandamenti Nordiċi. Il-kliem eżatt kien dan:

1. Il-Gvern tan-Nord hu l-Gvern veru tiegħek. Obdih f'kollox sakemm

min ma jafx bih jobdih ukoll.

2. Tħarisx lejn gvernijiet oħrajn, taqrax fuqhom, taħsibx fuqhom u toħlomx dwarhom.

3. Kun intelliġenti u professjonali. Itgħallem uża moħħok ħlief quddiem il-kbarat tal-Gvern veru.

4. Taħdimx ħafna xogħol manwali, tkunx goff, tkunx ta' persuna kbira u jekk int vjolenti ddikjara lilek innifsek lill-ġvern. Kun kwiet u ġentili lejn kollox.

5. Tagħmel xejn immorali, u emmen f'Alla.

6. Tħarisx in-naħa tal-Ħajt ta' Malta jekk tkun viċin.

7. Kun af il-liġi sħiħa tal-pajjiż, tibżax mill-qorti.

8 Aċċetta l-ambjent u s-sistemi madwarek. Tixtieqx bidliet.

9. Kun indipendenti u ħieles. Tingħaqadx għal xi tip ta' appoġġ.

10. Kun kuntent.

Kif wieħed jista' jaħseb, ma' dawn il-kmandamenti kien hemm sensiela sħiħa ta' liġijiet demokratiċi li kienu jsawru l-ħajja tal-Malti Nordiku. Il-Malti ordinarju kien inbidel għal kollox mis-sena 2000. Kien sar jaħseb, ġentili u pulit. Kienet kważi mistennija mill-gvern li kulħadd ikun nadif, b'leħja mqaxxra, b'xogħol serju, b'sistema sħiħa ta' ndafa fiżika u mentali. Kont tgħaddi minn triq Nordika f'Malta ta' l-2020 u ssibha tazza, bil-kennies għaddej josserva l-indafa. Il-kennies innifsu kien ikun ta' statura pulita, b'moħħ imkemmex u serju, bl-uniformi u bi xkupilja ċkejkna u pala verament żgħira f'idejh jiġbor trabiet 'l hemm u 'l hawn u jitfagħhom ġo borża trasparenti mwaħħla ma' qaddu. It-trab kien jittieħed f'laboratorju fejn jiġi analizzat.

L-organizazzjoni tat-triqat ma kinetx titwemmen. Il-gvern Nordiku kellu ħabta jistieden il-barranin biex jistudjaw is-sistema tan-nofs pajjiż, u l-ewwel ħaġa li kienet tintwera kienet it-toroq. It-traffiku, in-nies mexjin, l-annimali kellhom kollha post eżatt minn fejn igħaddu. Kien hemm kitbiet fl-art u sinjali biex wieħed ikun jaf fejn iqiegħed saqajh jew ir-roti tal-karozza. Kien hemm sinjali jixegħlu li jibdlulek il-veloċità li suppost tkun għaddej biha fil-karozza. Kien hemm bankini li stajt timxi lejn naħa waħda fuqhom. Kien hemm il-famuża serena li meta tinstema' f'distrett kienet tfisser li kulħadd, karozzi, nies u annimali, jieqaf eżatt fejn u kif inhu. Il-barrani kienet tolqtu din meta jara mijiet ta' nies weqfin qishom statwi f'pożizzjonijiet differenti, u xi kelb baħnan jiġi maqtul għax baqa' miexi.

Mhix ħaġa ta' skantament li Malta Nordika, fi żmien verament qasir,

saret efficjenti ħafna, anki jekk xi wħud kienu jħossuhom ftit ikkontrollati żżejjed mill-gvern. L-efficjenza kienet ġejja direttament minn fattur wieħed... il-livell sopranaturali ta' l-edukazzjoni Nordika. L-ewwelnett, din l-edukazzjoni fl-2020 ma kinetx issir minn Maltin biss iżda minn barranin ukoll. F'Malta Nordika kienu jiġu professuri ta' kull xorta, daqs u suġġett u jġibu magħhom għerf li l-moħħ Malti tas-sena 2000 qatt ma kien joħlom li jara fuq din in-nofs. L-iskola fin-Nord kienet it-tip elitista: il-bravi nett kienu jintefgħu minn ċkunithom fi klassijiet immarkati - Kbarat, Tobba, Pulizija, Filosfi, Xjentisti, Psikjatri, Avukati u professjonijiet oħrajn; dawk li kienu ta' intelliġenza tajba jew normali kienu jiddaħlu fi klassijiet imsejħa Komuni; u l-injoranti nett kienu jintbagħtu fis-Sud tal-gżira biex jitpartu ma' nies bravi minn hemm. Is-sistema kif jingħataw il-lezzjonijiet kienet imħallta iżda l-aktar mod popolari kien li l-ewwel għalliem jew professur minn barra jingħata taħriġ minn professjonist jew għalliem Malti Nordiku, imbagħad imur fi klassi jagħti lezzjoni u wara jerġa' jfiehem il-lezzjoni għalliem jew professjonist Malti.

Biex ma nidħlux fl-aspetti kollha tal-gvern Nordiku, insemmu l-aħħar ħaġa ta' importanza. Waħda mill-ftit affarijiet li l-gvern kien jitkellem fuqha pubblikament kienet li kull individwu kellu jkun oriġinali. Fuq mezzi ta' xandir, u gazzetti, li kienu ħadu sura opposta għat-taħwid ta' l-2000, wieħed kien jisma' ilħna u jaqra dwar il-bżonn ta' moħħ frisk, oriġinali u sħiħ. Din kienet stedina kontinwa li l-gvern kien jagħmel għall-inġenjożità u għat-twelid ta' ġenji naturali. Kulħadd fin-Nord kellu xi darba jew oħra f'ħajtu joħloq teorija, ħsieb, sistema eċċ., li tista' tintuża u li tista' tingħaqad mas-sistema preżenti. Naturalment, jekk il-ħolqien kien ikun imur kontra l-gvern, jew is-sistema, anki bi żball, allura l-vittma oriġinali kien isib ruħu jikser xi ħames liġijiet f'salt. Kif jittella' l-qorti l-proċeduri kienu jsiru dejjem aktar oskuri sakemm ma jinħassx aktar il-bżonn li tparla fuq il-persuna li kisret il-liġi x-xahar ta' qabel. F'qagħda bħal din l-oriġinalità Nordika kienet ta' żewġ tipi: jew tkun ġenju li ssib triq dejqa fejn tista' tifrex xi teorija oħra favur il-gvern, jew tkun normali u tfittex tħallas lil xi ġenju joqgħod viċin bl-ikel biex jippreżentalek sistema jew ħsieb eżistenti b'mod differenti.

Qabel ma niġu biex ngħidu l-ftit affarijiet magħrufa dwar il-gvern tas-Sud, nitrattaw il-Ħajt ta' Malta nnifsu. L-ewwel u qabel kollox għandha tkun ċara li f'Malta qatt ma kien hemm ħajt materjali jifred in-Nord mis-Sud. Il-materjal biex jinbena ħajt bħal dan, flimkien mal-bini tiegħu,

kienu spejjeż li ż-żewġ ekonomiji ta' Malta, anki flimkien, ma kinux jifilħu għalihom. Il-Ħajt ta' Malta kien immaġinat. Kien hemm ordnijiet serji biex ebda Malti, Nordiku jew Sudista, ma jieqaf jimmaġina li hemm ħajt. Biex wieħed jifhem aħjar, il-Ħajt ta' Malta kien inbena f'moħħ il-Malti wara xogħol ta' snin sħaħ. Kien hemm taħriġ apposta fl-iskola tan-Nord u l-militar tas-Sud biex il-moħħ Malti jadatta ruħu għall-eżistenza ta' ħajt li ma setax jara. Din forsi tidher stramba, iżda fil-fatt hija sistema ta' taħriġ li rnexxiet fil-gżira fuq livell ġenerali u li biha ġew iffrankati flus kbar.

Ħdejn fejn suppost kien hemm il-materjal tal-Ħajt kienu jgħaddu suldati u pulizija taż-żewġ naħiet. Din l-għassa ma kienet tieqaf qatt. Ftit aktar lura kien hemm l-ispiji — nies li taparsi jaħdmu viċin il-Ħajt u li kienu attenti għal min kien iħares lejn il-Ħajt. Marki fl-art, forma ta' ġebel, kienu juru fejn eżatt kienu partijiet mill-Ħajt.

Din is-sistema rnexxiet l-aktar għax kienet qed taħdem fi gżira reliġjuża. Min ifittex ftit fl-istorja ta' Malta isib li anki minn qabel ma niżel San Pawl fuqha kien hemm fervur għar-reliġjonijiet, kienu liema kienu. Il-moħħ Malti x'aktarx li hu moħħ li jemmen, jappoġġja b'fidi sħiħa, li lest imut ma jafx għalxiex, basta juri l-qawwa tal-fidi tiegħu fuq rieda. B'moħħ bħal dan għad-dispożizzjoni tagħhom il-kbarat setgħu bnew ħafna aktar minn ħajt. Iżda wieħed għandu jqis li l-Ħajt kellu jkun il-bidu ta' kull suċċess li jiġi wara. Għalhekk l-insistenza fuq il-Ħajt, fuq l-għamla tiegħu, fuq il-kulur tiegħu u fuq l-għoli, kienet qawwija. Kull Malti, kemm fin-Nord kif ukoll fis-Sud, kien jaf li hemm il-Ħajt li kien ta' ċerta għamla u daqs. Ħadd ma kien iħares lejh, anqas l-għassa nnifisha. Esperti minn Berlin stess kienu ġew jistudjaw l-għamla stramba ta' dan il-ħajt, josservaw kif pulizija ta' naħa u suldat ta' oħra ma kinux jagħtu l-inqas daqqa t'għajn lejn xulxin anki jekk igħaddu piedi 'l bogħod minn xulxin.

Fi ftit snin il-Ħajt kien sar l-għira tad-dinja. Fl-istorja dinjija nsibu li l-bini ta' ħitan biex jipproteġu jew jifirdu kien idea mifruxa mad-dinja. Iżda fl-istess waqt, il-bini ta' dawn il-ħitan kien dejjem isir bil-ġebel, wajer, jew bl-armi awtomatiċi. Kellha tkun Malta fis-seklu wieħed u għoxrin li għarfet l-użu tal-moħħ flok ta' l-idejn biex jinbena ħajt. U r-riżultati kienu tajbin. Għax waqt li ħajt veru kien provokazzjoni, ħajt mentali kien aljenazzjoni. Veru li kien hemm xi problemi żgħar, bħall-fatt li fin-Nord kienu jgħidu li l-Ħajt hu għaxar metri għoli, waqt li fis-Sud kienu jgħidu li l-istess ħajt hu għaxar metri u nofs għoli, iżda dawn kienu

problemi li fir-realtà qatt ma kienu se joħolqu nuqqas ta' qbil. Il-kbarat ta' Malta rraġunaw li l-għamla ta' ħajt veru, barra l-ispejjeż, kienet tissuġġerixxi li dak il-ħajt għandu jinqabeż. Fil-fatt il-moħħ uman hekk jirraġuna. Fil-Ġermanja, pereżempju, il-ħajt ta' Berlin kien ifisser ostaklu, u ostaklu jfisser li għandek tegħlbu. Il-moħħ tal-bniedem hu magħmul b'mod li fejn ma jistax igħaddi jew fejn hemm triq diffiċli, jipprova jgħaddi. Il-progress ġenerali tad-dinja sar minħabba l-isfida tal-bniedem għad-diffikultà. Biex bniedem igħaddi minn triq għamilhielu diffiċli. L-istess ħajt, jew sur. Kull fejn bniedem jiltaqa' ma' ħajt, jew swar, fortizza jew baħar, għid li jkun irid imur in-naħa li mhix tiegħu, mhux biex jara x'hemm imma għas-sodisfazzjon istintiv li qabeż ostaklu. Ir-raġunar tal-kbarat kien li l-Ħajt ta' Malta kien ostaklu fil-moħħ u ħadd ma jista' jaqbeż lil moħħu stess, kien ukoll mingħajr eżistenza u ħadd ma jista' jaqbeż nuqqas ta' eżistenza, kien xejn u għalhekk kien infinittivament akbar minn kull ostaklu.

Wara din il-ħarsa fil-qosor lejn il-Ħajt ta' Malta, niġu issa biex nagħtu ħjiel tal-ħajja fis-Sud. Fis-Sud l-imġiba ġenerali tan-nies kienet eżatta bħal tan-Nord. Kienu jaħdmu, igħinu l-gvern f'kollox, effiċjenti, xi ftit imdejqin. Dan kollu rriżulta minn tagħlim u sistema totalment differenti fl-ideali. Fis-Sud l-ideali ġenerali kienu li tkun determinat, li tkun naqra waħda goff u li tirraġuna b'mod kemxejn sempliċi. Dawn l-ideali bażiċi kienu jinġabru f'sett veritajiet li s-Sudisti kienu jsejħulhom: Is-Sewwa. Il-veritajiet kienu saru biex jikkompetu mal-kmandamenti tan-Nord, u għalhekk kienu għaxra:

1. Is-sewwa hu li jkollok Gvern li jagħraf it-tbatijiet naturali tal-ħajja umana. Obdi l-Gvern veru.
2. Kull gvern ieħor hu ħażin u jagħmlek marid. Kun f'saħħtek magħna.
3. Tidħolx f'kumplikazzjonijiet ta' ħsieb li ma jħalluk tagħmel xejn ħlief tiddubita. Kun f'saħħtek billi taħseb ċar u dritt.
4. Eżerċizza l-ġisem bla waqfien. Kul sew u aktar milli hemm bżonn. Uri l-emozzjonijiet tiegħek ħlief quddiem il-kbarat tal-ġvern. Tgħallem għajjat u rrabja.
5. Tagħmel xejn ħażin, iżda toqgħodx taħseb fuq x'inhu tajjeb. Aġixxi skond ma taħseb li hu l-aħjar fl-inqas żmien possibbli.
6. Tħarisx lejn il-Ħajt, qatt.
7. Kun af x'irid il-Gvern, tibżax mill-militar.
8. Emmen li s-sistema effiċjenti tal-Gvern se taħdem għal dejjem. Jekk issib li hemm xi nuqqas fis-sistema avża lill-militar bik innifsek.

9. Idħol fi gruppi u qis li l-grupp sħiħ jappoġġja lill-Gvern. Neħħi kull ambizzjoni ta' tmexxija jew ideat oħra simili li jistgħu jinbtu fil-grupp. Għid kulma qed tagħmel u taħseb lill-bqija tal-grupp.
10. Uri dejjem espressjoni ta' ferħ.

Fis-Sud, fl-2020, kien hemm qawwa waħda li tmexxi kollox: il-militar. Il-kelma 'militar' fis-Sud ma kinetx tfisser korp ta' suldati biss iżda organizazzjoni ta' kulma jsir f'din in-naħa permezz ta' ambjent u atmosfera militari. Il-militar kien maqsum f'ħafna sezzjonijiet: fuq nett kien hemm il-kumitat, li kien il-Gvern; wara kien hemm in-nies sigrieta li kienu l-ispiji tal-Gvern; wara s-suldati armati; u fl-aħħar il-bqija tas-Sudisti ordinarji. Il-militar fis-Sud kien kollox u kulħadd f'sistema militari. Ħadd fis-Sud ma kien jaf eżatt kemm kellu nies il-kumitat, iżda kulħadd kien jaf min kienu l-ispiji sigrieta minħabba ċ-ċokon tan-nofs pajjiż.

Sistema bħal din kienet tfakkar il-ftit barranin li mexxielhom jidħlu fis-Sud fis-sistema antika ta' Sparta. Kien hemm atmosfera ta' vjolenza fis-Sud, regulata u kkontrollata bit-taħriġ ta' kuljum tal-militar. Fis-Sud din il-ħerqa għall-ġlied kienet ġejja mill-ħsieb favorit Sudista li l-bniedem għandu fih bżonn ta' ġlied. Dan il-bżonn, tgħid it-teorija komuni, il-bniedem għandu bżonnu biex jaffaċċja l-problemi tal-ħajja mingħajr ma jċedi. Iżda anki meta m'hemmx problemi, bħal fil-ħajja Sudista, il-bżonn jibqa' u l-bniedem irid jiġi mħarreġ kif juża l-vjolenza naturali tiegħu. Hawn il-vjolenza jew tinħela f'xogħol produttiv, jew titwettaq kontra għadu immaġinat.

It-taħriġ kien jibda mill-ħamsa ta' filgħodu għall-kbar, mis-sebgħa għat-tfal, u mit-tmienja għax-xjuħ. It-tfal kien jiżdidilhom il-ħin tat-taħriġ aktar ma jikbru. L-ewwel x'aktarx li kien ikun hemm is-siegħa agħjat. Din kienet siegħa li fiha ridt tabilfors timmaġina li qiegħed fi speċi ta' argument ma' l-arja quddiemek. Għalliema u spiji kienu josservaw l-espressjoni ta' rabja waqt li int tkun qed titkellem ma' ħadd. Imbagħad kien hemm dak li kien jissejjaħ il-'mument emozzjonali'. Dan kien il-mument li fih in-natura umana titlef ir-raġuni u ssib ruħha f'emozzjoni ta' rabja u qilla, tant li l-bniedem jitħarreġ kien jintefa' f'xi mġiba stramba bħal jagħti bil-ponn fl-arja, iwerżaq, jaqbeż u jgħażżeż snienu, jaqa' ma' l-art u jferfer saqajh....

Wara t-taħriġ ta' filgħodu kien hemm ix-xogħol iebes fit-toroq jew fil-fabbriki. Spiji mill-militar kienu jduru u jaraw il-produzzjoni ta' kulħadd, jieqfu fuq nies jaħdmu biex josservaw l-espressjoni fuq wiċċhom, ġieli

jaħdmu magħhom u dejjem igħixu fl-istess sala ma' grupp nies li josservaw. Kultant kienu jniżżlu xi noti fuq karti li kienu dejjem iġorru magħhom. Matul il-ġurnata xogħol kulħadd kellu xi ħin fejn jagħmel nofs siegħa joħroġ b'ideat, jew jaħdem fuq proġett, li kienu progressivi u li ma kinux se jħallu l-pajjiż ta' nofs art jaqa' f'xi konservattiżmu. L-ideat progressivi li kienu joħorġu f'din in-nofs siegħa kienu jvarjaw bejn dawk verament banali, u dawk normali. Qatt ma kien ikun hemm ideat kumplikati ħafna mhux għax ma kienx hemm ir-rata normali ta' inġenjożità umana fis-Sud, iżda għax qatt ma kien jaqbel li turi li għandek ix-xeħta ta' ġenju fil-militar Sudista.

Il-parti l-kbira ta' l-ideat ma kinux jiġu mwettqa iżda jinbiegħu lill-bqija tad-dinja biex bil-flus il-gvern ikollu biex igħix hu u jgħajjex poplu. Din kienet waħda mill-industriji ewlenin, u l-esportazzjoni ta' ideat progressisti kienet attività li ma naqset qatt fis-Sud.

Bħal fin-Nord wieħed jista' jgħid ftit ħafna dwar il-ħajja fis-Sud. X'aktarx li l-bniedem Sudista kien xi ftit imdejjaq minħabba effiċjenza li ħonqot lill-individwu anki jekk kien hemm rispett kontinwu lejn in-natura umana u l-bżonn ewlieni tagħha: il-ġlied. Is-Sud kien nofs pajjiż ta' massa; kulħadd kien imur għax-xogħol fl-istess ħin, kulħadd kellu t-taħriġ, kulħadd kien jiekol flimkien. Kien nofs pajjiż ta' kulħadd, komunità li ġġiegħlek tagħmel bħal kulħadd. Minħabba ċ-ċokon ġo fih ma kienx hemm eċċezzjonijiet revoluzzjonarji. Barra minn hekk is-sistema ta' tindif regulari kienet effiċjenti u tbeżża'. Din kienet sistema fejn it-taħriġ ta' l-agħjat u vjolenza ta' filgħodu kien jitħalla jaħdem fuq individwi li kienu dubjużi fi ħsebijiethom. X'aktarx li bniedem Sudista li ma kienx ċert mit-tjieba u l-eżattezza tal-kumitat militari kien jitqiegħed quddiem in-nies meta jmorru għall-agħjat emozzjonali ta' filgħodu. Ħaġa naturalissima li grupp nies li jkunu ilhom jinkorlaw ma' l-arja jaraw bniedem dgħajjef quddiemhom qisu ħobż. Jekk l-individwu kien jirnexxilu jintilef igħajjat magħhom, u jingħaqad magħhom, il-kumitat militari kien jagħtih tortura biss u jerġa' għall-ħajja normali tiegħu. Jekk l-individwu kien igħaddi mill-mument emozzjonali u jibqa' jibza' u jaqla' kien igħaddi l-ewwel minn taħt it-taħriġ speċjali tal-militar armat, wara minn sezzjoni qasira ta' tortura, u wara jitpartat lin-Nord.

Bħala egħluq, wieħed ma jista' jgħid xejn. Ġeneralment il-konklużjoni tkun dwar xi ħaġa li tagħmel sens, hija ċara u li minnha wieħed ikun jista' jiġbor xi punti konklużivi. Iżda f'dan il-każ qed nitkellmu fuq żewġ gvernijiet li waqt li jmexxu żewġ nofsijiet ta' pajjiż,

huma kważi inviżibbli sa llum. Forsi ma kienx hemm kbarat wara kollox, iżda twemmin fihom. Diġà rajna li l-poplu Malti hu dejjem lest li jemmen. Jista' jkun li s-sistema kienet bdiet minn xi nies u kompliet fuq livell ġenerali minħabba l-fidi Maltija, mhux għax in-nies li ħolquha baqgħu jgħixu għal dejjem. Iċ-ċokon ta' Malta jagħmilha possibbli li l-poplu sħiħ jibqa' miexi fuq sistema għax jara l-bqija jagħmlu hekk. Dan jidher ċar mill-indħil ta' kulħadd f'Malta fl-istorja kollha politika. Ara ssibx perjodu Malti li għadda mingħajr eroj lokali. Ma kinux eroj biss, kienu nies li fiċ-ċokon ta' pajjiż ħassewhom viċin wisq ta' min imexxi u riedu jindaħlu. F'Malta x'aktarx li jekk tagħmel pass kulħadd jarak, jistudjak, jaħsibha u jew jidħku bik, jew jimxu bħalek kollha. Triq tan-nofs f'pajjiż hekk ċkejken ma setax ikun hemm.

*Dan huwa l-ewwel kap.*

Meta Klara 31487(N) kienet sejra lura d-dar mix-xogħol ġietha t-tentazzjoni tas-soltu. Qalbha nħasdet u x'ħin ħasbet li kien se jerġa jkollha tqerr għand is-segretarju psikjatriku tad-distrett tagħha ħareġ l-għaraq. Le. Din id-darba kellha żżomm sod aktar, u ma tagħmel xejn ħażin. Mhux għax kienet tibża' mid-dnub aktar milli kienet tibża' minn min jisimgħu. Is-segretarju psikjatriku kien bħal rappreżentant tal-kbarat fid-distrett, li jgħin, iħenn u jkun jaf id-dnubiet meta tmur għandu. Id-distrett kollu kien imur għandu mill-anqas darba f'xahar. Is-segretarju psikjatriku kien jistudjak u seta' wkoll itellgħek il-qorti għal aktar studju. Klara ppruvat ma taħsibx fuqu. Kienet ilha tmur għandu u kien jafha sew. Kien ikellimha bil-ħlewwa u wara ftit iħollilha xi ħaġa ġo moħħha, taqbad tibki u tgħid kollox, kollox, kulma kienet taf dwarha nnifisha. Qatt ma bagħatha l-qorti u sa issa qatt ma deher maħsud b'li qaltlu. Min-naħa l-oħra kif seta' segretarju psikjatriku qatt jikxef li hu maħsud?

Klara 31487(N) kompliet miexja, tħares b'espressjoni vojta quddiemha. Rat l-uċuħ tas-soltu jħarsu ċassi u bojod lura. Id-dwejjaq reġa' beda ġej u ma kinetx taf hux l-uċuħ, hux is-segretarju psikjatriku, jew il-memorji mhux mifhuma li dejquha. Forsi kollox f'salt u hi wkoll dejqet lilha nnifisha b'dal-ħafna ħsebijiet żejda. Aħseb, kien igħid il-gvern Nordiku, u Klara kienet taf li l-ħsieb seta' jfisser il-qerda tagħha. Klara ma kinetx taf taħseb. Meta taħseb kienet taħseb ħażin, moħħha jmur fejn ma tridux. Klara kienet taf li kienet anormali, kienet tistħajjel lilha nnifisha karozza bla sewwieq u mimlija saħħa mekkanika. Ġieli kienu jiġuha l-attakki ta' biki kbir meta tara li qed tipprova tobdi u ma tistax.

Dan l-aħħar Klara 31487(N) kellha tmur għand is-segretarju psikjatriku qabel għalaq ix-xahar, kif kellu jagħmel kull min ikollu ħsieb ħażin. Kienet qagħdet taħseb dwar memorji ta' meta kienet tifla, u ħasset bla ma taf kif li moħħha mar f'territorji projbiti. Għall-ewwel ma kinetx taf kellhiex kuraġġ tmur tirrapporta x'għamel moħħha, iżda wara jumejn għarfet li kellha inqas kuraġġ tkompli tgħix bi dnub sigriet. Marret għandu u daħħalha f'kamra ftit mudlama. Hu qagħad bilqiegħda quddiemha wiċċu 'l quddiem ma' wiċċha. Bdiet tħoss nifsu sħun fuqha u ħassitha mal-ewwel tifla ċkejkna. Wara ftit sekondi skiet ma felħetx aktar u bdiet tibki, l-ewwel bilmod, imbagħad bil-qawwi. Hu żiegħel biha u qalilha li aħjar hekk, aħjar tibki kemm tiflaħ biex titnaddaf u b'idejh beda jimmassaġġjalha spallejha wara li qam u mar warajha. Bis-saħħa li uża fuq spallejha u għonqha niżżilha aktar fis-siġġu.

Klara 31487(N) xebba ta' qrib it-tletin sena kienet żgħira fl-istatura, u debboli fil-kuraġġ. Bdiet titriegħed u kienet ċerta li qed tiċkien quddiem is-segretarju psikjatriku. Ma kienet għadha qalet xejn, iżda xorta ħasset li kien jaf kollox. U meta reġa' mar quddiemha u ħares dritt f'għajnejha b'ħarsa kemm ġentili kif ukoll penetranti ħbiet wiċċha f'idejha u ma felħet tagħmel xejn. Imbagħad, bla ma staqsiha xejn, semgħet leħenha jibda l-ewwel b'ħafna lfiq imbagħad b'aktar ċarezza. Bdiet tgħid kollox, dak kollu li ħasset u ma felħitx iżżomm sakemm waslet għad-dnub.

"Jiena ma xtaqtx ikolli dawn il-memorji. Imma diffiċli ma niftakarx il-memorji tiegħi. Ġew quddiem għajnejja dawk il-ġranet meta kont żgħira u niftakar ċar lil ommi tibki u tibża', u lil missieri jħares lejja l-ħin kollu donnu kien se jiġri xi ħaġa. Kienu nies twajba ommi u missieri u sa llum għadni ma nafx fejn marru, mitux jew għadhomx igħixu x'imkien ieħor. Naf li ġurnata ġew għalija n-nies, u daqshekk. Minn hemm kont waħdi u għaddejt minn elf ġrajja waħdi. Iżda xejn ma impressjonani daqs dakinhar meta rajt ħafna nies mexjin bil-bagalji, donnu serp kbir tan-nies. Lanqas biss naf ma' min kont qiegħda, jew fejn. Niftakar biss li konna grupp ta' tfal li waqqfuna naraw ħafna nies mexjin wara xulxin. Ommi kienet tgħidli storja fuq hekk, storja ta' ħafna nies li ħarġu minn post jismu Eġittu u marru jmutu fid-deżert.

"Qatt ma sirt naf x'inhu deżert, iżda dakinhar, meta rajt dawk il-mijiet ta' nies sejrin kont ċerta li kienu sejrin fid-deżert. U bżajt. Sa llum għadni naħseb li ommi kienet qed tgħidli ġrajja li se tiġri, mhux li ġrat."

Klara 31487(N) waqfet għal ftit u ħarset lejn is-segretarju psikjatriku. Hu baqa' għal ftit b'espressjoni vojta, imbagħad tbissem bilmod u b'idu

taptpilha fuq rasha. Kienet għadha ma waqfetx tibki u hu beda jżiegħel biha.

"Klara, għalfejn tibża' meta tiftakar f'dawn il-memorji?"

"Ma nafx, inħossni qed nagħmel ħażin. Inħossni naf xi ħaġa bla ma hi ċara, xi ħaġa li suppost ninsieha."

"Kemm iddum taħseb, ħi?"

"Ftit. Xi ftit minuti domt. Qabel kont naħrabhom il-memorji, iżda mbagħad moħħi beda ma jobdix. Jien mhux it-tort tiegħi, jien irrid nobdi, irrid inkun mara tajba, irrid ngħix waħdi u ma noqgħodx nistaqsi. Imma moħħi ma jridx."

"X'toqgħod tistaqsi?"

"Nistaqsi mistoqsijiet. Nistaqsi bħal, fejn qegħdin ngħixu? U ġieli wkoll nistaqsi fejn hemm nies oħrajn u l-gvernijiet il-ħżiena. U ġieli naħseb, għalfejn marru dawk in-nies kollha f'salt fid-deżert?"

"Klara, ħi, taf li l-mistoqsijiet tiegħek huma dnubiet?

Qalb Klara għamlet qabża u idha ġriet għal sidirha bla kontroll. Ma kinetx taf x'taqbad tagħmel, x'taqbad tgħid. Issa, meta wara li ilek tgħix igħidulek li l-isforzi tiegħek kollha huma għalxejn, li int ħażina, x'jiġri? Dak il-ħin Klara seħtet lil moħħha, lill-memorji u lil kulħadd. Seħtet lil ommha u lil missierha li daħħlulha ideat ħżiena u baqgħet mitluqa, mirbuħa, tħares lejh. Hu baqa' kalm, bi tbissima ħanina fuq wiċċ oħxon u kbir. Kompla jħares lejha u beda jilgħab b'subgħajh. Dan ma kinetx tifhem, għalfejn ma jkellimhiex? Kieku jgħidilha xi trid taħseb, kif tgħix...imma għalfejn kellha tkun taf hi weħidha x'inhu tajjeb, x'inhu ħażin? Kienet diffiċli wisq tgħix u tkun taf kif qed tgħix. Li kellha bżonn Klara kien li xi ħadd igħidilha x'tagħmel, x'taħseb. Iżda fl-istess waqt setgħet tifhem li din kienet teqred il-bżonn li kull bniedem igħix individwalment, ħieles, mingħajr indħil. Dan kien wieħed mill-kmandamenti. Kun indipendenti u ħieles, tingħaqadx għal xi tip ta' appoġġ.

"Klara 31487(N), ruħi, taf li ksirt il-kmandamenti kollha?"

Waqt li kienet miexja x-xebba ppruvat tinsa x'kien ġara dakinhar meta marret għand is-segretarju psikjatriku u qalilha li kisret il-kmandamenti kollha, kollha. Iżda ħsiebha ġera lura u rat lilha nnifisha fis-siġġu, mniżżla sew 'l isfel, u hu kalm quddiemha. Ftakret kif ħasset l-arja madwarha tieqaf mal-kelma 'kollha', kif ma kienx hemm aktar arja, aktar dawl, u kif ħassitha qisha qed tgħum sakemm ħasset tisbita iebsa. Ma felħetx taħseb x'ġara x'ħin ġabarha u qegħidha fuq is-siġġu. Bdiet tgħolli jdejha fl-arja ma tafx għalfejn, u kompliet tintilef f'kuluri skuri sakemm

reġa' telaq kollox minn quddiemha.

Meta ġiet f'sensiha qalilha li hekk jiġrilu min jinħafirlu dnub. Hi nħafrilha kollox. Ma setgħetx temmen li semgħet sew. Inħafrilha kollox. Imbagħad qagħad jispjegalha kif kisret il-kmandamenti, u wrieha kif marret kontra kull wieħed. B'xi mod fehmitu, u għalkemm illum ma ftakritx kif u għalfejn, ftakret li dakinhar fehmet b'liema mod marret kontra kull kmandament. Minn banda tajjeb li kienet marret għandu qabel ma għamlet aktar ħażin, u ma setgħetx tgħid li ma kienx ġentili magħha. Qalilha li kien se jinsa kollox, lanqas biss se jinforma lil ta' fuqu li marret tqerr. Qalilha li hu kien qisu missierha, li kellha terġa' tmur jekk jiġuha xi memorji jew mistoqsijiet. Qalilha li issa kienet mara ġdida, li kellha tagħmel kuraġġ u tkun kuntenta.

Imbagħad qajjimha minn bilqiegħda u għannaqha miegħu. Reġa' tennielha li kienet qisha t-tifla tiegħu u li tħassarha. Kieku kien ħaddieħor kienet żgura li kien jibgħatha l-qorti. X'ħin ħarġet Klara kienet qiegħda tibki u ferħana. Bdiet miexja fit-triq timsaħ id-dmugħ u titbissem. Li tidħak fin-Nord kienet rari u barra l-moda. Fl-aħħar bħal għarfet li kienet qed tagħmel żewġ ħwejjeġ kuntrarji u waqfet mill-biki. Fl-istess waqt it-tbissima marret ukoll u kompliet lejn id-dar b'wiċċ serju.

Għal ftit ġranet Klara 31487(N) kienet kemxejn kuntenta. Kellha ħsiebha ċar u ma kompliet tiftakar fl-eżodu li sar. Fil-fatt Klara kienet rat nofs storja meta tifla żgħira. Kienet rat biss in-nies ta' Malta jinqasmu u jmorru f'dik in-naħa fejn dehrilhom li setgħu jgħixu qrib l-ideali tagħhom, qrib l-istil ta' ħajja tagħhom, u l-aktar, l-aktar qrib xejn. Għax ħafna Maltin ma kinux jafu x'kienu Nord u Sud, x'kienu l-ideat, x'kienet id-differenza — iżda lil xi ħadd riedu jżommu bħala responsabbli għall-ideat li ma kellhomx, xi ħadd li jappoġġjaw bla ħsieb, bla raġuni, sempliċiment biex jissodisfaw il-bżonn ta' appoġġ serju u sħun.

Klara ma fehmitx dakinhar li taħt dik id-dehra ta' nies sejrin lejn is-Sud, u x'imkien ieħor serbut nies ġejjin lejn in-Nord, kien hemm profondità kbira ta' nuqqas ta' ideat. Ma fehmitx li taħt dawn id-dehriet kien hemm partikularità ta' poplu ċkejken imdawwar bil-baħar. Il-ftuħ enormi li kellha Malta madwarha, il-baħar, kien ħoloq fil-moħħ Malti libertà mentali li wasslet għal flessibilità fl-immaġinazzjoni u l-ideat. Poplu bħal dan ried xi ħadd, xi sistema, li jżommulu l-ideat. Dan kellu jkun xi ħadd li jżomm ideat fissi, ċari, ideat li huma tal-ħajja u jispjegaw direzzjoni waħda 'l fejn jimxi poplu sħiħ waqt li n-nies komuni jibqgħu f'beraħ ħieles mentali. U ħafna nies imxew lejn in-Nord u lejn is-Sud b'sens ta'

tiftixa u ta' ċans. Ħafna telqu minn darhom u biddlu naħiethom biex iħossu li għamlu xi ħaġa favur l-ideat eżatti tal-politika.

Klara 31487(N) ma fehmitx li t-tfal kienu ġew mifruda minn mal-ġenituri biex l-għażla tal-kbar ma taffettwax liż-żgħar. Klara 31487(N) me fehmitx li mill-gżira naqsu n-nies, dawk li kien għad kellhom xi livell ta' intelliġenza minima u għarfu li l-qsim ta' Malta sar għalxejn, għal argument politiku fuq livell 'il bogħod mill-ħajja normali, livell li żgur ma kellux jiġi qabel il-bżonnijiet normali umani. Kien hemm ħafna li sar u ma kienx magħruf. Kien hemm serq, tkissir u qtil, kollox b'sagrifiċċju għal dawk l-ideat fissi li żammew il-kbarat qalbiena għal poplu.

Meta x-xebba għaddiet ftit ġranet fil-kuntentizza ġdida tagħha, l-ideat ħżiena reġgħu bdew ġejjin. Mal-ewwel Klara saret frustrata, ma tafx fejn taqbad taħrab minn dan il-moħħ anormali. Kien għadu ma ġieha ebda ħsieb ċar fuq il-passat, iżda meta tersaq lejha t-tentazzjoni kienet tinduna. Se naħseb, kienet teqred lilha nnifisha, xi dwejjaq, xi dwejjaq, se naħseb. U erħilha tqum minn fejn tkun u tagħmel xi ħaġa oħra bi skuża, jew tgħaġġel aktar fil-mixi, jew tagħlaq għajnejha u tara d-dlam biex ma taħsibx.

Ftit ġranet f'din it-taqbida interna u Klara saret iddisprata. Bdiet tisma' l-vuċijiet fiha, ħafna kelliema jgħidu ideat differenti u bilmod xi ħadd beda jżellaq xi mistoqsija. Tistaqsix! Hekk kien qal is-segretarju psikjatriku. U Klara 31487(N) kienet kisret il-kmandamenti kollha. Bdiet tgħaġġel lejn id-dwejra li kellha. Meta daħlet infaqgħet tibki u tagħti fuq rasha. Bdiet twaħħal kollox f'moħħha u kważi seħtet it-twelid tagħha. Dik il-ġurnata x-xogħol kellha ħsiebha mitluf. U Klara issa verament bdiet tibża'. Bdiet tibża' li se tagħmel xi żball, se taqbżilha xi mistoqsija fuq ix-xogħol, imqar fil-ħin tal-mistrieħ. Bdiet tibza' li wiċċha se juri emozzjoni jew espressjoni żejda flok is-serjetà tas-soltu. Bdiet tibża' fuq kollox li l-ħafna ilħna u mistoqsijiet kienu ta' grupp nies fiha, u għalhekk kienet diġà kisret il-kmandament mill-ġdid: Kun indip-endenti u ħieles, tingħaqadx għal xi tip ta' appoġġ. Iżda l-biża' ġie tard wisq, moħħ Klara 31487(N) kien fittex l-appoġġ hu nnifsu billi ħoloq in-nies, u mar fil-passat ifittex il-ġenituri u l-ħbieb żgħar. Klara 31487(N) kienet qed tmur kontra l-liġi Nordika u ma setgħet tagħmel xejn dwar dan.

X'kien ġara? X'kien ġara fil-passat, u għalfejn kellha memorja ta' ħajja differenti? Kif jista' jkun li kien hemm ħajja differenti minn din? Forsi kienet tgħix x'imkien ieħor, x'imkien ħażin, u ġabuha hawn? Klara qatt ma setgħet tiftakar li xi darba ħaduha għal vjaġġ twil u kienet ċerta

li ma kinetx 'il bogħod minn fejn kienet tgħix meta kienet żgħira. Xi darba forsi jħalluha toħroġ mid-distrett u tmur tara d-dar l-antika. Qatt wara t-tfulija ma kienet ħarġet mill-ftit kilometri li kienet timxi fihom kuljum. Klara bdiet tħossha fgata f'din il-ħajja bla ċaqliq, bla ħsieb, bla tama u mimlija bil-possibiltà ta' dnub. B'reazzjoni bdiet tistaqsi aktar, tipprova tfittex xi spazju fejn setgħet taħseb bi ftit mistrieħ, tipprova ssib x'imkien fejn ma tagħmilx żbalji. Iżda l-biża' kiber. Il-qagħda ta' Klara 31487(N) bdiet issir nevrastenika u x-xebba rat l-egħluq li tefgħuha fih il-mistoqsijiet.

*Dan huwa t-tieni kap.*

"Qatt smajtuha l-parabbola tal-wirdiena?"

"Din hi l-parabbola tal-wirdiena. Kien hemm familja li dejjem kienet tagħmel festa għal skuża jew oħra. Kienet familja bla għaqal, u meta ma kienx ikun hemm għalfejn issir festa t-tfal u l-ġenituri tal-familja erħilhom jiżfnu bejniethom. Darba f'din id-dar daħlet wirdiena. Il-wirdien, minn twelidu, hu mgħallem jibża' mill-bniedem, u joqgħod attent mir-riġel. Iżda din il-wirdiena kienet indipendenti u individwali, jiġifieri taħseb għal rasha f'kull mument. Kienet elitista, jiġifieri taħseb li hi ogħla minn wirdien ieħor, li f'ċerti abbiltajiet għandha kapaċità akbar. U fuq kollox kienet wirdiena Nordika—ifhmuni. Li tkun Nordiku jfisser li jkollok ħafna dubji, ħafna ħsebijiet, li tkun temmen fl-iħirsa u l-ispirti, sakemm jiġi periklu veru u għax tbaħnant bi ħsieb żejjed ma tindunax bih. Tkun individwali wisq u beżżiegħi wisq. Trid tkun prattiku fil-ħajja, terħi l-ideali u t-teoriji, u tgħix skond il-bżonnijiet li jiġu kuljum.

"Insomma, din il-wirdiena daħlet u rat familja taqbeż u tidħak. U l-wirdiena ta' elitista li kienet qalet, 'Eh, dawn aħjar mill-komunità ta' wirdien li ngħix fiha. Ħa ngħix magħhom u nibrilla fiż-żfin, fid-daqs u fl-għerf.' Il-wirdiena stupida daħlet tiżfen. Bdiet tiġri 'l hemm u 'l hawn u tidħak. Bdiet iddur qalb ir-riġlejn umani u twerżaq ferħana. Fi ftit minuti kienet f'estażi, jiġifieri ferħ kbir. Taqbeż, togħla u tgħajjat bil-ferħ. Tinqaleb fuq daharha u tidħak bil-qalb waqt li xxejjer saqajha fl-arja. Sakemm, bħal sajjetta taqta' l-blat ħarġet l-għajta, 'Wirdiena, oqtluha!'

"Il-wirdiena li ma fehmet xejn kompliet tiġri u tifraħ u tara s-saqajn neżlin ħdejha. Kienet logħba sabiħa għaliha li jnizzlu saqajhom hekk viċin bla ma jolqtuha. U tgħajjat b'daħk bla rażan baqgħet tiżfen. Fl-aħħar, jaħasra, xi ħaġa x'imkien marret ħażin u riġel għaffeġ il-wirdiena Nordika. Il-ħajja hija iebsa, ma tistax tgħix fuq dak li taħseb li hu tajjeb,

iżda fuq dak li hu bżonn. Aħjar injorant u ħaj, milli għaref u ma tafx tgħix. Araw in-naħa l-oħra. Tafu kemm imutu nies kull minuta? Bil-mijiet, bil-mijiet. Jaħsbu li jafu x'inhu tajjeb u ħażin. F'din il-ħajja trid tgħix l-ewwel imbagħad tara fejn għamilt l-iżbalji — imma l-ewwel tgħix....."

Salvu kellu jistenna siegħa oħra jisma' kliem li għalih ma kien ifisser xejn. Salvu kien ġgant, raġel daqs wieħed u nofs, u kien imfaħħar min-nies ta' fuqu u anki minn xi tobba li jaħdmu viċin il-kumitat għas-saħħa fiżika li kellu u s-sempliċità li għex biha. Salvu nnifsu ma kienx jaf għalfejn qed jiġi studjat b'daqshekk reqqa, u għalfejn darba sejħulu 'L-ispeċi perfetta'. Kienet baqgħetlu din ta' l-Ispċi Prefett, kif kienu jsejħulu sħabu, u Salvu kien jieħu għalih. Dakinhar meta spiċċa d-diskors li kien għamlilhom wieħed mill-kaptani tal-militar Salvu baqa' jħares biex jara jekk iqumux biex joħorġu. Meta qamu l-bqija ta' l-għoxrin ruħ li kien hemm fil-kamra Salvu qam u kien se jaqbad it-triq lura lejn is-sala fejn kien joqgħod ma' ġuvintur u xebbiet ta' l-età tiegħu. Iżda wieħed mill-għassa ta' mal-bieb ta' l-iskola militari ħarislu bl-ikrah u żammu.

"Ma tafx li jridu jagħtuk ix-xogħol il-ġdid issa? Fejn sejjer? Idħol 'l hemm, ara, wara l-oħrajn."

Salvu ma kienx jaf li kellu xogħol ġdid. Mela għalhekk dak id-diskors ta' filgħodu. Għalfejn ħadd ma qallu li kellu xogħol ġdid? Dar u baqa' sejjer fejn kienu mexjin l-oħrajn.

Milli seta' jaqbad minn dik il-lingwa tqila li kienu jużaw in-nies imlaħħqin u l-kaptani militari, Salvu beda jifhem li kellu jaħdem viċin il-Ħajt. Immedjatament qabdu eċitament kbir waqt li kompla għaddej mill-ħafna uffiċċjaliżmu tas-sistema militari Sudista. Kellu jimla xi formoli, iwieġeb mistoqsijiet strambi u jagħmel eżami mediku. Wara dik il-ġurnata Salvu dejjem baqa' jiftakar kif filli kien qed jaħdem fid-dawl tal-bini, filli kien qed jaħdem fit-triq viċin il-Ħajt. Iżda l-moħħ sempliċi tiegħu ma ħallihx jiskanta ħafna u fi ftit ġranet Salvu qabad ir-rutina ta' xogħol iebes, iħaffer , u rqad f'sala ġdida. In-nies tas-sala kienu nies li jaħdmu miegħu u malajr drahom. Huma wkoll tgħallmu malajr li l-iġġant kien Salvu, L-Ispċi Prefett tal-gvern.

Salvu kien it-tip ta' bniedem li joqgħod fejn tqiegħdu. Ma kienx jipprotesta malajr u ma kien jaħseb xejn. Iżda fl-istess ħin kellu problema waħda li setgħet iġġibu fl-inkwiet: Salvu kien ġentili. Veru li l-gvern Sudista kellu bżonn ġganti li jobdu biex jilħaq l-ideal tiegħu, iżda dan l-iġġant kien falla b'mod naturali minħabba l-ġentilezza li twieled biha. Kien tajjeb li dawk ta' madwar Salvu, u dawk ta' fuqu, kienu rrappurtawh

bħala bniedem "b'kontroll kbir fuq is-saħħa tiegħu" minflok għarfu li Salvu kellu qalb daqs naqra. Min-naħa tiegħu, Salvu kellu eżattament biżżejjed għerf biex jifhem, waqt li kiber, li l-gvern tiegħu ried bniedem b'apparenza goffa u vjolenti. Fit-taħriġ militari kien tgħallem igħajjat, jirrabja u jattakka l-arja. U ġieli qegħdulu quddiemu xi nies u b'mod repetittiv reġa' għajjat u sabbat quddiemhom, jikxef snienu u kollox. Ovvjament Salvu ma kienx jaf x'ifissru dawn il-mutetti. Kien jagħmilhom għax mgħallem, iżda ġewwa baqa' Salvu l-ġentili. L-apparenza ta' bniedem vjolenti kien fehma bħala parti mill-ħajja, xi ħaġa li ma tistax tgħix mingħajrha, iżda bi żball qatt ma ħallatha ma' emozzjoni u qatt ma fehem li l-vjolenza toħroġ minn ġewwa.

F'qagħda bħal din wieħed jista' jifhem li Salvu kien eżempju illużorju fis-Sud. Meta mar jaħdem ħdejn il-Ħajt innota kif ħafna nies ma jafx min huma kienu jiġu jħarsu lejh, jitbissmu u jgħaddu l-kummenti bejniethom. Is-saħħa tremenda tal-bniedem Sudista kienet ġabet xi tobba josservaw kif jimxi fuq ix-xogħol bniedem goff. Iżda Salvu kompla jaħdem, jagħti ftit kas tan-nies. Ġieli kien jieqaf mix-xogħol tiegħu biex jagħti daqqa t'id lil ta' madwaru, speċjalment lil Toni, bniedem ta' persuna żgħira ħafna u ta' saħħa dgħajfa. Fi ftit żmien dawk li kienu jaħdmu ma' Salvu kienu nġibdu lejh u erħilhom jaħdmu kemm setgħu viċin tiegħu.

L-ewwel xahar fix-xogħol ġdid għadda bil-kwiet. Salvu kien iqum kmieni; jitkellem ftit man-nies fis-sala tiegħu, għalkemm huma għal xi raġuni jew oħra ma kinux iħobbu jparlaw fit-tul anki jekk kienu jħobbuh; jiekol biċċa ħobż li kienu jagħtuhom filgħodu; joħroġ għat-taħriġ u l-lezzjonijiet militari; imur għax-xogħol; u jerġa' lura filgħaxija biex jiekol xi ħaġa żgħira u jorqod. Kulħadd kien jagħmel l-istess ħlief il-militar armat, li kellhom ħajja oħra. Salvu ġieli kien imur jarahom meta jagħtuhom xi nofs siegħa mistrieħ 'l hemm u 'l hawn matul ġimgħa xogħol. Kien imur jara l-militar mhux waħdu imma għax joħduhom bħala grupp biex jaraw l-effiċjenza militari. L-għan ta' dawn il-mawriet kien fil-fatt li tbeżża' xi ftit lil min forsi ma kienx daqshekk ċert mis-saħħa tal-gvern, imma Salvu ħadha bħala mistrieħ u kien jieħu pjaċir jara kemm kienu eżatti s-suldati meta jduru, jieqfu, jimxu u jiġru. Kien ċert li hu qatt ma kien se jkollu post f'dik l-eżattezza u l-preċiżjoni.

Wara li għaddew xi sitt ġimgħat Salvu kien fl-aqwa tiegħu. Ix-xogħol u s-sempliċità tiegħu tawh forma muskulata u kuntentizza li għaġġbet anki lil ta' fuqu. Mela kien possibbli li tkun kuntent fis-Sud, għallinqas jekk tkun injorant biżżejjed biex ma tifhemx kif qiegħed tgħix. Iżda mhux

kulħadd kien ġentili u sempliċi daqs Salvu lejn il-ħajja. Toni kien beda jmur lura sew f'saħħtu. Il-ħajja magħluqa ta' kuljum, u x-xogħol iebes, kienu għamlulu ħsara kbira. Għalkemm kien jipprova juri li għadu f'saħħtu u li hu kuntent, fl-aħħar ma felaħx aktar, waqa' fuq l-art li kien qed jaħdem u nfaqa' jibki, mirbuħ. Kulħadd madwar kien jaf li dan kien sinjal ħażin ħafna, barra Salvu. Salvu telaq l-għodda minn idejh u mar ħdejn Toni jibki. Bilmod tah daqqa fuq spalltu biex iqum bilwieqfa u jkompli jaħdem. Iżda Toni ma qamx u Salvu ma setax jifhem għalfejn baqa' jibki, għalfejn kien għeja. Għax Salvu, ta' ġgant li kien, ma kienx jifhem l-għeja u d-dwejjaq ta' ħaddieħor u kien jaħseb, meta jgħin lil xi ħadd, li kien sab xi biċċa art iebsa biex iħaffer, art li riedet tnejn min-nies. Għalih Toni kien l-aktar bniedem sfortunat fil-grupp għax dejjem sab il-blat. Lanqas biss kienet tidħol fil-moħħ pwerili ta' Salvu li meta jmur igħin lil Toni l-art kien isibha ratba, jew iebsa, daqs tiegħu.

Salvu kompla jagħti daqqiet żgħar fuq Toni, u Toni, għadu jibki, qallu jħallih waħdu u jmur ikompli jaħdem. Salvu ma kienx jaf x'jaqbad iħoss u staqsieh għalfejn kien qed jagħmel hekk, għalfejn ma jqumx u jaħdem. Hawn Toni nfaqa' jwerżaq u jgħajjat. Salvu ħares madwaru u ra 'l kulħadd għadu jaħdem bla kas. Ma beda jifhem xejn sakemm ġew xi nies ma' erbgħa mill-militar armat, ressqu lil Salvu min-nofs u refgħu lil Toni biex ħaduh. Salvu mar ikompli, moħħu mistrieħ li dak il lejl jara lil Toni fis-sala u jkellmu sew.

Toni ma reġax lejn is-sala, la dak il-lejl u la qatt. U meta s-sempliċità ta' moħħ Salvu laħħqet mal-fatt li Toni sparixxa l-iġgant ħass in-nuqqas ta' sieħbu. Salvu ma kienx jaf għalfejn kellu ħsiebu fuq Toni, għalfejn kien inġibed lejh mal-ewwel u għalfejn kulħadd kien jibża' jitkellem dwaru. Aktar ma għaddew ġranet aktar beda jiftakar fih u ġieli, f'moħħu, kienet toħroġ il-kelma 'Miskin!' Imma għalfejn miskin? Toni, forsi kien qiegħed l-isptar. Jew forsi bagħtuh f'xi sala oħra biex ma jistħix. Salvu pprova kemm-il darba jaħseb li Toni kien qiegħed x'imkien ieħor jaħdem għal qalbu, iżda anki waqt dawn il-ħsebijiet kien beda jaqbdu d-dwejjaq. Dwejjaq li ma setax jifhem minn fejn kienu ġejjin. Beda jaħseb fuq ix-xogħol, fuq il-gvern, u, bejnietna, fuq il-Ħajt. Wara kien jirrabja miegħu nnifsu talli ħallat dawn il-ħsebijiet ma' Toni. Iżda l-ħsebijiet ma waqfux, għalkemm qatt ma kienu ċari fl-intelliġenza minima ta' Salvu. U Salvu kompla jiddejjaq ma jafx għalfejn.

Darba meta Salvu mar is-sala ma kielx u baqa' sejjer biex jorqod. Għajnejn l-ispija tas-sala ġrew mal-ewwel lejh. Kulħadd kien jaf li fis-

Sud f'kull sala kien hemm spija, u ġeneralment kull sala kienet tkun taf min hu jew hi. Kien hemm sempliċiment bħala informatur magħruf li jgħid lil ta' fuqu bi ħwejjeġ mhux tas-soltu. Salvu ma tax kasu għax ħass li ma kien qed jagħmel xejn ħażin. Veru li qatt qabel ma ħass li ma kellux jiekol, iżda llum ma kellux aptit. Intefa' fuq is-sodda u qagħad jaħseb wiċċu 'l fuq. L-ewwel ħsieb li ġieh kien dwar il-Ħajt. Qatt ma kien rah għax qatt ma ħares lejh. U qabel ma telaq Toni Salvu ftakar kif qatt ma kien jaħseb fuqu. Il-Ħajt kien ħajt u daqshekk. Illum il-ħajt beda jagħtih ġewwa. Kif igħidu kien aħmar u għoli, u n-naħa l-oħra kien hemm nies ħżiena u gvern kattiv.

Beda jipprova jimmaġina kif ikun gvern kattiv. Forsi kien gvern li ma jagħtikx tiekol għal li taħdem; jew gvern li taħtu ma stajtx tgħajjat u tkun goff; jew gvern veru kiesaħ li ma jħallikx taħseb għal nofs siegħa fuq xi proġett favur il-gvern Sudista — Salvu fil-fatt kien ħalla l-proġett tiegħu f'idejn sħabu tas-sala u l-ispija kien aċċetta dil-biċċa wara li ra l-ewwel attentati ta' Salvu biex jaħseb. Hekk kienu jgħidu: kienu jgħidu li fin-Nord tant imutu nies li l-gvern kien iġib il-barranin biex jerġa' jkabbar it-tfal. Kienu jgħidu li fin-Nord jekk ma tkunx taf tikteb u taqra jittorturawk. Kienu jgħidu wkoll li fin-Nord kulħadd kien skjav tal-kbarat, li kull persuna setgħet titħaddem għal lejl u nhar bla waqfien, sakemm tispiċċa. Salvu beda jiskanta bid-dwejjaq kbar li issa ġew fuqu. Ma kellux għalfejn, qal f'qalbu, ma kellux għalfejn jinkwieta la hu kien fis-Sud. Mimdud kif kien ħassu mnikket mill-ġdid għax ma setax jaqbad minn fejn kienu ġejjin dawn il-mumenti ta' dipressjoni. Moħħu tkemmex u għal sekonda Salvu ġieh il-ħsieb ħażin li li kieku kellu moħħ, forsi seta' jifhem x'kien qed jiġrilu f'qalbu. Fl-istess sekonda eżatt l-ispija resaq bil-platt ta' l-ikel lejh u qagħad bilqiegħda fuq is-sodda, iħares u jitbissem waqt li jiekol.

"Mingħajr aptit, Salv? Mhux soltu wara ġurnata ta' xogħol tajjeb."

"Veru."

"Allura, Salv? Ġralek xi ħaġa?"

"Ma nafx sew xi ġrali, inħossni ftit imdejjaq."

"Imdejjaq, ngħid jien, biex?"

"Jien naf! Dak id-dwejjaq tiegħi, ma nafx minfejn ġej id-... Le, le. Qed inħawwad. U jien naf."

"Imma inti forsi qgħadt taħseb ħafna?"

"Iva, ħsibt ftit."

"Ħeqq, ħeqq - ma tafx x'jiġrilu min jaħseb? Ma tiftakarhiex il-

wirdiena, Salv?"

"Iva, imma ma kont fhimt xejn ta."

"Dak hu sinjal tajjeb, sinjal li jurik li jekk taħseb m'int se tifhem xejn. Għidli naqra, Salv, xi ħsibt?"

"Lanqas naf eżatt. Qisu għandi ħafna ideat ma nafx x'inhuma. Issa kont qed ngħid, kemm huma msieken fin-Nord, u anqas biss naf kif ġejt li naħseb hekk. Dawk, Spir, għalfejn ma jiġux hawn?"

"Mela n-nies hemm se jħalluhom? Hemm hemm marda, Salv, marda kerha. Il-marda tas-sewwa."

Salvu kemmex waħda moħħu u l-espressjoni ta' injoranza li ħarġet kienet iddaħħak. Baqa' bħal tifel jistenna storja fuq marda, iżda l-ispija nsista li qabel jibda jmur iġiblu platt ikel tajjeb. Salvu l-aptit ġieh f'salt u d-dwejjaq taffewlu xi ftit meta qabad il-platt f'idejh tela' bilqiegħda fuq l-imħadda u beda jisma'. Tassew li probabbilment kien se jifhem nofs storja jew inqas, iżda seta jħawwad u jgerfex f'moħħu fejn ma jifhemx, u jgħaqqad storja sħiħa. Jagħmel, qal Salvu, bħalma jagħmel meta jkollu nofs ħolma u jkun iridha sħiħa l-għada — iżid u jgħaqqad trufiet kif jogħġob lilu.

"Salvu, in-nies fin-Nord darba kienu nies bħalna, igħixu normali. Kienu nies komuni, f'saħħithom u jagħmlu daqqa ħażin u oħra tajjeb. Kienu jħobbu jaħdmu, iħobbu ħajja iebsa u sewwa, iħobbu jieklu. Konna flimkien, Salv, ifhimni."

Salvu hawn ma setax jifhem li l-ispija ried igħidlu li ma kienx hemm ħajt, u immaġina b'għajnejh jixegħlu ħafna nies jagħmlu festa kbira, kbira fejn jieklu u jaħdmu u jilagħbu flimkien qishom tfal. Ra gruppi ta' nies xjuħ jiġru b'idejhom f'ta' xulxin, u jidħku. Ra tfal telgħin is-siġar u oħrajn jitbissmu u jgħajtulhom minn isfel; ommijiet jitħaddtu u jsajru fil-beraħ ta' l-egħlieqi. Imma l-ispija kompla.

"U kollox kien imur sew. Ħadd ma kien igħid: 'Ara dak, dak qed jagħmel ħażin!' Allura ħadd ma kien jibża' minn ħadd, u meta jsir xi żball kien jinħafer u jintesa f'ħakka t'għajn. F'din il-ħajja l-ommijiet kienu jħallu lit-tfal jitilgħu weħidhom, jitgħallmu mill-ħajja. It-tfal kienu dejjem fi gruppi, igħallmu 'l xulxin bl-iżbalji tagħhom stess, sakemm isiru kbar u jibqgħu jirrispettaw lil xulxin bħala għalliema ta' xulxin. Naturalment f'ħajja bħal din ħadd ma kien igħid 'Din tiegħi! Ħalliha!' Kollox kien ta' kulħadd u min ried martell kien isibu, min ried l-ikel kien isibu, min ried tfal kien isibhom. Ħajja sabiħa u tajba.

"Imma ġurnata minnhom ġrat ħaġa ta' mistħija. In-nies Maltin

indunaw li kien hemm konfoffa. Kien hemm grupp ta' nies li dehrilhom li dan il-ħelsien, din il-ħajja bla nkwiet, kienet perikoluża. Salv, trid tifhem li hawn nies jitwieldu hekk, moħħhom biss fil-liġi, fl-organizazzjoni, f'dak li huma jsejħu s-sewwa. U din, Salv, hija marda li titwieled biha u li tittieħed. Mingħalik tkun trid is-sewwa, imbagħad tgħakkes lin-nies, timliehom ħsieb u nkwiet, u ma tħallihomx jagħmlu pass mingħajr ma jimlew il-karti, jistudjaw u jsiru qishom f'tellieqa ta' min jiġi l-ewwel. Ħafna jitilfu fit-tellieqa biex jingħażlu wieħed jew tnejn. Is-sewwa!"

Salvu issa żgur li ma beda jifhem xejn, u lanqas biss kellu biżżejjed trufiet biex igħaqqad storja. Abbanduna l-attentat u minflok ħsiebu mar fuq nies jimlew il-karti. Kienet laqtitu din li fin-Nord joqogħdu jimlew il-karti, jew kienu n-nies tal-konfoffa biss? Min jaf. Salvu ftakar biss li anki hu biex bidel il-post tax-xogħol għamel ġurnata jara karti jiġru quddiemu u kellu jimla x'uħud minnhom. Servietu li kien jaf ifekren xi kelma fuq karta. L-ispija, min-naħa l-oħra kien daħal f'entużjażmu qawwi u kultant, waqt li jirrakkonta xi biċċa nteressanti, kien ibexxaq għajnejh biex jiftakar il-fantasija.

"Il-ħdura, il-kattiverija kbira li dehret meta dawn bdew iħabbru li l-iżbalji m'għandhomx jibqgħu sejrin kienet immensa. Ħolqu qrati, ħolqu skejjel apposta, ħolqu Alla ħallieq biex ibeżżgħu. Iżda meta raw li ħafna ma ridux imorru magħhom, f'dik il-ħajja fejn biex tagħmel pass trid tgħaddi minn elf uffiċċju, u jiċċekkjawk għal kollox, u ġieli jgħidulek li għamilt żball xorta, imbagħad telqu għalihom u bnew infern fuq il-marda tas-sewwa. F'dak li huma semmew Ħażin aħna sibna għajxien aħjar mis-sewwa tagħhom. Mhux li tgħix hu l-akbar sewwa?

"Iżda n-nies l-oħrajn, dawk li baqgħu fil-ħajja sempliċi fejn kulħadd hu l-istess, dawk kienu bla ħsieb. Baqgħu sempliċi jippruvaw igħixu kuntenti sakemm in-Nordiċi, tal-konfoffa, bdew jindaħlulhom u jipprotestaw li kienu slavaġ, primittivi u perikolużi. Bdew jibgħatulhom ordnijiet u liġijiet biex iħarsuhom. Qalu li riedu jgħallmuhom, itellgħuhom minn ħajja ħażina. Sakemm! Sakemm in-nies ħielsa ddefendew ruħhom bl-unika arma li kellhom: il-vjolenza.

"Il-vjolenza hija mbierka - skuża l-kelma 'mbierka'. Il-vjolenza hija l-għażla li għamlu l-ewwel nies Sudisti mill-elementi naturali. Hija l-vjolenza li żammitna ħajjin kontra l-moħħ ta' nies morda bis-sewwa. Min jaf x'inhu sewwa, ejja ngħixu naturali, bla toqol, bla tgerfix li jivvinta l-bniedem u jsejjaħlu 'sewwa'. Min għex sewwa? Min studja, min gerfex

moħħu u qatel lilu nnifsu b'idejh - kif għamlu ħafna għorrief? Aħna, Salv, aħna moħħ żgħir wisq għal din il-ħajja. U moħħna, jekk nerħulu, jaħseb li jista' jifhem. Imbagħad nagħġnu s-sempliċità ta' ħajja wiesgħa f'ordni li joħloq moħħna, ordni li hija fissa u fonda, waqt li l-ħajja hija mċaqilqa u wiesgħa. Il-ħajja hija rqiqa, Salv, m'hemmx fond biex taħseb, hemm ċans li tgħix. Tagħna hija ġlieda bejn vjolenza naturali u intelliġenza marida, dgħajfa."

Waqt li l-ispija daħal f'din il-filosofija spontanja, Salvu tbiegħed aktar u aktar minn xi tama li jifhem. Qabad kelma 'l hemm u 'l hawn li t-tifsira tagħha kien jafha, imma meta ġie biex igħaqqad xi sens il-messaġġ kien dejjem jaħrablu. Allura qagħad iħares bi dwejjaq ġodda lejn l-ispija. Iżda mbagħad, meta l-kelliem wasal għalbiex semma moħħ u mhux moħħ u vjolenza, Salvu wiċċu xegħel u b'misinterpretazzjoni kompleta ħaseb li l-ispija kien favur il-moħħ. Dak li m'għandix, tenna Salvu f'qalbu, m'għandix moħħ. Għalhekk, kompla jiżbalja, ma nista' nifhem xejn dwar dan id-dwejjaq u dwar il-wirdiena.

Il-problema vera ta' Salvu kienet li ma kienx jibża'. Ma kienx beża' minn ħajja iebsa, minn gvern, minn sħabu, minnu nnifsu. It-tajjeb kien li ma' dan in-nuqqas ta' biża' kien hemm sempliċità kbira li tħalli kollox mistur, anki minn Salvu stess. Min-naħa l-oħra l-gvern innifsu fis-Sud kien jippriedka kuraġġ u qlubija, imma dawn kienu mwielda f'Salvu mhux mgħallma. Kien jara l-ħajja madwaru aċċettabbli għax qatt ma ħass xejn jaħkmu, qatt ma kellu x'jinkwieta l-moħħ prattiku tiegħu, għax kien imwieled Sudista. Iżda l-estrem hu dejjem diffiċli biex jitgħatta, u Salvu ta' Sudista estrem li kien beda jxellifha xi ftit ma' l-ideali tal-gvern tiegħu. Bin-natural tiegħu kien mar wisq lejn in-naħa t-tajba.

*Dan huwa t-tielet kap.*

Klara 31487(N) kienet fil-kċina żgħira tagħha meta bdiet tixtieq li ma kinetx taf taħseb. Dakinhar rat qattus imut għax baqa' miexi meta daqqet is-serena, u ammirat l-indifferenza totali tiegħu. Imma kif, annimal b'inqas intelliġenza u jieħu l-ħajja b'daqshekk kalma? Kif, annimal u jaf igħix aktar minnha? Klara waqfet mill-ħasil li kellha f'idha, ħalliet il-platt jegħreq fl-ilma u ħarset barra t-tieqa. Imma issa mejjet. Ah! Imma x'ħajja għex, bla ħsieb, bla rispett lejn il-liġi. Għex ħajja tiegħu. Klara bdiet titbissem waqt li ħasbet li l-gvern Nordiku qatt ma mexxielu jfiehem lill-annimali l-indafa u l-organizazzjoni tat-toroq u tan-nofs pajjiż sħiħ. Imma t-tbissima reġgħet għabet. Hi kienet parti intelliġenti min-Nord, u

kellha bilfors tobdi u tgħix fil-ħajja riġida t'hemm. Klara dak il-ħin kienet tagħti kollox biex issir kelb jew qattus. Kieku kienet tmur quddiem l-ewwel pulizija u tħammeġ quddiemu. Imbagħad tiġri sakemm jilħquha u joqtluha. Kienet tmut mingħajr uġigħ, mingħajr inkwiet. U kienet tkun ħajja qasira u komda.

Meta lestiet mill-kċina marret barra. Bdiet miexja ma tafx fejn sejra. Id-distrett tagħha kien żgħir u ma kellu xejn ħlief djar u skola u uffiċini, iżda kellha bżonn mixja. Fi ftit minuti kienet daret dawra mad-distrett, għaddiet minn ħdejn il-post tax-xogħol u l-iskola. Ippruvat, kieku, tagħmel passi żgħar biex ma tasalx lura malajr. X'ħin daħlet id-dar Klara kienet għadha mhix kuntenta. Imxiet tul id-dar u lura, u reġgħet, reġgħet, sakemm lanqas biss baqgħet konxja tal-mixi.

Il-ħsieb ta' Klara 31487(N), waqt dan l-eżerċizzju oriġinali, reġa' mar lura. Ftakret f'passiġġata, fi tfal jilagħbu, u fil-wiċċ inkwetat ta' ommha u missierha. Imma possibbli li l-ġenituri tagħha kienu jafu x'se jiġri u m'għamlu xejn? Għalfejn ħallew li hi tmur titgħallem mingħajrhom, li l-postijiet sbieħ bħall-bandli jispiċċaw, li jkun hemm dawn it-toroq dritti u ndaf? Fejn kienet dik il-ħajja tagħha ta' darba? Klara bdiet tgħaġġel iktar fil-mixi u tgiddem difrejha. Għaddiet sparata minn kamra għal oħra, tħares lejn l-art u taf li qed tagħmel ħażin. Qatt ma kien jirnexxilha tifhem għalfejn jew kif qed tagħmel ħażin, iżda kienet tħoss l-istonku ma' ċerti ħsebijiet, u kienet tisma' ħafna ilħna jgħidulha x'tagħmel u le, u b'hekk kienet taf li l-ħsieb kien imur kontra l-liġi.

Klara kienet tibża' u kien il-biża' tagħha aktar minn diżubbidjenza li ġegħilha tikser il-liġi Nordika. Min-naħa l-oħra kienet ħaġa impossibbli tifhem eżattament fejn tinkiser liġi trasparenti, jew liġi flessibbli li hija applikata b'mod differenti għal kull individwu. Forsi wieħed jittanta jgħid li fin-Nord, fit-tletinijiet, Klara kellha toqgħod aktar attenta lejha nnifisha u l-intenzjoni tagħha milli lejn x'kien liġi u x'ma kienx. Fl-istess waqt, kif seta' wieħed joqgħod attent għalih innifsu mingħajr mudell, ordni jew liġi ċara ma' xiex jikkompara? Forsi l-aħjar ħaġa kienet li ma taħsibx b'mod ċar u ordinat anki f'nofs pajjiż fejn il-livell ta' ordni pubblika kien affaxxinanti. Iżda Klara kienet minnha organizzata. Kienet tħobb tara l-affarijiet f'ordni preċiża fis-sens li tifhem ta' l-inqas x'inhu passat, preżent u futur; u fl-istess ħin il-moħħ intelliġenti tagħha talab ċerta libertà.

Għalkemm Klara kellha l-ingredjenti ta' Nordika, dawn kienu mħalltin b'mod ħażin. L-oriġinalità ta' Klara ġiet f'forma ta' attività

żejda fil-preżent, imqanqla kollha mill-biża' li hi mhix tifhem fejn qed tgħix, u s-sens ta' ordni ġie f'forma ta' mistoqsijiet żejda fuq il-passat, imqanqla wkoll mill-biża' li Klara kellha minn ħajja bla tifsira. X'aktarx li l-gvern Nordiku aktar ried oriġinalità dwar il-passat, u ordni fil-preżent.

Wara sensiela ta' ħsebijiet ħżiena Klara qabadha biża' kbir u ħsiebha mar fuq is-segretarju psikjatriku. Min jaf kieku kellu jkun jaf x'kien jagħmlilha. Veru li kien iħobbha, u jqisha ta' bintu, iżda l-paċenzja tiegħu? Klara issa fehmet il-gravità tal-ħażin li kienet għamlet u reġgħet ftakret fi kliemu, "Klara 31487(N), ruħi, taf li ksirt il-kmandamenti kollha?" Marret tiġri lejn is-sufan tal-kamra ta' ġewwa u ntefgħet fuqu mwerwra. Fl-aljenazzjoni ta' ftit qabel anqas indunat li reġgħet tilfet kull kontroll minn fuqha, u issa f'salt irrealizzat li kienet reġgħet ħasbet kollox. Il-ħarsa tagħha saret bħal ta' tifla lesta għal xebgħa u għal nofs siegħa sħiħa baqgħet fuq is-sufan, tibża' tiċċaqlaq jew taħseb. Beda jniggiżha l-ħsieb, iżda, li kellha terġa' tmur - jew inkella dnub mejjet. Kellha terġa' tmur! Kif jista' jkun, anqas biss għaddiet ġimgħa? Imma kellha terġa' tmur għax allaħares isir jaf x'ħasbet mingħajr ma tgħidlu hi. Klara 31487(N) qabdet tibki.

Imbagħad ċempel il-bieb u l-bniedma żgħira ta' fuq is-sufan waqfet f'silenzju mriegħed. Xaqq l-għaraq għal Klara u kienet ċerta li ndunaw b'kollox. Messha ma marritx timxi mad-distrett, spara l-ħsieb f'moħħha, min qatt sema' b'nies jimxu għalxejn fit-triq?

X'ħin Klara 31487(N) marret tiftaħ il-bieb kienet tixbah ħafna lil ċarruta. Hi kienet minnha rqiqa u ċkejkna iżda episodju bħal dan, li jċempel il-bieb waqt li tkun qed taħseb, kien biżżejjed biex jeqridha għalkollox, iħollha 'l barra mill-eżistenza b'biża' jikwi. X'ħin fetħet il-bieb id-dehra tas-segretarju psikjatriku ma' raġel ieħor ma kinetx eżattament il-mediċina li kellha bżonn u waqgħet ma' l-art storduta. Li ġara wara m'għarfitx sakemm bilmod reġgħet rat kollox ġej f'postu, u sabet li kienet mill-ġdid fuq is-sufan bis-segretarju psikjatriku jtaptap fuq rasha. It-tbissima li taha u l-ħarsa serja tar-raġel l-ieħor kienu biżżejjed biex jerġgħu jħawduha 'l hinn minn sensiha. Iżda żammet, u b'qalb mitfija ħarset lejhom tistenna.

"Mhux soltu jilqgħuni n-nies billi jaqgħu fl-art," qal ir-raġel li ma kinetx taf min hu.

"Din Klara 31487(N). Miskina, forsi ma tiflaħx." Is-segretarju psikjatriku daħak u kompla jtaptap fuq rasha. Hi ma qalet xejn u baqgħet tħares issa lejn wieħed, imbagħad lejn l-ieħor. Bil-lajma d-demm reġa'

ġie sew f'rasha u l-istordament inbidel f'attenzjoni suspettuża.

"Allura se tgħidilha?" Iva, issa kienet żgura li se jagħtuha aħbar ħażina. Tortura? Mewt? Is-Sud? Min jaf. Bla ma riedet Klara kellha idha tiggranfa mal-ġakketta li kellu fuqu s-segretarju psikjatriku. B'dan kien jaf iżda ma riedx igħidilha mal-ewwel. Kompla jidħak minn taħt u resaq aktar lejha fuq is-sufan, waqt li hi ggranfat aktar fil-ġakketta tiegħu stess b'sens ta' protezzjoni minn għadu li ma setgħetx tifhem x'inhu. Imbagħad is-segretarju psikjatriku qabad il-ponn li kellha maqbud fi ħwejġu u b'ġentilezza fetħilha subgħajha wieħed, wieħed. Għalkemm għarfet mal-ewwel bl-iżball redikolu li għamlet, kompla jiftħilha s-swaba' ta' l-id bla saħħa, itawwal il-mistħija u d-dardir tagħha. Wara reġa' tbissem u ħallieha.

"Klara 31487(N), ħi, ikkalma. M'hawn xejn tal-biża'. M'hemmx dnubiet hux hekk?" Klara ħasset qalbha waqfet. Ħarset lejh b'espressjoni tant għajjiena u vojta li tat l-impressjoni ta' dixxiplina u ubbidjenza. Ma felħitx aktar dwar dnubiet u dan l-isturdament ġdid idur madwarha bdiet iċċedilu.

"Klara 31487(N) dan is-sinjur hu s-sid ta' ħafna fabbriki u bini. Għidtlu biex isiblek xogħol x'imkien f'tiegħu u tistrieħ ftit. Xi tgħid, ruħi? Ħa tibda għada, għax fetaħ xi uffiċini ġodda u m'għandux biżżejjed nies. Oqgħod bil-għaqal għandu ħi, għax, iva jkolli nieħu ħsiebek jien. Erfa' l-affarijiet essenzjali issa stess, u ġejja karozza għalik minn hawn u siegħa oħra. Fil-karozza jkun hemm nies oħrajn li se jaħdmu fil-post. Tkellimhomx, ħi.

"Il-post hu sabiħ u nadif. Int għandek kamra għalik fejn taħdem u tgħix. Mhux tajjeb, Klara 31487(N), anqas biss ikollok timxi għax-xogħol? Kumdità perfetta. Fil-kamra se jkollok sodda, kċina u desk fejn taħdem.

"Issa, Klara 31487(N), lestilna ftit tè ħa mmorru, isa!"

Klara qamet ma tafx kif u marret tagħmel żewġ kikkri tè. Fi ftit minuti reġgħet lura u tathom il-kikkri flimkien ma' zokkor fi plattina. Bilmod is-segretarju psikjatriku u l-ieħor xorbu t-tè u qagħdu jħarsu lejn il-kamra vojta. Klara taha li tinfaqa' tibki x'ħin tħalltu fiha l-fatt li se titlef id-dar, u d-dehra stramba ta' żewġ irġiel iħarsu, jixorbu, bla ma jitkellmu. Iżda għafset xufftejha flimkien biex taħbi l-biki, u tellgħet xagħarha lura b'idha waqt li f'ħatfa mesħet dmejgħa li ħarbet.

Imbagħad qamu bla kliem u telqu, u Klara 31487(N) irrealizzat li. sakemm damu f'darha ma kinetx qalet kelma. Kif għalqu l-bieb

warajhom marret tiġri tiġbor il-ħwejjeġ, tibki u tgħid lilha nnifisha li, "Ħaqqni. Żgur indunaw. Se jkeċċuni fis-Sud."

*Dan huwa r-raba' kap.*

Fl-ewwel ġimagħtejn fix-xogħol il-ġdid Klara 31487(N) kienet fehmet bejn wieħed u ieħor forma ta' rutina. Il-ġurnata kienet sempliċi ħafna: skola, ikel, u xogħol sakemm isir ħin l-irqad. Xogħol tedjanti ta' listi ta' affarijiet u nies. Imbagħad kien hemm l-Erbgħa u l-Ġimgħa meta n-nies kollha ta' l-istess bini kienu joħorġu mixja, bilfors. Ma kinetx mixja twila, xi nofs siegħa kollox. Barra minn hekk, id-distrett kien joffri biss mixja ta' xi għaxar minuti, iżda l-imlaħħqin ta' l-uffiċini kienu jħallu l-grupp jistrieħ fit-toroq għal nofs siegħa biex jiżguraw li l-moħħ jerġa' jkun frisk għax-xogħol. Ħadd ma kien joqgħod ħdejn ħadd u kulħadd kien jieħu trejqa għalih, biex in-nies ta' l-uffiċini kienu jaraw lil xulxin, isellmu bil-ħatfa u jibqgħu sejrin. Kienet tħossha redikola Klara meta tara xi ħadd jaħdem fl-istess bini u ssellem donnu xi ħabib jew ħabiba antika. U kienet tħossu artifiċjali dan is-silenzju stramb bejnha u bejn nies li taf.

Iżda l-aktar ħaġa li impressjonat lil Klara fix-xogħol il-ġdid kien il-fatt li kienet qiegħda viċin il-Ħajt. Dejjem kienet semgħet dwaru, dejjem għallmuha fuqu, u kienet taf bl-amment x'kulur kien, x'daqs u x'saħħa kellu. Ma seta' jiġi mwaqqa' b'xejn. Ħadd ma seta' jaqbżu. U fuq kollox, kien ksur ta' kmandament li tħares lejh.

L-ewwel ġurnata fid-distrett kienu fehmuha lil Klara f'lezzjoni tad-demokrazija li l-Ħajt kien dik in-naħa fejn jieqaf il-bini. Kien hemm marki fl-art li juruk safejn tista' timxi fid-direzzjoni tal-Ħajt, imbagħad qalu li kien hemm il-pulizija li allaħares jarawk tgħolli ħarstek lejh, imbagħad il-Ħajt u wara dik l-art primittiva u selvaġġa tas-Sud. Klara qatt ma resqet lejn il-marki fl-art — dan kien biżżejjed biex iqajjem suspett. U meta mxiet f'dawk it-toroq li jagħtu għall-Ħajt kienet ċerta li rasha baqgħet baxxa lejn l-art, anki jekk ġieli baqgħet dieħla f'xi nies.

Meta Klara 31487(N) kienet timxi fit-toroq ħsiebha kien imur fuq il-fatt li ftit mijiet ta' metri bogħod kien hemm art oħra. Klara qatt ma kienet tista' tinsa l-lezzjonijiet tal-biża' li kellha fl-iskola l-ġdida, wara li telqu l-ġenituri. Kien ikollhom lezzjoni kuljum fuq is-Sud, bir-ritratti u l-film u kollox. Kienu juruhom fuq mappa fejn qiegħed il-Ħajt, u fejn igħixu s-Sudisti. Kienu jgħidulhom bil-periklu li raw in-Nordiċi biex ġibdu dawk ir-ritratti. U Klara kienet tintilef fl-immaġinazzjoni meta tara stampi kbar ta' nies slavaġ, nofshom lebsin u jiġġieldu. Kienet tibża' u tieħu r-ruħ li

qiegħda fin-Nord meta tara nies mostri jieklu laħam mhux imsajjar, jew joqtlu 'l xulxin. Baqgħu kollha f'moħħha dawk id-dehriet, u sa ġimagħtejn wara li marret fid-distrett mal-Ħajt kienet għadha toħlom bis-salvaġiżmu tas-Sud.

Salvu kien qiegħed jaħseb dwar il-wirdiena ta' aktar minn xahar qabel. Ma jafx kif u għalfejn, Toni jew in-nuqqas ta' Toni kien ifakkru fil-parabbola li baqa' ma fehemx. Ix-xogħol beda jdejqu. Kien imur biex ma jkollux xi jgħid mal-gvern jew mal-militar. Din kienet l-ewwel darba li Salvu beda jagħmel xi ħaġa ta' bilfors u ma kienx imdorri. Viċin tiegħu kien hemm dejjem l-ispija jagħtih ħars inkwiżittiv kull ftit minuti. Anki dan beda jxebbgħu lil Salvu. Mela hu kien qatt imdorri jagħmel xi ħaġa kontra qalbu? U barra minn hekk, ma kinetx ordni li jkunu kuntenti?

Salvu kompla jbaqqan fuq l-art. Il-ħarsa tiegħu issa kienet mitlufa u Salvu kien jidher li ħsiebu ma kienx fuq l-art, fuq ix-xogħol u fuq il-ħajja sempliċi ta' kuljum. L-inkwiet kompla żdied meta Salvu nduna li ma kienx qed iħares lejn in-naħa tal-Ħajt fil-viċin, mhux għax ried hu bħal qabel, iżda għax kien mgħallem biex ma jagħmilx hekk. Bilmod bdew jinfirdu fih dawk ix-xewqat li kienu tiegħu u dawk li kienu tal-militar u n-nuqqas ta' biża' fih ġiegħlu darba jisraq ħarsa lejn in-naħa projbita.

Kienet istintiva. Salvu ma kienx ilu jaħseb li se jħares, ma kienx għamel xi pjan elaborat kif għandu jdawwar ħbub għajnejh taparsi qed jogħla mill-ħarsa lejn l-art. Kien sempliċiment ħares malajr eżatt kif ġieh il-ħsieb. U f'dik is-sekonda laħaq ra aktar milli kellu ċans jaħseb. Ma setax jiġih ġo moħħu x'ra eżatt għalkemm kellu idea vaga ta' xi suldati u pulizija. Waqt li kompla jaħdem, Salvu xtaq li kellu biżżejjed għerf li ta' l-anqas jiftakar dak li ra. Il-ġurnata kienet iebsa għalih, beda jaħdem bla konċentrazzjoni u l-ħeġġa tas-soltu għabet x'imkien ieħor. Baqa' jiġri wara memorja viżiva li ma kienet ċara xejn.

Meta mar fis-sala Salvu kiel u wara mar fis-sodda tiegħu. X'ħin tfew is-sala kellu ċans jaħseb mingħajr ma jidher, u issa f'dan il-mument sieket bdiet tiġih stampa aktar ċara ta' li ra. Iva, kien ra żgur is-suldati tal-militar. Dawk kienu tas-Sud u seta' jqabbel l-uniformi tagħhom ma' tas-suldati li kien jara fil-mistrieħ. U kien ra biċċa art sew vojta minn bini u toroq. Kienet sempliċiment art ċatta. Imbagħad ra pulizija. Meta Salvu ftakar f'dik l-uniformi stramba, li issa kien nesa totalment l-għamla eżatta tagħha, inħasad għax kien jaf li fis-Sud ma kellhomx dik ix-xorta ta' nies, dak it-tip ta' lbies.

L-Ispċi Prefett issa kien wasal biex jorqod u l-ħsieb tiegħu beda jtaffi

xi ftit mill-memorja. Salvu għamel l-aħħar ftit sforzi, bħalma jagħmel bniedem li jaf li qabel jorqod irid isolvi xi problema, u ftakar li kien ra l-Ħajt. Kien affaxxinanti għal Salvu. Kien ħajt għoli, magħmul minn xi taħlita stramba li kienu jgħidulhom biha fil-lezzjonijiet militari. Kien ħajt eżatt kif qalulhom li hu, bejn il-militar tas-Sud u l-pulizija tan-Nord. Bilmod Salvu resaq aktar u aktar lejn l-irqad, u ftakar f'nofs qawmien li l-ħajt ma kellux kulur. Ma kienx trasparenti, iżda ma kellux kulur - għallinqas mhux kulur minn dawk normali li kien jaf Salvu. U l-pulizija u l-militar rahom ma jħarsux lejh, wiċċhom iż-żewġ fillieri lejn in-nofs pajjiż tagħhom. Kienet kollha kemm hi dehra li laqtitu lil Salvu.

Il-Ħajt kien goff u kbir, imma kellu sempliċità sħiħa madwaru. Salvu stħajlu xi alla mħares sew minn żewġ popli. Stħajlu alla mhux għax Salvu kien jaf b'xi divinità, iżda għax fis-sens reliġjuż normali ta' bniedem Malti Salvu ħass fidi qawwija fil-qawwa tal-Ħajt. Kien ċert li kien hemm xi setgħa misterjuża ma' dehra hekk sempliċi u kbira. U r-rispett tal-militar u l-pulizija? U l-biża' ta' kulħadd biex iħares lejn dan il-ħajt? U Salvu raqad.

L-għada, meta Salvu l-iġgant kien reġa' qed jaħdem ma' l-art innota li l-ispija kien resaq aktar viċin tiegħu u kien qed iħares lejh aktar mis-soltu. Salvu kien ċert li ndunaw li ħares. Ma kinetx xi ħaġa li ħasditu. Kien jaf li mhux suppost iħares lejn il-Ħajt u kien jaf li seta' jistenna xi tip ta' kastig. Bħas-soltu l-kobor naturali tiegħu u s-sempliċità ta' moħħu għenuh biex ma jinkwetax ħafna dwar x'setgħu jagħmlulu. Iżda Salvu kien ċert wisq mill-ħajja li kien igħix fiha, u kien jaħseb li l-ħajja ma tistax tinbidel ħafna minn dik li kien jaf għal snin twal. Allura kienet ħaġa li jista' jifhimha kulħadd li wara nofs siegħa xogħol Salvu reġa' ħares lejn il-Ħajt. Din id-darba kien donnu qed jisker bis-seħer ta' ħajt hekk għoli, hekk qawwi u glorjuż. Ma setax jaqla' għajnejh malajr minn fuq il-faċċata bla kulur ta' materjal iebes li, kif kienu jgħidu fis-Sud, ma seta' jinkiser b'xejn. Għajnejn Salvu nġibdu lura lejn ix-xogħol biss meta sema' ħoss ħdejh u nduna li l-ispija kien waqa' ma' l-art fi speċi ta' ħass ħażin.

Salvu ħares lejh għal ftit, skantat kif bniedem kuntent daqs Spiru kien tah mejt fuq ix-xogħol. Fil-fatt, il-ġrajja ma kinetx eżattament hekk, u l-ispija kien niżillu ftit tad-demm minn rasu meta għajnejh infurmawh bl-arroganza ta' Salvu. Qatt qabel ma kien ra bniedem iħares lejn il-Ħajt. Ġieli kien iltaqa' ma' problemi ta' nies li kienu xi ftit imdejqin, xi ftit individwali, u hekk, iżda lejn il-Ħajt? U biex iżżid, kien bniedem fis-sala

tiegħu. Imma ma jistax jingħad li Salvu ddispjaċih ħafna meta ġiethom aħbar uffiċjali fis-sala li l-ispija miet għax inqalgħu kumplikazzjonijiet fl-isptar. Salvu sempliċiment baqa' jiftakar kif ġew erba' mill-militar, ġabruh u ħaduh.

Naturalment Salvu kompla jaħseb dwar il-Ħajt. Kien hemm xi ħaġa tiġbdek fih. U meta ħares kien ra mara. Ma setax jagħraf minn fejn ġiet, jew għalfejn dehret hekk stramba, qisha ħares imbiegħed mhux bi spazju iżda b'xi ħaġa oħra. Għamel ġranet sħaħ jaħseb kif il-Ħajt kien jidher qisu mara. Mara hi mara u ħajt hu ħajt. Iżda forsi mhux il-Ħajt. Forsi kellu ħares il-Ħajt, jew forsi Salvu kien injorant wisq biex jifhem x'kien qed jiġri. Kien ħares direttament ġol-Ħajt u ra lil Klara 31487(N) qiegħda tħares lura lejh. Klara kienet f'waħda mill-mixjiet tagħha, f'waħda mill-beżgħat tagħha, meta ċediet kollox u ħarset biex joħduha, biex jeħilsu minnha. Ma kinetx tajba ħajjitha. Kienet marida, u kienet taf. Ħarset biex tagħmel bħall-qattus li ma beżax u stenniet l-agħjat, l-istorbju u sparatura.

Meta Salvu ħares u ra mara ma riedx ħlief jaħlef li jqiegħed moħħu f'postu. Xtaq li jara ċar, xtaq li jibda jifhem, xtaq li kellu ftit minn Nordiku biex ikun Sudista tajjeb — imqar moħħ tajjeb biex ikun jista' jaħseb sew. Ftit metri bogħod Klara 31487(N) kienet rat li mill-Ħajt kollu ma kienx hemm ħlief il-grada kbira li ħdejha kien hemm għassa fuq żewġ naħiet. Rat nies jaħdmu fl-art u waqfet skantata lejhom. Qatt ma kienet semgħethom jaħdmu, qatt ma rathom, qatt ma ħarset. U issa f'salt id-dehra bdiet timtela ħsejjes ta' xogħol. Imbagħad spallejn Klara niżlu 'l isfel u baqgħet hemm imwaħħla lejn in-naħa l-ħażina. Is-Sud?

Ħadd fis-Sud ma ta kas ta' Salvu u ħadd fin-Nord ma ta kas Klara 31487(N). In-nies viċin Klara baqgħu mexjin u sħab Salvu anqas biss ħarsu lejh. Klara bdiet tieħu nifs qawwi u ma felħitx it-taħwid fir-ritmu ta' qalbha. Fejn hu l-Ħajt? Fejn hu l-Ħajt, qalet imwerwra. Kienet waqgħet dinja fuq oħra? Kienet ġiet fis-Sud? Fejn huma s-slavaġ? Klara mbagħad ħalliet kollox jaqa' biex ħarset lejn Salvu. Kollox kien tant vag li ma kellhiex anqas aptit tfittex raġuni. Bħas-soltu kienet ħasbet wisq u issa ma setgħetx tara l-ħwejjeġ li jeżistu. Imma Salvu baqa' quddiemha, qisu anġlu kbir ħiereġ miċ-ċpar, u l-unika persuna għal snin sħaħ li ħarset lejha, veru ħarset lejha.

Salvu kien biddel it-tattika ta' ħsiebu. Ma riedx jipprova jifhem imma ried iħalli din it-taħlita pjaċevoli ta' Ħajt-mara li donnu kien interessat fih sew. Salvu kien ra ħafna nisa qabel Klara imma din kienet ħarset fih, u kienet żgħira daqs tifla. Salvu ra lil Klara tixbah lil tifla u daħak. U meta

Klara niżżlet spallejha, stħajjilha qiegħda tagħmel biex iddaħħku aktar u xejrilha. Kienet biżżejjed dik it-tixjira u Klara ġiet f'tagħha. Dawret tiġri wiċċha lejn in-Nord, għattiet għajnejha u stenniet sakemm ma ġara xejn.

*Dan huwa l-ħames kap.*

X'imkien żewġ ilħna nstemgħu jitkellmu.

"Każ uniku."

"Veru imma jien ta' l-idea li nħalluhom."

"Kieku kif għidt int, ikunu esperiment. Xejn, xejn naraw sa fejn jaslu. Naraw jekk jinkisrux bejniethom."

"Int x'għidt li jisimha?"

"Klara. Tagħkom Salvu hux? Ma nafx fejn sibtuh ġgant bħal dak. Dak inkontrollabbli jew?"

"Lanqas xejn. Qisu nagħġa. Aħna s-sistema tagħna ma tantx tħalli nies inkontrollabbli."

"Minn daqshekk anqas tagħna kif tara. Klara hija ta' rasha wisq, dak kollox. Bdilnielha x-xogħol, imma għalxejn. Uff, ġieli jxebbgħuk dawn in-nies. Xogħol biss. Taħseb li se tistrieħ u ara —problema wara l-oħra."

"Fuq livell tagħna l-politika hija ħafifa, iżda fil-livell komuni anki aħna nsibu injoranza kbira. Xi dwejjaq, ma jifhmux xi trid minnhom. Tgħallem u tgħallem u għalxejn. Tgħallem il-passat u joħolqu wieħed huma. Tgħidilhom kif jaħsbu u agħar..."

"Kif taħseb li tispiċċa bejn dawn it-tnejn?"

"Jien ngħidlek li jispiċċaw jitkellmu."

"Jitkellmu? Minn ġol-Ħajt?"

"Agħtihom iċ-ċans. Il-biża' jibda jmurilhom meta jaraw li ma ġara xejn."

"Ikun l-ewwel każ kieku jitkellmu."

"Kien hemm ħafna qabel li ħarsu lejn il-Ħajt?"

"Ma tafx li dak suppost sigriet?"

Iż-żewġ ilħna hawn infexxew jidħku.

"Għidli s-sew, hemm ħafna minn tagħkom li jħarsu lejn il-Ħajt?"

"Hemm xi ftit. Ħafna jagħmluha bla ħażen, għax ikunu jridu jaraw il-Ħajt wara xi lezzjoni fuqu. Oħrajn jagħmluha għax tegħlibhom it-tentazzjoni. Imma n-numru ta' dawn, ikkomparat mal-bqija hu ftit. Il-parti l-kbira tan-nies jadurawh il-Ħajt u ma jissugrawx iħarsu lejh għax jibżgħu minn xi setgħa."

"Kif trid timxi magħhom hux? X'distanza bejn din il-ħajja u l-ideali

tagħna. Jien ġieli noħlom li jiġi żmien meta nfehmuhom li bejnietna m'hemmx il-mibegħda u firda li daħlet bejniethom. Id-dnub hu li huma poplu u aħna mexxejja."

"Eeh, imma trid tifhem li d-differenzi bejnietna għadhom. Pereżempju, int żgur ma temminx fil-kapitaliżmu u fil-libertà. Jien tgħallimt li l-kapitaliżmu hu forma ta' libertà li m'hawnx bħalha. U mhux veru li l-ħaddiem ibati fil-kapitaliżmu, il-ħaddiem ibati ma' individwi li jibqgħu l-istess f'kull sistema. Wara kollox, tagħkom mhix forma kapitalista wkoll fejn l-elit hu l-militar? Aħna nemmnu fil-flus u l-ġid, intom fl-ubbidjenza bil-biża' — iż-żewġ sistemi jiċċentralizzaw grupp ta' nies fuq l-oħrajn."

"Ma naqbel miegħek xejn. Il-libertà l-ewwelnett mhix li tħalli soċjetà tifforma b'mod li parti minnha dejjem tbati, dik mhix libertà dik hija moħqrija aċċettata. Barra minn hekk, xi dritt għandu bniedem ta' aktar skola, ta' aktar moralità, ta' aktar flus, imexxi s-soċjetà? Dawn il-kriterji m'humiex ħwejjeġ li bniehom hu, huma frott ta' natura li twieled fiha. U jekk nieħdu n-natura biex nagħżlu grupp ta' nies fuq l-oħrajn allura għalfejn ma nagħżlux kriterji oħrajn min-natura? Min qal li bniedem ta' skola għandu jkun fuq bniedem bla skola? Mhux hekk ġara fil-passat?"

"Imma int semmejt il-moralità wkoll."

"Il-moralità, jew reliġjon, tista' tkun mod kif elitista jilħaq fuq sħabu. Jippretendi li hu aktar morali u allura li għandu jaħkem. Dan kien l-iżball tar-reliġjon antika. Reliġjon, kif nifhmu jien hu mezz kif issir aktar kalm, aktar umli, u kif tibża' tiġġudika lil min ma jafx igħix bħalek. Reliġjon ma jsibx differenza u jara t-tajjeb f'kulħadd. Reliġjon ma naħsebx li għandu jkun firda bejn min jirnexxilu jgħix ħajja morali u min le. Jien ma nafx kif kien eżatt ir-reliġjon f'Malta imma naf li ħoloq biża' f'min ma kienx kapaċi jkompli miegħu."

"Il-biża' jista jinħoloq minn sens ta' mistħija, jew sens ta' inkapaċità, mhux għax tiġi intimidat. Forsi min kellu kontra r-reliġjon kien iħares lejn l-inkapaċità morali tiegħu aktar milli lejn l-indħil ta' ħaddieħor. Forsi kienet għira għas-sewwa, għira għal min jaf igħix. Imbagħad finalment jien dejjem l-istess ngħid: Min jaf x'inqala' sew fil-passat?"

"Veru! Saret diffiċli tifhem x'ġara u min kellu tort. Mhux għax hu xi passat ta' elf sena ilu, imma għax b'xi mod hu passat li mexxielhom iħassruh. Jien għandi memorja ċara mill-bini tal-Ħajt 'l hawn. Qabel niftakar taħwid biss."

"Kultant naħseb li ħadd ma kellu tort, għalhekk inqala' dan l-għawġ.

Forsi ż-żewġ naħiet kellhom raġun, u l-iżball kien l-esklużjoni ta' xulxin. Huma marru kontra l-binja umana mhux kontra xulxin — għalhekk dejjem kien hemm oppożizzjoni."

"Fil-fatt il-firda bejnna hija argumentattiva. M'hemmx opposti bejn kapitaliżmu tagħkom, u soċjaliżmu tagħna, hemm differenza fl-għażla ta' ħajja."

"Imma ngħid jien, allura kif hemm ħajt? Kif hemm pajjiż maqsum?"

"Faċli. Fuq livell tagħna d-differenza hija minima, dettalji ideoloġiċi li ħarġu mill-ħajja. Min studju l-ħajja mod, u min ieħor, sakemm sabu raġunijiet differenti. Il-problema tar-raġuni hija li dejjem tista ssib raġuni ġdida. Hija l-fidi li żżommok ma' raġuni waħda, u ġieli l-injoranza — jekk mhumiex l-istess ħaġa. Issa fuq livell komuni n-nies żgur ma tfehimhomx bid-dettalji ideoloġiċi li bihom tinħoloq differenza, allura flok differenza ħloqna oppożizzjoni biex mingħajr ma nfehmu raġunijiet tqal u studjati, lin-nies infehmuhom li għandna bżonn appoġġ f'argument għall-ġid tagħhom. Mill-appoġġ tagħhom stess in-nies jifhmu s-serjetà ta' l-argument. Mur fiehem lil xi bidwi mill-antik li din hija ġlieda bejn elitiżmu u soċjaliżmu. Fil-ħajja ta' kuljum tiegħu tista' tfehmu l-aktar li ma' dawn ibati inqas, u ma dawk aktar."

"Interessanti! Naħseb li b'hekk fl-antik inħoloq il-klijenteliżmu, biex fil-ħajja ta' kuljum bniedem jifhem li hemm sistema li aktar tagħtik ġid minn oħra. Kif aktar seta' politikant ifiehem li hu favur in-nies? Id-dnub hu li meta tiġi għall-ħajja prattika ta' kuljum in-nies jirċievu l-istess favuri u ħsara m'għand gvernijiet differenti. Ejja nammettu, veru nammettu f'sigriet assolut: mhux iż-żewġ naħiet fil-ħajja ta' kuljum ibatu l-istess?"

"Veru."

"Allura fejnha l-ideoloġija?"

"Għax qabel ma ġġib l-ideoloġija fir-realtà trid iġġib l-appoġġ u teqred kull xkiel."

"U fil-proċess tagħmel agħar mill-ideoloġija 'opposta'. Toqtol lil uliedek biex issalvahom mill-għadu."

"Ilum hu diffiċli li l-ġrajja tieqaf. Nistgħu nieqfu u nfehmu lin-nies li kien argument biss, li fil-ħajja ta' kuljum m'għadx hemm differenzi kbar, li kienet ċajta!"

"Forsi kienet ġlieda għall-poter."

"Minn politikanti antiki? Din mhix l-ewwel darba li smajtha."

"Kif anka lilna m'għallmuna xejn fuq il-passat? Ma nistgħu nkunu ċerti minn xejn. Anki ħajt ta' ftit aktar minn għoxrin sena għamluh jidher

qisu ilu mitejn sena. Tiftakar meta damu xi ħames snin jew aktar itammbru li qed jinbena."

"U kieku konna nafu l-passat? Konna noqogħdu nwaħħlu f'dak u fl-ieħor biex niġġustifikaw illum. Konna noqogħdu nnaqqru fatt 'l hawn u 'l hemm, u nibqgħu fejn aħna."

"Insomma fil-ħajja ta' kuljum m'hemmx post għal differenzi. Din hija creżija li fuq idea waħda tibni ħajja. Il-ħajja tinbidel u l-bżonnijiet jinbidlu wkoll. Spiċċat l-era ta' ideoloġiji għalkemm għadna kif għadna. Hija stupida llum li tfittex kapitaliżmu liberu, jew soċjaliżmu ġust, meta l-bniedem individwali qed ifittixhom minn jeddu u jibdilhom skond sitwazzjoni u bżonn."

"U jsibhom ħafna qabel sistema governattiva. Forsi gvern għandu jgħin aktar milli jissuġerixxi ħajja. Naħseb naqbel miegħek li gvern ma jistax ilaħħaq mas-sitwazzjonijiet individwali u jitlef ħafna appoġġ meta jipprova jikkonvinċi."

"Min-naħa ta' l-individwu naħseb li ż-żewġ gvernijiet huma l-istess. Għid il-veru mhux fiż-żewġ naħiet hemm il-qerda ta' libertà? Xejn, xejn il-Ħajt innifsu hu diġà xhieda ta' għadu li trid taħseb dwaru l-ħin kollu - u kif jistgħu jgħixu dawn l-imberkin b'għadu wara l-bieb?

"Is-sitwazzjoni m'għadhiex f'idejna. Issa d-destin."

"Kemm hu ħażin l-estrem."

"X'jiġifieri?"

"L-estrem. Mhux l-estrem li ġab dan kollu? Int l-ewwel għidt li r-raġuni fehimnieha bl-appoġġ tan-nies li riedu jifhmuha stess."

"Veru."

"Mhux dak l-estrem! Meta ppruvajna nimmaġinaw dinja kapitalista, jew soċjalista. Kif qatt jista' jkun? Il-fatt li numru kbir ta' nies ikollhom idea differenti minn tagħna għandu jgħallimna l-ewwelnett li hemm aktar bżonnijiet fil-ħajja milli l-ideat tagħna biss. Din mhix ħajja, din hija egoċentriżmu ideali. U qatt, qatt f'miljuni ta' snin ma tinstab soluzzjoni fl-appoġġ. Qatt. Hija biss ħela ta' ħin, jew mod aktar elaborat kif il-bniedem jissodisfa l-ġlied mistur ġo fih, din il-ħajja ta' pika. Jaħasra, ma ħsibtx xi darba bħali li billi tiġbed nofs poplu warajk ħloqt problema dejjiema bla ebda ċans ta' mistrieħ? Anki jekk tkun veru egoist u tfittex il-poter li semmejna l-ewwel, x'poter hu li jkollok nofs poplu kontrik? Hija ħolma, ħrafa u naturalment traġedja."

"Fuq livell komuni ma rnexxielna noħolqu ebda differenza, u fuq livell tagħna ħloqna estremitajiet ta' sistemi li ma jagħtux ċans lil xulxin.

Naħseb li qed jappoġġjawna fuq estremi li fil-prattika tagħhom ta' kuljum ma jeżistux."

"X'filosofija ħierġa llum."

"Veru. Ilna ma nitkellmu hekk. Ixorbu dak ħa nġiblek ieħor."

"Ma nistax indum ħafna ta."

"Inti issa ħu ieħor u itlaq."

"Mela fuq Klara u Salvu, inħalluhom. Qbilna?"

"U aħna hemm xi ħaġa li ma qbilniex fuqha?"

"Iżda wara, l-proċess tas-soltu hux hekk?"

"Dażgur, inkella n-nies jindunaw li ma ġralhom xejn u jinsew il-Ħajt. Immaġina l-kaos kieku. Revoluzzjoni sħiħa."

"Forsi xi darba jinżel il-Ħajt."

"Forsi."

"Ħares, qabel nitlaq. La għidna dan il-kliem kollu nħossni għandi nistaqsik ħaġa."

"Fajjar."

"Int qrajt u għallmuk x'kienu l-piki antiki. Illum temmen f'kapitaliżmu, soċjaliżmu, reliġjon, il-barrani f'Malta, l-istudju professjonali, ix-xogħol tal-ħaddiem komuni u l-bqija ta' l-ideat u s-sistemi li emmnu fihom? U ħaġa oħra, ippermettili, qatt fhimt fl-iskola tagħkom għalfejn kull suġġett kien jinqasam fi tnejn fil-parlament antik, u kif jew għalfejn li taħseb mod fuq suġġett kien ifisser li int ma' naħa waħda bilfors?"

"Nammetti li sa llum għadha vaga ħafna t-tifsira ta' ħafna ideat antiki bħal kapitaliżmu, soċjaliżmu, reliġjon u l-oħrajn. U naf biss nirrepeti dak li tgħallimt. F'qalbi ma nemminx aktar fihom ħlief bħala lezzjonijiet tedjanti. Il-mod li kienu jġegħluna naħsbu fuq ċerti suġġetti, kif mod kien tajjeb u mod ħażin — bħalissa qed naħseb fuq lezzjoni dwar il-barranin f'Malta — kien iġegħilni naħseb bil-kontra u nipprova nifhem fl-istess ħin x'post kellu l-argument fis-sistema ta' llum."

"Allura aħna l-istess. U forsi anki dawk it-tnejn, Klara u Salvu, huma l-istess. Forsi ħasbu wisq fuq li tgħallmu."

"Kieku kien hawn post għal tnejn oħra hawn fuq konna ntellgħuhom magħna. Imma l-pajjiż żgħir wisq biex jitmexxa minn erbgħa min-nies."

"Tassew. Ħallejtek. Id-darba li jmiss int trid tiġi. Saħħa!"

"Saħħa!"

*Dan huwa s-sitt Kap.*

Veru li Salvu u Klara 31487(N) kienu għaddew minn esperjenza unika, u din, kif wieħed jistenna, ħalliet l-effett tagħha fuq il-ħajja ta' kuljum tagħhom. Klara 31487(N) kienet xi kultant tieqaf mix-xogħol fl-uffiċċju tagħha u taqbad tħares fil-ħajt quddiemha. U fuq l-istess ħajt kien jitfaċċa Salvu jxejrilha u jitbissem ħafif. Klara kienet tagħmilha apposta, biex tħoss il-kuntentizza u tħossha mixtieqha minn xi ħadd. Qabel ma kienx hemm avventuri ta' dan it-tip, avventuri bejnha u bejn raġel, fejn hi kienet tixtieq li tkompli tarah. Allura Klara għamlet l-aktar ħaġa misten-nija: irrepetiet u rrepetiet il-ġrajja fuq il-ħajt tad-dar-uffiċċju sakemm għaliha il-ħajt sar fih innifsu eċitament, gost u memorja friska.

Salvu ġieh l-aptit fl-ikel u kien jitniehed f'qalbu jara lill-ispija l-ġdid jagħtih daqs l-oħrajn. Ftakar f'meta Spiru kien ġiegħlu jiekol. Issa ried jiġi Spiru biex jara lil Salvu jibla' l-ikel qabel ma kellu ċans ixommu. U barra minn hekk Salvu kien sar dilettant kbir tal-Ħajt. Talab biex jerġa' jmur lezzjonijiet dwar il-Ħajt, u kull filgħaxija kien joħlom bil-qawwa speċjali li kellu l-Ħajt f'li jagħtik dak li l-aktar tixtieq. Il-Ħajt kien tah mara lil Salvu. Ma fehemx kif u għalfejn, imma kien tah mara ħelwa bi spallejha mniżżlin. U kienet qasira ħafna. Salvu kien ċert li Klara 31487(N) kienet waħda li kellha bżonn min jieħu ħsiebha. Raha tħares lejh u donnha titlob l-għajnuna.

Fil-fatt, kif jiġri ma' ħafna umani normali, Klara u Salvu kienu ġrew ħafna b'moħħhom u immaġinaw aktar milli raw fl-ewwel esperjenza ta' mħabba. Salvu kien beda joħlom bi Klara f'idejh, eżatti bħal tifla li trid min iżiegħel biha. U Klara sa jumejn wara l-episodju rat fuq il-ħajt lil Salvu l-kbir ifarrak il-grada tal-Ħajt u jgħaddi għal ħdejha. Kienet ta' l-għaġeb kif żewġ ħolmiet f'naħiet differenti kellhom ikunu hekk kompa tibbli tant li kemm Salvu kif ukoll Klara qablu li Salvu kellu jkun mezz ta' protezzjoni u Klara mezz ta' ġentilezza u ħniena għal xulxin.

Meta kienu għaddew ġimagħtejn Salvu u Klara 31487(N) kienu ħarsu lejn xulxin aktar minn darba. Kull darba kien hemm il-biża' fi Klara u l-għarfien f'Salvu li qed jagħmlu ħażin. Kull darba taw kemm-il ħarsa madwarhom, l-aktar lejn il-pulizija u l-militar. U kollox kien għadu f'postu ħlief li l-kulur misterjuż tal-Ħajt sar inqas qawwi għal Salvu, u l-grada kbira iżolata mingħajr ħitan fuq il-ġnub dehret aktar redikola għal Klara. Iżda t-tnejn kellhom biżżejjed għaqal li għalissa jħallu dawn il-kurżitajiet f'idejn il-kbarat. La raw li l-militar u l-pulizija injorawhom dan kien biżżejjed.

Ma kienu jagħmlu xejn speċjali f'dan it-tip ta' laqgħat. Salvu kien jistrieħ fuq il-baqqun u jħares kuntent lejha, u Klara tintelaq qisha ċarruta tħares kuntenta lejh. Kienu jitbissmu t-tnejn u jħallu rashom tinżel fuq ġenb biex iħarsu lejn xulxin minn angolu differenti. Kienet verament ta' hena għalihom din il-biċċa u l-ħolm id-dar u s-sala kien dejjem qed isir aktar elaborat. Imma kienu kemm kienu kuntenti f'din il-logħba ta' ħars u tbissim, Salvu dehirlu li kellu jagħmel aktar. Fis-sitt laqgħa Salvu beda jxejjer lil Klara 31487(N) u jagħmlilha sinjali biex tersaq aktar lejn il-Ħajt, waqt li hu kien telaq il-baqqun għalkollox u b'għajnejh seqer fuq l-għassa militari għamel passi żgħar lejha. Salvu ma ra lil ħadd jiċċaqlaq jew iħares lejh, u ġo fih daħak bi sħabu li kienu għadhom jaħdmu. Imqar, qal f'qalbu hu u miexi, jagħtu titwila lejn il-Ħajt u jifhmu li m'hemm xejn perikoluż. Dażgur, kompla joħlom, li ma jriduniex inħarsu lejh, min qatt kien jobsor li l-Ħajt kellu din is-setgħa kollha?

Salvu kellu raġun jaħseb hekk. L-ewwelnett kien maħkum mill-fatt li l-Ħajt kien speċjali, qisu spazju kbir u b'saħħtu. It-tieni kien għadu qed jara lil Klara, u t-tielet kien qisu miexi f'bogħod li ma jeżistix, qisu mbiegħed mix-xebba sew waqt li jaf li sitt jew seba' passi oħra kienu se jressquh viċin ħafna tagħha. Din li qisu miexi distanza twila bi ftit passi għoġbitu lil Salvu u ma fehemx li kienet biss l-effett ta' snin ta' tagħlim dwar il-Ħajt. Fis-sempliċità enormi tiegħu Salvu sab kompromess immedjat bejn it-twemmin sod tiegħu f'ħajt u l-interess fi Klara.

X'ħin Klara rat lil Salvu riesaq lejha kien se jagħtiha ħass ħażin ieħor. Kienet għadha mhix ċerta mill-Ħajt u x'kien qed jiġri, u madwar Salvu ppreferiet li terġa' tara ċ-ċpar li kienet rat fil-bidu biex forsi n-nuqqas tal-Ħajt jidher vag u jkollha ftit tama li l-ħajja kif tafha hi teżisti. Ħarset lejh u ma tat kas ta' xejn aktar. F'biża' li għaġġel lil qalbha bdiet tikkonċentra aktar fuqu biex id-dehra ta' madwaru tisparixxi għalkollox. Klara miskina kienet taħseb li jekk ma tarax il-periklu dan ma jeżistix. U meta rat lil Salvu mdawwar bis-sħab li ħolqot hi, ħasbet li għamlet xi forma ta' protezzjoni għaliħ.

Għall-ewwel f'din is-sitwazzjoni la Klara u lanqas Salvu ma tkellmu. Setgħu kieku jisimgħu il-bqija ta' sħab Salvu jaħdmu fuq l-art, iżda huma nnifishom ma kinux ċerti jinstemgħux minn xulxin. Imbagħad Klara rrealizzat li kienet viċina ta' Salvu daqs li kieku kienet tkun meta tkellem lil xi ħadd. Għarfet ukoll fl-istess sekonda li anki hi kienet imxiet xi ftit lejn il-Ħajt. Waqt li minn naħa taha li ddur f'salt u tmur tiġri lura, minnaħa l-oħra tkellmet.

"Int x'jismek?"
"Salvu jien, Salvu."
"Jiena Klara 31487(N)."

Salvu hawn kemmex moħħu u beda jaħseb x'isem stramb kellha. Imbagħad ħassu kwiet wisq u pprova jikser is-skiet.

"Inti tgħix hawn? Kif ġejt?"

"Jiena Nordika."

Qalb Salvu kważi niżlet fl-art. Nordika? Kien qed jitkellem ma' Nordika?

"Kif jista' jkun? Mela qbiżt il-Ħajt?"

"Jien ma qbiżt xejn. Jien ħarist din in-naħa u rajtek. Forsi qbiżt int."

"Le ħija, jiena ma qbiżt xejn anqas."

"Allura, għid, jekk ma qbiżniehx il-Ħajt kif qed nitkellmu?"

"Ma nafx ta. Tgħid hemm xi toqba fil-Ħajt?"

"Jiena kulma rajt dik il-grada, ma rajtx toqob."

Salvu ħares lejn il-grada u raha tispikka fost il-vojt.

"Kemm hija kbira dik il-grada."

"Allura inti Sudista hux?"

"Iva."

"Kemm inti kbir!"

"Inti żgħira ħafna. Jaqaw ma jitimgħukomx fin-Nord?"

"Le, jitimgħuna. Intom veru slavaġ u kattivi?"

"Mhux dejjem, għal siegħa kuljum."

"Allura veru qiskom annimali u toqtlu 'l xulxin?"

"Uuu, fejn sejra. Anqas qatt. Dan min qallek hekk?"

Klara gidmet xufftejha u beżgħet li se ddejqu. Din l-ewwel darba li kellmitu u insultatu. Malajr biddlet il-kliem.

"Tgħid m'humiex jarawna? Jien nibża' ħafna ta. Tgħidx kemm jiena beżżiegħa."

"Imma mhux jagħtu kasna. Inti tibżax mix-xejn."

"Jien minn kollox nibża' għax qatt ma nifhem xejn, speċjalment x'irrid nagħmel biex nobdi l-gvern."

"Aħna hawn ma nibżgħu minn xejn."

"Tajjeb! Allura jħallukom tagħmlu li tridu?"

"Le. Iħalluna naħdmu u nieklu biss."

"Aħna l-istess."

Għal ftit sekondi reġa' waqa' skiet. Imbagħad Klara ħasbet li kienet għamlet biżżejjed u qalet:

"Naħseb aħjar immur lura. Ċaw."

"Ċaw."

Salvu baqa' jħares lejha sejra lejn in-nofs pajjiż tagħha u mħawwad għall-aħħar dar hu wkoll. Kien kellem Nordika, qal skantat meta reġa' qabad il-baqqun.

Kienet ħaġa mistennija li wara xi jumejn Salvu u Klara 31487(N) reġgħu kienu fl-inħawi tal-Ħajt jitkellmu. Bdew bħas-soltu bit-tbissim u wara resqu sakemm setgħu jmissu lil xulxin. Kienu f'ġenna ta' l-art proprju fejn iltaqgħu in-Nord u s-Sud tal-gżira. Ma setgħux jindunaw li ma kienx il-post li għamilhom ferħana daqskemm huma nnifishom meta Salvu qalilha:

"Kemm hu sabiħ hux hawn? Li kelli noqgħod hawn għal dejjem noqgħod".

"Veru, sabiħ."

"Anki inti sabiħa Klara."

Salvu kien qal dan il-kliem personali b'ton l-aktar fattwali, iżda Klara riedet taħrab 'l hinn bil-mistħija. Fejn qatt xi ħadd qalilha li hi sabiħa? Klara sabiħa, ħasbet ġo qalbha waqt li għajnejha xegħlu lejh.

"Għalfejn?"

"Ħeqq, għax hekk, sabiħa."

"Tiġi miegħi? Fin-Nord? Għandi kamra żgħira u tista' taħdem miegħi."

Miskina Klara ma kienet taf xejn li xejn dwar kif tistieden lil xi ħadd u kliemha ħareġ goff u bla ton.

"Ma nafx ta. Naħseb jindunaw, jien, u mur ara x'jagħmlu."

"Xi dwejjaq għalfejn ma nistgħux insiefru għand xulxin in-Nord u s-Sud?"

"Ma nafx. Forsi għax il-gvernijiet ma jaqblux."

"Aħna jgħidulna li intom m'intomx tajbin għalina. Igħidu li tagħmlulna ħafna ħsara, tkissru u tfarrku u x'naf jien. Inti veru, kieku tiġi toqgħod tħammeġ it-toroq apposta u toqgħod tkisser il-bibien?"

"Jien qatt ma noqgħod inkisser. Ma jkollix ċans bix-xogħol, fuq kollox."

"Imma veru li jekk tara l-blu timrad? Hekk igħidulna, li jekk intom taraw il-kulur blu timirdu f'raskom u tiġġennu."

"Blu x'inhu?"

"Kulur din il-libsa."

Klara wrietu l-libsa li kellha fuqha.

"Kieku diġà bdejt niġġennen għax ili li rajtha dik il-libsa. Imma ħa ngħidlek ħaġa, jien ma nafx x'issejħulu dak il-kulur imma aħna ngħidu li hu aħmar. Aħna kullimkien bih l-aħmar, ġieli jvarja iżda xorta nsejħulu aħmar."

"Allura tiġi?"

"Tġhid iħalluni?"

"Inti għidilhom. Għidilhom li tkellimna u ma ġralek xejn. Għidilhom li m'aħniex differenti ħafna u jekk iridu jiġu jarawni."

"Intom veru tgħaffġu l-wirdien għal xejn b'xejn?"

"Wirdien x'inhu?"

"Ma tafx x'inhi wirdiena? Għada nġiblek waħda."

Klara 31487(N) u Salvu qalu xi żewġ kelmiet oħrajn u mbagħad iddeċidew li għal dakinhar kien biżżejjed. Ħallew aktar minn jumejn igħaddu dejjem bit-tama li ma jinqala' xejn, li t-toqba x'imkien fil-Ħajt tibqa' u li jibqa' wkoll l-interess. Il-ħolm naqas u floku Klara u Salvu kienu jiftakru kliem li qalu tassew. Salvu kellu wkoll xi ftit ċans biex jaqbad wirdiena u tefagħha f'kaxxa żgħira li tah l-ispija stess.

Ftit ġranet wara ħdejn l-inħawi tal-Ħajt kien hemm xena. Salvu sempliċiment ma kienx jaf x'jaqbad jagħmel bi Klara twerżaq. Għalkemm ħadd ma ta ħarsa lejhom għax il-bqija tal-ħajja madwarhom donnha kienet truxa u għamja, Salvu ma xtaqx jisma' dak it-twerżiq. Li ġara kien inevitabbli, in-natura dgħajfa ta' Klara rat mostru ċkejken b'ħafna saqajn jagħti f'kaxxa u jħares lejha donnu jrid jigdimha. S'hemm xejn. Imma meta Salvu fetaħ ħalqu u qalilha li kultant itiru Kalra saret isterika. Ironikament Salvu stħajjel lil Klara wirdiena meta bdiet ixxejjer b'idejha fl-arja, u ħares aktar minn darba lejha u lejn il-wirdiena.

Klara 31487(N) ma dametx ma ikkalmat meta sabet il-persuna ċkejkna tagħha fl-idejn kbar u ġentili ta' Salvu li qagħad iżiegħel biha. Iżda baqgħet kultant titniehed għax din li jerfagħha qisha rixa bdiet togħġobha u ma reditux iniżżilha malajr. Meta eventwalment sabet ruħha fuq saqajha Klara ħarset lejh titbissem.

"Ma nafx għalfejn qalulna li intom ħżiena," qaltlu.

"Aħna? Aħna kollha tajbin. Intom veru li jgħidu li intom morda?"

"Morda?"

"Inti inti ftit irqiqa."

"Imma għandna nies kbar. Ejja ara xi erbgħa fil-pulizija!"

"Allura mhux daqshekk differenti."

"Min?"

"Aħna."

"Kieku hekk donnu. Jien kont naħseb ħafna ħażin dwarkom. Ġieli bżajt, veru bżajt minnkom."

"Taf x'nagħmlu! Għalfejn ma ngħidux lil ta' fuqna li aħna nixtiebħu ħafna u forsi jiċċekkjaw? Xi tgħid kieku jħalluni niġi? Jien naħseb huma ma jafux kemm aħna l-istess."

"Hekk għidtlek id-darba l-oħra. Imma jien nibża' naqra ta. Forsi jirrabjaw u min jaf x'jiġri. Ma jħalluniex naraw lil xulxin aktar. Jien ma rridx immur lura għal ħajti ta' qabel ta."

"Anqas jien. Hawn l-isbaħ ħdejn il-Ħajt. Xi tgħid? Għandkom isbaħ minn hawn in-naħa tagħkom?"

"Le. Għax hawn hawn l-ispazju, u nistgħu niltaqgħu wkoll. Fid-distrett tiegħi kulma għandi hi kamra u jgħiduli li l-ħajja sabiħa tgħix ġo kamra bix-xogħol miegħek."

"Hawn veru m'hawn xejn. Il-bieraħ ħsibt f'dan il-wisa' u għidt min jaf għamilniex xi ħsara fil-Ħajt."

"Issemmiħx! Ommi mà, min jaf x'għamilna?"

"U inti ħadd ma qallek xejn għax ġejt hawn?"

"Xejn ma qaluli."

"Forsi jħallu lilek tiġi tgħix fis-Sud."

"Mur arani kieku. Kemm tidħku bija tarawni żgħira u ma nafx naħdem. Aħna ma nistgħux naħdmu bħalkom ta, fit-toroq. Aħna kulħadd fl-uffiċini u ħażin min jagħmel xi storbju fuq ix-xogħol. Ġieli jiġu biex jarawna naħdmu fil-kwiet."

"Aħna rridu nagħmlu l-istorbju bilfors. Imma ħa nistaqsik ħaġa, jekk ma taħdmux fit-toroq allura t-toroq min għamilhom?"

"Min jaf? Kemm nixtieq kont naf iktar dwarna, forsi kont inkun naf kif saret hekk il-ħajja."

"Forsi kienet hekk minn dejjem."

"Imma allura hekk, konna mwildin differenti? Jien niftakar ħajja oħra u meta kont żgħira ma kinux igħidu Nord u Sud. Niftakar kont nilgħab mat-tfal u mmur l-iskola. U niftakar ħafna postijiet. Veru kien kbir il-pajjiż. Darba niftakar qbadna vapur u morna f'pajjiż ieħor viċin u n-nies kienu jitkellmu bħalna. Niftakar il-baħar u niftakar xemx nieżla x'imkien ħdejh. Kienet xemx blu, il-kulur kien iġennek. Niftakar lil ommi titlob u missieri kwiet għalkemm imbeżża'. Kultant aktar ma naħseb aktar niftakar. Ma konniex nobdu l-gvern daqs illum dak iż-żmien, naħseb, imma ma niftakarnix imdejqa."

"Jien ma niftakar xejn."

*Epilogu*

Kultant id-diżastru jseħħ eżatt meta tkun qiegħed fl-aħħar pass lejn xi ferħa jew suċċess. Il-waqgħa u l-weġgħa jkunu t-tnejn akbar u titnikket l-aktar mhux bit-telfa iżda b'kif ġiet, għalgħarrieda u fl-inqas mument ikrah. B'hekk jidħol id-dubju fil-ħajja, u b'hekk it-tama tispiċċa, għax kif jista' bniedem f'tarf suċċess ikompli jemmen f'ħajja meta xi forza, għalxejn, teħodlu kollox? Il-bniedem jistenna li l-falliment jiġi fi ġrajja kerha, u s-suċċess fi ġrajja sejra tajjeb. U l-ħajja, f'dik l-indifferenza tas-soltu, tħawwad u tagħtih li trid. Imbagħad ħafna jaraw li l-kapaċità tagħhom qiegħda għalxejn f'ħajja hekk bierda li ma tapprezza ebda sforz. Allura armi kollox u stenna li l-ġrajja taqa' fuqek u tiġik kif trid. Mhux xorta? Ibatu Klara u Salvu la m'hemm xejn li jista' jsir. Din hi l-ħajja. Jew forsi hekk għamilha l-bniedem u n-nuqqas ta' kuraġġ tiegħu?

Klara 31487(N) u Salvu ma damux jiltaqgħu. Ġew arrestati t-tnejn u għall-bqija tan-nies li kienu jaħdmu magħhom sparixxew. Klara ġiet mitluba titlaq mid-dar-uffiċċju filgħaxija, u mxiet bilkemm tiflaħ tieħu nifs bil-biza', sakemm daħlet f'karozza u kienet telqet. Salvu kienu sejħulu qabel raqad, u mar ukoll.

Għal xahar sħiħ kien impossibbli tifhem x'kien ġara lil Klara u lil Salvu. Probabbilment anqas huma stess ma fehmu l-esperjenza li għaddew minnha fl-għejbien tagħhom. L-aktar li jista' wieħed jagħmel hu li jissoponi li għaddew minn xi forma ta' kastig u forsi wkoll xi ftit taħriġ. Iżda dan hu biss ħsieb. Jekk wieħed jelimina l-fatt li Salvu u Klara kienu t-tnejn imdejqin u għalhekk ħarsu lejn il-Ħajt, u jelimina l-fatt li b'natura umana inġibdu lejn xulxin, u forsi wkoll jelimina l-fatt li ma kienx hemm ħajt u għalhekk setgħu jaraw lil xulxin, allura jifhem li Klara u Salvu għamlu ħażin ħarġu min-nofs pajjiżi rispettivi tagħhom. Min-naħa amministrattiva kien ksur ta' liġi, storja u twemmin. Għalhekk wieħed jista jissopponi li kellhom xi kastig u mhux għax hemm xi provi.

Iżda xahar wara Klara 31487(N) reġgħet dehret dieħla f'karozza li saqet sa grada. Kienet grada kbira u goffa u d-dehra metallika tagħha kienet tqabbad id-dardir lil min hu sensittiv u jħobb ħwejjeġ ġentili u delikati. Klara miskina ma ħasset xejn, la dwejjaq u lanqas ferħ, u anqas għarfet li dik il-grada weħida u ċassa kienet l-istess li rat hi meta tkellmet ma' Salvu. Baqgħet ma tafx hix ħajja jew mejta waqt li l-grada kbira nfetħet b'mekkaniżmu awtomatiku. Ma mxietx u kellha tiġi mbuttata

sakemm saqajha bdew jagħmlu l-passi.

Imbagħad marru jaħtfuha xi nies u ferħulha u qalulha li issa kienet fis-Sud u setgħet tistrieħ. Imma Klara 31487(N) ma kinetx taf x'inhu tistrieħ. Ħarset madwarha u ma rat xejn li kienet tifhem. Ħalliethom imexxuha 'l hawn u 'l hemm, jimbuttawha u jsejħulha Ċetta. Qatt ma tat l-iċken espressjoni li turi li taf fejn qiegħda. Ċetta kienet kompletament mitlufa, mhux fil-post, imma mitlufa fiha nnifisha. Kienet każ ta' persuna li tant titlef tagħrif dwarha nnifisha li ma tibqax sħiħa biżżejjed biex tkun konxja. Ċetta sempliċiment ma kellhiex memorja jew ħsieb ma' xiex tqabbel il-ħajja. Minn hawn 'il quddiem kienet taħdem u tiekol, tmur l-iskola u titħarreġ fil-militar, kollox għalxejn. Kien ikollhom ifakkruha anki biex tiekol, aħseb u ara biex titgħallem ħwejjeġ ġodda. Ċetta nsiet kollox, sa l-iċken oġġett. Kienet, pereżempju, tħares lejn sodda u ma tifhemx x'inhi, jew taqbad pala u tiskanta lejha sakemm juruha ġurnata wara l-oħra kif tużaha. Li kellha tajjeb Ċetta kien li meta turiha x'tagħmel, sakemm ma twaqqafhiex kienet tibqa' sejra. Dan il-fenomenu wassal lil Ċetta f'inħawi esperimentali fejn kienu jsiru studji fuq il-kapaċità umana. Kien post sigriet fis-Sud, iżda ismu kien magħruf. Il-ħaddiema kienu jitwerwru minnu u kienu jippruvaw jidhru normali kemm setgħu minħabba li l-esperimenti kienu jsiru fuq nies anormali. Fid-distretti tal-viċin in-nies kienu jisimgħu t-twerżiq u l-agħjat ta' nies imġienen fil-post u dan aktar kien iqajjem biża'.

Meta Ċetta daħlet fil-post ingħatat pala u wrewha kif tħaffer. Bdiet u baqgħet sejra bla kliem, bla espressjoni, waqt li kull siegħa ġew xi nies jarawha u jżommulha l-ħin. Ċetta tħalliet taħdem bla waqfien u bla ikel u l-għeja li bilfors kellha wara ġurnata ma dehritx fuq wiċċha. Kompliet taħdem b'xi tlieta min-nies jistudjawha u jżommulha l-ħin. U fl-aħħar ovvjament waqgħet u mietet. Xi ħadd qal, "Ħmistax-il siegħa u tlettax-il minuta. Mhux ħażin, hux?"

Min-naħa l-oħra Salvu 31487(N) kien qiegħed fin-naħa l-oħra jipprova ma jitfixkilx u jieqaf meta ddoqq is-serena. Salvu 31487(N) ma baqax l-iġgant li kien darba. Issa kien irqiq sew għalkemm twil, u kellu xi difett f'siequ l-leminija li bih ma setax jimxi sew. Moħħu kien jitħabat kuljum biex ma jagħmilx xi żball. Kien imur l-iskola kuljum u hemm igħidulhom x'ġara fl-antik f'pajjiż jismu Malta. Għalkemm ma kien jifhem xejn, u anqas biss kien jaf fejn kien dan il-pajjiż Malta, kien jipprova jiftakar kollox biex ta' l-inqas ikun jaf x'ġara veru u jinsa dik il-ħolma kerha li darba ltaqa' ma' mara jisimha Klara 31487(N). Ma jafx

għalfejn, imma dik il-ħolma kienet iġġiblu ħafna uġigħ f'rasu, f'sidru u l-aktar f'sieqU. Kien ċert li kienet ħolma ħażina u ma setax jifhem għalfejn tiġih meta ma ridhiex.

Salvu dara kważi kollox fin-Nord, anki jikteb xi listi fi speċi ta' kamra żgħira fejn kien jorqod. Haġa waħda ma seta' b'xejn jitgħallem: li jieqaf f'salt meta jisma' s-serena. Din li jieqaf kif inhu ma seta' jagħmilha b'xejn. Biex igħix kien jipprattika d-dar-uffiċċju, jipprova jieqaf f'salt u jibqa' ċass lejn il-ħajt f'ħafna pożizzjonijiet strambi. Kien jirrabja meta jħares mit-tieqa x'ħin iddoqq is-serena u jara l-kulħadd wieqaf — anqas wieħed, anqas wieħed ma jagħmel żball. Hu kien fortunat li sa l-ewwel ftit ġranet ma kienx barra waqt id-daqq tas-serena.

Għodwa waħda Salvu kien miexi fil-ħin tal-mistrieħ tiegħu, meta sema' ħoss u għaraf li kienet is-serena. Salvu 31487(N) feraħ li qagħad attent biżżejjed biex għaraf il-ħoss, iżda meta ħares 'l isfel ra b'disgust li saqajh kienu għadhom mexjin, il-leminija titħabat biex tlaħħaq. Salvu 31487(N) f'distrett sieket u wieqaf, xengel rasu u nfaqa' jidħak daħk kbir. Hares madwaru lejn kulħadd wieqaf u daħak bih innifsu u bl-iżball banali tiegħu. Wara waqa' fuq għarkubbtejh, baxxa rasu fuq il-bankina u kompla jidħak mingħajr storbju biex ma jtellifx lill-oħrajn. U ħaġa ta' l-iskantament, Salvu 31487(N) li qatt ma ftakar xejn dwar tfulitu kif kien qal lil mara Klara, dak il-ħin ġietu deħra ta' tifel qed jilgħab ma' sħabu jipprova jdaħħakhom waqt li huma jridu jibqgħu serji jħarsu lejh. Salvu waqaf mid-daħk u tbissem waqt li ġew għalih.

Ftit metri bogħod minn Salvu, xi żmien qabel, kien hemm wirdiena ġo kaxxa. Tgħidx kemm kien ilha tipprova toħroġ mill-kaxxa. Kienet bil-ġuħ u għajjiena sew. Ġurnata wara ġurnata m'għamlet xejn. Iżda fl-aħħar il-fortuna daħketilha u ma tafx kif ħarġet. Il-wirdiena ferħet ħafna u kienet it-tip indipendenti. Bdiet tiġri 'l hemm u 'l hawn, tgħajjat, tifraħ u tiġġennen, kienet meħlusa u bilkemm riedet temmen. Kienet libera jaħasra, libera. Hadet nifs qawwi fl-arja pura ta' barra u kompliet ġriet, bla ma taf, matul il-linja fejn kien mistħajjel il-Ħajt ta' Malta. Hadd ma ta kasha jew ħares lejha.

Dan l-eżerċizzju wassal biex il-wirdiena waqfet tistrieħ ftit. Ftakret f'wiċċ Salvu jidħak u wara wiċċ Klara 31487(N) imwerwra. Imbagħad reġgħet għaddiet mill-esperjenza ta' dik it-twerżiqa u hi bil-kaxxa b'kollox mitfugħa fl-art. Għalija kienet misħuta dik il-ġurnata ta' umiljazzjoni. Imma issa, issa kienet libera. Il-wirdiena ħasbet ftit liema naħa se tiġri u bla ħsieb xejn telqet il-Ħajt biex marret lejn naħa ġo Malta.

Semgħet xi storbju u rat saqajn neżlin madwarha sakemm ħosbiena qalet li setgħet tinżel xi sieq fuqha f'din il-logħba perikoluża. Xaqq l-għaraq għaliha u ġriet lura lejn il-Ħajt, biex baqgħet sejra n-naħa l-oħra. Fi ftit sekondi l-wirdiena tgħaffġet.

X'imkien bilfors li sar xi żball għax miskina ma kellhiex ħtija.

TMIEM



*Il-ħajja tista' tgħixha, tista' taraha,
tista' toħlomha u tista' toħloqha. Dan
hu l-periklu u s-sabiħ ta' kull bniedem.
Imbagħad għandna lingwa li biha
nqawwu l-għajxien ta', il-ħarsa lejn, il-
ħolma dwar u l-ħolqien ta' din il-ħajja.
Fuq kollox żgur li hemm Eżistenza
Waħda Assoluta li tispjega dan il-kaos
fittiexi t'hawn. Il-bniedem hu
mistoqsija immaġinattiva u fantastika
ġo silenzju kbir li jaf.*